

Il-Ġurnal Uffiċjali L 179

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

10 ta' Lulju 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 598/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika** 1
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 599/2009 tas-7 Lulju 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika** 26
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 600/2009 tad-9 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 52
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 601/2009 tad-9 ta' Lulju 2009 li jemenda għall-109 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban** 54
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 602/2009 tad-9 ta' Lulju 2009 li jiffissa l-prezz massimu għax-xiri tal-butir għas-8 stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 186/2009 56
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 603/2009 tad-9 ta' Lulju 2009 li jiffissa l-prezz massimu tax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għall-6 stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 310/2009 57

Prezz: 18 EUR

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 604/2009 tad-9 ta' Lulju 2009 li jiffissa l-ammont massimu tarifużjoni tal-esportazzjoni tal-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 58

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 605/2009 tad-9 ta' Lulju 2009 li jiffissa l-ammont massimu tarifużjoni tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 60

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Il-Kunsill

2009/532/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill imlaqqa' fil-kompożizzjoni ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern tad-9 ta' Lulju 2009 li jinnomina l-persuna li biħsiebu jaħtar bħala President tal-Kummissjoni għall-perijodu 2009-2014** 61

Il-Kummissjoni

2009/533/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/22/KE li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà tan-nefqa fuq il-proġetti kofinanzjati mill-Fond (notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5251)** 62

2009/534/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/457/KE li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għall-perijodu 2007 sa 2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5257)** 64



I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 598/2009

tas-7 ta' Lulju 2009

li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri provviżorji

- (1) Il-Kummissjoni, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 194/2009 ⁽²⁾ (ir-"Regolament provviżorju") imponiet dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika ("Stati Uniti" jew "il-pajjiż ikkonċernat").
- (2) Fil-proċediment parallel kontra d-dumping, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 193/2009 ⁽³⁾, il-Kummissjoni, imponiet dazju provviżorju kontra d-dumping fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil fl-Istati Uniti tal-Amerika.

1.2. Proċedura sussegwenti

- (3) Wara li ġew żvelati l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li fuq il-bażi tagħhom ġie deċiż li jkunu imposti

miżuri kumpensatorji provviżorji ("żvelar provviżorju"), għadd ta' partijiet interessati ressqi preżentazzjonijiet bil-miktub biex jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar ir-riżultati provviżorji. Il-partijiet li talbu dan, ingħataw l-opportunità li jinstemgħu. Il-Kummissjoni kompliet tfitx u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għas-sejbiet definittivi tagħha. Il-kummenti bil-fomm u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, is-sejbiet provviżorji ġew immodifikati skont dan.

- (4) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tkun rakkomandata l-impożizzjoni ta' miżuri kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw fl-Istati Uniti u l-ġbir definittiv tal-ammonti miġbura bħala dazju provviżorju ("żvelar finali"). Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu appelli wara dan l-iżvelar.

- (5) Il-Gvern tal-Istati Uniti (GSU) u l-partijiet interessati l-oħra, esprimew id-diżappunt tagħhom bid-deċizzjoni li jingħataw biss sittax-il ġurnata biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-għeluq provviżorju u wkoll bid-deċizzjoni li ma jiġux milqugħa t-talbiet ta' ċerti partijiet għal estensjoni sinifikanti ta' żmien biex jintbagħtu dawn il-kummenti.

- (6) L-Artikolu 30(1) tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-partijiet interessati jistgħu jingħataw id-dettalji tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġew imposti l-miżuri provviżorji. F'dan ir-rigward, hija l-prassi tal-Kummissjoni, mal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ta' regolament li jimponi miżuri provviżorji, li ttwettaq l-iżvelar lill-partijiet interessati kollha fi proċediment u li tipprovdi perjodu ta' żmien li fih il-partijiet ikun jistgħu jikkumentaw. F'dan il-proċediment, din il-prassi ssegwiet. Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien li fih il-partijiet kienu meħtieġa jikkumentaw, ir-Regolament bażiku ma jispeċifikax x'għandu

⁽¹⁾ ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 67, 12.3.2009, p. 50.

⁽³⁾ ĠU L 67, 12.3.2009, p. 22.

jkun dan il-perjodu. F'dan il-proċediment, tqies li għandu jingħata perjodu ta' sittax-il għurnata (li wara għie estiż għal sbatax-il għurnata) minħabba l-kumplessità tal-proċediment u l-ħtieġa li jiġi rispettata ir-rekwiżit fl-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku li l-investigazzjoni għandha tiġi konkluża fi żmien tlettax-il xahar mill-bidu tagħha.

- (7) Fir-rigward tar-rata tad-dazju stabbilita għall-kumpaniji fl-Istati Uniti li ma ppreżentawx lillhom infushom u ma kkooperawx fl-investigazzjoni, ir-rata tad-dazju provviżorja għet stabbilita fil-livell l-aktar baxx tal-ogħla marġini ta' sussidjar jew marġini ta' dannu li nstab fil-kampjun ta' produtturi esportaturi li kkooperaw. Ir-rata għet stabbilita skont kif stipulat (ir-rata tal-"kumpaniji l-oħra kollha" ta' EUR 237,0 kull tunnellata) fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament provviżorju. Il-GSU jqis li din ir-rata tad-dazju hija rata punittiva li għet ikkalkulata ħażin fuq il-bażi tal-fatti disponibbli. Il-GSU jqis li, sabiex wieħed iserraħ fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, l-ewwel għandu jiġi determinat jekk parti interessata rrifjutax jew naqqseti milli tipprovdi l-"informazzjoni neċessarja" ⁽¹⁾. Il-GSU iżda jqis li minflok għandha tiġi applikata r-rata medja differenzjata kkalkulata għall-kumpaniji li kkooperaw imma li ma kinux fil-kampjun.
- (8) Bi tweġiba għal dan, ta' min jinnota li, fl-istadju tal-bidu, il-Kummissjoni baġtet il-formola tal-kampjun, l-ilment, u l-Avviż tal-Bidu lill-kumpaniji elenkati fl-ilment (iktar minn 150 kumpanija). Kopja tal-formola tal-kampjun għet mehmuża wkoll man-Note Verbale li ntbagħtet lill-Missjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika lill-Komunitajiet Ewropej fil-bidu u huma ġew mistiedna jibagħtuha lill-esportaturi/produtturi fl-Istati Uniti tal-Amerika. Barra minn hekk, il-Bord Nazzjonali tal-Bijodiżil, li kien parti interessata mill-bidu ta' dan il-proċediment, jirrappreżenta għadd kbir ta' kumpaniji fl-industrija tal-bijodiżil fl-Istati Uniti tal-Amerika.
- (9) L-Avviż tal-Bidu, kif ukoll l-ittra mehmuża mal-formola tal-kampjun, għibdet l-attenzjoni għall-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni. Kif imsemmi fil-premessa (8) tar-Regolament provviżorju, aktar minn 50 kumpanija ppreżentaw irwieħhom fil-kuntast tal-eżerċizzju tal-kampjun u pprovdew it-tagħrif meħtieġ fi żmien il-perjodu ta' 15-il jum. Dawn il-kumpaniji kienu responsabbli għal aktar minn 80 % tal-importazzjonijiet totali ta' bijodiżil mill-Istati Uniti tal-Amerika lejn il-Komunità.
- (10) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika ntablu jagħtu informazzjoni addizzjonali. Partikolarment, l-awtoritajiet ġew mistiedna jstiednu kull esportatur/produttur tal-bijodiżil fl-Istati Uniti tal-Amerika, għajr dawk elenkati fl-Artikolu 1 u l-Anness tar-Regolament provviżorju, li ma kinux magħrufa fil-waqt tal-bidu tal-proċediment u li qabel ma kinux irrifjutaw li jkkoooperaw ⁽²⁾, biex jippreżentaw irwieħhom.
- (11) L-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika pprovdew lista bl-ismijiet ta' iktar minn 100 kumpanija addizzjonali (produtturi/esportaturi) fl-Istati Uniti tal-Amerika. Għie eżaminat jekk il-kumpaniji ġewx mistiedna jkkoooperaw fl-istadju tal-bidu tal-proċediment. L-investigazzjoni wriet li għadd sinifikanti ta' kumpaniji fuq il-lista kienu diġà ġew mistiedna jkkoooperaw matul l-eżerċizzju ta' teħid ta' kampjuni iżda għażlu li ma jeħdux sehem f'dak il-waqt. Fi kliem ieħor, dawn il-kumpaniji kienu konxji mill-konsegwenzi ta' nuqqas ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.
- (12) Madankollu, fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji (iktar minn 40) fuq il-lista li l-Kummissjoni ma kinitx taf bihom fil-waqt tal-bidu ta' dan il-proċediment, ġie nnutat li t-talba lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, biex jagħti dettalji ta' dawn il-kumpaniji, saret wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji. Għalhekk, ġie deċiż li dawn il-kumpaniji jiżdedu mal-Anness ta' dan ir-Regolament u li tiġi applikata l-istess rata tad-dazju lil dawn il-kumpaniji bħal dawk li kkooperaw b'mod espress iżda ma ntgħażlux fil-kampjun. Dawn il-kumpaniji rċevew il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġu imposti miżuri definittivi u ġew mistiedna jikkumentaw fuq il-fatt li kien propost li isimhom jiżded mal-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (13) Wara l-iżvelar finali, l-Istati Uniti laqat l-proposta li jiġi applikat id-dazju medju ddifferenzjat lill-kumpaniji addizzjonali. Madankollu, il-GSU qies li ma kinitx ingħatat spjegazzjoni għaliex il-kumpaniji l-oħra kienu soġġetti għar-rata tal-"kumpaniji l-oħra kollha". F'dan ir-rigward ta' min jinnota li għall-kumpaniji li ġew mistiedna jkkoooperaw matul l-eżerċizzju tat-teħid tal-kampjun, l-isjegazzjonijiet diġà ngħataw fuq. Fir-rigward ta' produtturi/esportaturi possibbli tal-Istati Uniti li ma kinux notifikati individwalment dwar l-investigazzjoni u ma ssemewx fil-lista msemmija fil-premessa (11), ta' min jinnota l-ewwel nett li saru sforzi estensivi fil-bidu tal-proċediment biex jiġu kkuntattjati l-kumpaniji kollha fl-Istati Uniti li jstgħu jkunu kkonċernati b'dan il-proċediment (ara l-premessi (8) u (10) fuq). Barra minn hekk, saru sforzi

⁽¹⁾ L-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku jiddikjara li: "F'każijiet fejn kwalunkwe parti interessata tirrifjuta aċċess għal, jew inkella ma tagħtix, informazzjoni neċessarja fi żmien il-limiti ta' żmien mogħtija f'dan ir-Regolament, jew timpedixxi l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet provvizjonali jew finali, affirmattivi jew negattivi, jstgħu jiġu magħmula fuq il-bażi tal-fatti disponibbli. [...]"

⁽²⁾ Mhux bħal dawk il-kumpaniji li rċevew formola tal-kampjun u ma rritornawhiex.

oħra wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji kif imsemmi fil-premessa (10) hawn fuq biex il-kumpaniji l-oħra jiġu identifikati u dan irriżulta fiż-żieda ta' iktar minn 40 kumpanija mal-lista ta' dawk li japplikahom id-dazju medju differenzjat. Tqies li dawn l-isforzi estensivi taw kull opportunità lill-kumpaniji tal-bijodiżil fl-Istati Uniti biex jippreżentaw irwieħhom. F'dan ir-rigward, ta' min jinnotta li l-assoċjazzjoni rilevanti tal-industrija kienet involuta fil-proċediment mill-bidu tiegħu. Konsegwentement, jitqies li r-rata tad-dazju tal-"kumpaniji l-oħra kollha" għandha tiġi applikata għall-kumpaniji li ma jippreżentawx lilhom infushom.

- (14) Kumpanija waħda li wiegħbet għall-formola tal-kampjun u li wara ġiet elenkata fl-Anness għar-Regolament Provviżorju talbet li l-kumpanija possedenti tagħha tiżdied mal-lista ta' kumpaniji fl-Anness. Din il-kumpanija talbet ukoll li l-belt fejn jinsabu ż-żewġ kumpaniji tinbidel fl-Anness biex tirrifletti korrettament l-indirizz fuq il-fatturi tal-kumpaniji.
- (15) Wara li t-talba ta' din il-kumpanija ġiet eżaminata, tqies li l-kumpanija possedenti għandha tiġi elenkata wkoll fl-Anness tar-Regolament attwali billi kienet imsemmija fit-tweġiba tal-kumpanija għall-formola tal-kampjun bħala l-unika kumpanija relatata involuta fin-negozju tal-bijodiżil. Il-belt fejn jinsabu ż-żewġ kumpaniji qed tiġi riveduta wkoll.
- (16) Żewġ kumpanija oħra li kkooperaw talbu li isimhom jitneħħa mill-Anness billi saħqu li mhumiex produtturi esportaturi. Għaldaqstant, isem il-kumpaniji tneħħa.
- (17) Ta' min jiftakar li l-investigazzjoni ta' sussidjar u ta' ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). Fir-rigward tax-xejriet rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat id-dejta li tkopri l-perjodu minn Jannar 2004 sa tmiem il-PI ("il-perjodu kkunsidrat").

1.3. Il-kampjun ta' produtturi Komunitarji u produtturi esportaturi fl-Istati Uniti

- (18) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-kampjun tal-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti, is-sejbiet provviżorji fil-premessi (6) sa (10) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- (19) Ċerti partijiet ikkummentaw dwar ir-rappreżentattività tal-kampjun tal-produtturi Komunitarji. Dawn il-kummenti qed jiġu indirizzati fil-premessi (77) sa (81) hawn taħt.

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott ikkonċernat

- (20) Qed jitfakkar li fl-avviż tal-bidu, il-prodott li allegatament kien qed jiġi ssussidjat kien definit bħala esteri monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew idrotrattament, ta' oriġini mhux fossila, magħruf komunement bħala "bijodiżil", sew jekk f'forma pura jew f'taħlitiet.
- (21) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* li l-bijodiżil u t-taħlitiet kollha ta' bijodiżil bid-diżil minerali, prodotti u ssussidjati fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità kienu affettwaw il-qagħda ekonomika tal-produtturi tal-bijodiżil fil-Komunità. B'konsistenza mal-karatteristiċi tal-produtturi rilevanti tal-Istati Uniti tal-bijodiżil u s-suq domestiku, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat nħasbet biex tkopri l-bijodiżil anke meta jiġi inkorporat fit-taħlitiet tal-bijodiżil. Madankollu, tqies li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif imsemmi fl-avviż tal-bidu u fil-premessa (20) hawn fuq, tista' tqajjem tħassib dwar liema produtturi u tipi ta' prodotti kienu maħsuba li jkunu koperti mill-investigazzjoni u liema ma kinux.
- (22) Bl-istess mod, għall-investigazzjoni tas-sussidjar u d-dannu, partikolarment għall-istabbiliment tal-marġini tas-sussidji u l-livelli ta' eliminazzjoni tad-dannu, kien meħtieġ li l-prodotti kkonċernati jiġu identifikati biċ-ċar mill-investigazzjoni.
- (23) F'konformità mal-karatteristiċi tas-suq tal-Istati Uniti, il-prodott ikkonċernat ġie definit provviżorjament bħala esteri monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew idrotrattament, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħrufa normalment bħala "bijodiżil", kemm jekk f'forma pura kif ukoll f'taħlitiet, li huma ogħla minn B20. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat kopra l-bijodiżil pur (B100) u t-taħlitiet kollha li fihom iktar minn 20 % bijodiżil ("il-prodott ikkonċernat"). Dan il-limitu tqies bħala xieraq biex jippermetti distinzjoni ċara bejn it-tipi varji ta' taħlitiet intiżi biex jitħalltu iktar u dawk intiżi għall-konsum dirett fis-suq Amerikan.
- (24) L-intestigazzjoni wriet li t-tipi kollha ta' bijodiżil u l-bijodiżil fit-taħlitiet koperti minn din l-investigazzjoni, minkejja d-differenzi possibbli fir-rigward tal-materja prima użata għall-produzzjoni, jew varjazzjonijiet fil-proċessi tal-produzzjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u jintużaw għall-istess għanijiet. Il-varjazzjonijiet possibbli fil-prodott ikkonċernat ma jbidlux id-definizzjoni bażika tiegħu, il-karatteristiċi jew il-perċezzjoni li bosta partijiet għandhom tiegħu.

- (25) Waslu asserzjonijiet minn partijiet interessati dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fejn ikkontestaw kemm id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif ukoll tal-prodott simili f'daqqa bl-istess argumenti mingħajr ma għamlu distinzjoni bejn il-kunċett tal-prodott ikkonċernat u tal-prodott simili fil-kuntest tal-proċediment.
- (26) Ta' min ifakkar li filwaqt li l-kunċett tal-prodott ikkonċernat jitmexxa mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1) sa 1(4) tar-Regolament bażiku, l-interpretazzjoni tat-terminu "prodott simili" jissema fl-Artikolu 1(5) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-asserzjonijiet se jiġu indirizzati separatament hawn taħt.
- (27) Parti waħda staqsiet sa liema punt it-taħlitiet bi proporzjon baxx ta' bijodiżil (eż. B21) għandhom xorta jitqiesu li jikkwalifikaw bħala bijodiżil fl-istess livell bħall-bijodiżil pur (B100) jew bħal taħlitiet simili li jikkonsistu primarjament f'bijodiżil b'ammont iktar baxx ta' diżil minerali (eż. B99). Huma saħqu li B100 u B99 bażikament għaddew mill-investigazzjoni u li l-kalkoli tad-dumping u l-ħsara saru fuq il-bażi ta' dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti. Fil-fehma tagħhom, l-iffissar ta' limitu eżatt iktar minn B20, jiġifieri t-taħlita bil-livell baxx mibjugħa direttament lill-konsumaturi fl-Istati Uniti, iwassal għal definizzjoni artifiċjali tal-prodott ikkonċernat.
- (28) L-istess parti staqsiet ukoll jekk taħlita b'20 % bijodiżil tibqax tikkwalifika bħala karburant bijodiżil minflok diżil minerali li mhuwiex inkluż fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Din il-parti tifhem li l-UE tappoġġa l-fehma li għandha tinholaq intestatura doganali ġdida⁽¹⁾ għall-bijodiżil fis-Sistema Doganali Armonizzata (HS). Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni wessgħet id-definizzjoni tal-prodott fil-proċediment preżenti u espandiet it-tipi ta' prodotti milquta mill-impożizzjoni tal-miżuri.
- (29) Barra minn hekk, il-parti tqis li fil-waqt tal-investigazzjoni, ma kienx jeżisti limitu speċifiku biex jiġi determinat x'inhu l-bijodiżil għall-klassifikazzjoni fil-kodiċi tan-NM 3824 90 91, il-kodiċi speċifiku maħluq mill-1 ta' Jannar 2008 għall-bijodiżil mill-UE. Hi staqsiet jekk skont ir-regola 3(b) tar-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda⁽²⁾, taħlita li jkun fiha inqas minn 50 % ta' bijodiżil tkunx għadha tikkwalifika bħala bijodiżil. Hi semmiet ukoll li l-eżempji ta' taħlitiet imsemmija fil-kwestjonarju tal-Kummissjoni kellhom kontenuti għolja ta' bijodiżil u għalhekk kienu jimprikaw li l-prodott ikkonċernat kien biss bijodiżil u taħlitiet li fihom biss livelli għolja ta' bijodiżil.
- (30) Il-parti saħqet ukoll li l-UE ma tistax tbiddel id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat filwaqt li żżomm prodott simili differenti. Hija semmiet l-Artikolu 15.1 tad-WTO ASCM (Agreement on Subsidies and Countervailing Measures – Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji). Skonthom, is-sussidju u d-dannu misjuba saru abbażi tal-B100 u l-B99 u l-kodiċijiet tas-Sistema tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti (HTS)⁽³⁾ li nużaw fl-investigazzjoni ma jidhru li jinkludu prodotti b'volum ta' bijodiżil baxx daqs 20 %. Huma semmew ukoll li iżvelar provviżorju lill-produttori tal-Istati Uniti tal-bijodiżil li kienu fil-kampjun, li juri li l-produttori tal-Istati Uniti fil-kampjun kienu jbiegħu taħlitiet magħmula esklussivament minn tipi varji ta' bijodiżil. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat għandu jkun limitat għall-prodotti li fihom 100 % ta' bijodiżil (B100), anki jekk komposti minn bijodiżil magħmul minn materja bażika differenti jew għal taħlitiet li fihom 99 % ta' bijodiżil (B99).
- (31) Il-parti semmiet Sentenza riċenti tal-Qorti⁽⁴⁾ dwar importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju u kkonkludiet li r-raġunar wara dik is-sentenza japplika wkoll għall-proċediment attwali u li l-bijodiżil li ma kienx parti minn taħlitiet f'kontenut għoli ħafna ma jistax ikun soġġett għall-investigazzjoni u għall-miżuri billi mhuwiex il-prodott simili li għalih saru s-sejbiet ta' dumping u dannu, jiġifieri prodotti li fihom biss il-bijodiżil (B100) jew taħlitiet b'99 % ta' bijodiżil (B99).
- (32) Il-partijiet ma tawx evidenza jew referenza legali li turi li l-prodott ikkonċernat ma kienx definit b'mod korrett f'din l-investigazzjoni. Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 1(1) sa 1(4) tar-Regolament bażiku li jipprovdu gwida dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. L-Artikolu 1(1) jgħid li: "Dazju ta' kumpens jista' jkun impost għall-iskop ta' tpaċija ta' xi sussidju mogħti, direttament jew indirettament, għall-manifattura, il-produzzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport ta' xi prodott li r-rilaxx tiegħu fiċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità toħloq ħsara."
- (33) Kif imsemmi fil-premessa (21) hawn fuq, l-ilment kien fih evidenza *prima facie* li l-bijodiżil u t-taħlitiet kollha ta' bijodiżil bid-diżil minerali, manifatturati fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità bi prezz issussidjat kienu affettwaw il-qagħda ekonomika tal-produttori tal-bijodiżil fil-Komunità.
- (34) Il-partijiet ma tawx evidenza li wriet li l-limitu ffissat fir-Regolament provviżorju li jifred il-prodott ikkonċernat u l-prodott mhux ikkonċernat kien artifiċjali. Kif imsemmi fil-premessa (26) u (28) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni wriet li B20, u potenzjalment taħlitiet b'livelli iktar baxxi, ġew fil-fatt mibjugħa direttament lill-konsumaturi fl-Istati Uniti. L-investigazzjoni wriet ukoll li s-suq għat-taħlit u s-suq għall-prodotti tal-konsumaturi kienu swieq differenti bi klijenti differenti: suq

⁽¹⁾ Intestatura bin-numru 3826 00 biex tkopri "bijodiżil u taħlitiet tiegħu, li ma fihomx jew fihom inqas minn 70 % tal-piż taż-żjut tal-petroljum jew żjut miksuba minn minerali bituminużi".

⁽²⁾ "Taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti mtellgħin għal bejgħ bl-imnut, li ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu kklassifikati daqlikieu kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenżjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli."

⁽³⁾ Kodiċijiet HTS 38 24 90 40 00 u 38 24 90 40 20

⁽⁴⁾ Il-Każ T-348/05: JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat v Council, l-10 ta' Settembru 2008, paragrafi 61-63.

wieħed fejn il-bijodiżil u t-taħlitiet tal-bijodiżil kienu maħsuba għal iktar taħlit min-negozjanti u min iħallat u suq ieħor fejn it-taħlitiet kienu maħsuba għan-netwerk ta' distribuzzjoni u għalhekk għall-konsumaturi. Id-definizzjoni tal-limitu għall-prodott ikkonċernat iktar minn B20 ippermetta li jkun hemm linja diviżiva ċara u li tiġi evitata l-konfużjoni bejn il-prodotti, is-swieq u l-partijiet varji fl-Istati Uniti. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(35) Fl-investigazzjonijiet kollha kontra s-sussidji, huwa komuni li l-kumpaniji individwali investigati ma jipproduċu u ma jbiegħu it-tipi kollha ta' prodotti inklużi fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Xi kumpaniji jistgħu jipproduċu firxa limitata ħafna ta' tipi ta' prodotti filwaqt li oħrajn jistgħu jipproduċu firxa ikbar. Madankollu, dan ma jaffettwax id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, qed jitqies li l-asserzjoni li l-prodott ikkonċernat għandu jkopri biss it-tipi ta' prodotti li ġew esportati mill-produtturi tal-Istati Uniti u użati għas-sussidjar u l-kalkoli tad-dannu mhijiex ġustifikata.

(36) Kif imsemmi fir-Regolament provviżorju u fil-premessa (20) hawn fuq, l-investigazzjoni ffukat primarjament fuq il-bijodiżil, f'għamla pura u inkorporata f'taħlitiet. Il-miżuri kumpensatorji se japplikaw biss għat-taħlitiet rilevanti esportati lejn is-suq tal-Komunità. Għalhekk, jitqies li l-mistoqsija dwar jekk taħlita b'20 % bijodiżil tibqax tikkwalifika bħala s'fjuwil bijodiżil minflok diżil minerali li mhuwiex inkluż fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat mhijiex rilevanti.

(37) Ta' min wieħed jiċċara li s-sussidji u d-dannu misjuba ta' kull kumpanija investigata kienu bbażati esklussivament fuq it-tipi ta' prodotti rilevanti li ġew prodotti u mibjugħa mill-kumpanija rilevanti matul il-Pl. L-asserzjoni li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat inkluż taħlitiet 'il fuq minn B20 jaffettwaw b'mod ħażin lill-produtturi tal-Istati Uniti mhijiex ġustifikata u ma tistax twassal għall-konklużjoni li l-prodott ikkonċernat għandu jkun limitat għall-prodotti li fihom 100 % bijodiżil (B100) anki jekk magħmula minn bijodiżil ta' materja bażika differenti jew taħlita magħmula minn 99 % bijodiżil (B99). L-inklużjoni ta' taħlitiet ogħla minn B20 fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ma kellhiex impatt fuq is-sejbiet magħmula għall-kumpaniji investigati li ma jipproduċu u ma jespertawx dan it-tip ta' prodott.

(38) L-allegazzjoni tal-parti li r-raġunar tas-Sentenza tal-Qorti⁽¹⁾ japplika wkoll għall-proċediment attwali u li l-bijodiżil li mhuwiex parti minn taħlitiet f'kontenut għoli ħafna ma jistax ikun soġġett għall-ambitu tal-investigazzjoni lanqas ma hi ġustifikata. Fil-fatt, għal kull kumpanija investigata, kull marġini tal-ħsara u s-sussidji se jaqblu eżattament mal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili li għalih ġew stabbiliti s-sussidji u d-dannu misjuba, jiġifieri t-tipi ta' prodotti rilevanti li fihom il-bijodiżil u li

jinbiegħu fis-suq domestiku u esportati lejn il-Komunità minn dik il-kumpanija. Ukoll, is-sentenza li semma l-operatur kienet tikkonċerna reviżjoni ta' miżuri eżistenti kontra d-dumping li rriżultat fl-estensjoni tagħhom għal prodotti oħra minbarra l-prodott ikkonċernat, li mhux l-istess każ fl-investigazzjoni attwali.

(39) Għalkemm, jitqies li l-eżempji pprovduti fi kwestjonarju maħsuba biex jiġbor dejta għall-iskop ta' investigazzjoni ma jistgħu jintużaw biex isiru suppożizzjonijiet dwar il-konklużjoni tal-investigazzjoni, ta' min jinnota li l-Kummissjoni ma tistax tkun taf minn qabel, jiġifieri qabel ma tagħmel l-investigazzjoni fuq il-post, liema tipi ta' prodotti jiġu prodotti u jinbiegħu fis-suq domestiku u għall-esportazzjoni mill-kumpaniji kkonċernati meta jkun sar il-kwestjonarju. Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku, it-tipi ta' prodotti rilevanti li għandhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' investigazzjoni kontra s-sussidjar huma dawk meqjusa li huma ssussidjati minn sussidju kumpensatorju. F'dan il-każ, dazju kumpensatorju jista' jkun impost biex jagħmel tajjeb għal kull sussidju mogħti, direttament jew indirettament, għall-manifattura, il-produzzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport ta' prodott.

(40) Jitqies ukoll li B100 ma għandux ikun eskluż mid-definizzjoni tal-prodott. L-ewwelnett billi B100 jew il-bijodiżil pur huwa l-prodott ewlieni li għalih ġew stabbiliti s-sussidji tal-Istati Uniti. Dan joħroġ biċ-ċar mill-Kodiċi tad-Dħul Intern tal-Istati Uniti (Kodiċi tal-Istati Uniti), partikolarment it-Titolu 26, \$40A, punt (d), li jiddefinixxi biċ-ċar it-terminu bijodiżil u li l-iskema sħiħa tas-sussidji ġiet implimentata biex tappoġġa l-industrija tal-bijodiżil fl-Istati Uniti. It-tieni, billi matul iż-żjara tal-verifika fil-post tal-GSU, jidher li l-bijodiżil, anki meta mħallat barra mill-Istati Uniti, minn kumpanija li għandha sussidjarju fl-Istati Uniti tista' tibbenefika mill-kreditu tat-taxxa Federali għall-bijodiżil ta' USD 1 kull gallun fl-Istati Uniti.

(41) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-produzzjoni tal-bijodiżil pur minn kull produttur fl-Istati Uniti timplika l-ħruġ ta' ċertifikat ta' produttur imsemmi fil-premessa 51 tar-Regolament provviżorju. Dan iċ-ċertifikat huwa trasferibbli u għandu jiġi ppreżentat lill-Gvern tal-Istati Uniti meta ssir it-talba għas-sussidju.

(42) Abbażi tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, huwa kkonfermat li t-tipi kollha ta' bijodiżil u l-bijodiżil fit-taħlitiet koperti minn din l-investigazzjoni, jiġifieri bijodiżil pur (B100) u taħlitiet ta' iktar minn B20, minkejja d-differenzi possibbli fir-rigward tal-materja prima użata għall-produzzjoni, jew varjazzjonijiet fil-proċess tal-produzzjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u jintużaw għall-istess għanijiet. Il-varjazzjonijiet possibbli fil-prodott ikkonċernat ma jbiddux id-definizzjoni bażika, il-karatteristiċi tagħha jew il-perċeżjoni li bosta partijiet għandhom tagħha.

(1) Il-Każ T-348/05: JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat v Council, l-10 ta' Settembru 2008, paragrafi 61-63.

2.2. Prodott simili

- (43) Instab provviżorjament li l-prodotti manifatturati u mibjugħa fis-suq domestiku tal-Istati Uniti, li huma koperti minn din l-investigazzjoni, għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili għal dawk esportati minn dan il-pajjiż lejn is-suq Komunitarju. Bl-istess mod, il-prodotti manifatturati mill-industrija tal-Komunità u mibjugħa fis-suq tal-Komunità għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili meta mqabbla ma' dawk esportati lejn il-Komunità mill-pajjiż ikkonċernat.
- (44) Għalhekk, ma nstabet ebda differenza bejn it-tipi varji tal-prodott ikkonċernat u t-tipi Komunitarji tal-prodott mibjugħ fis-suq tal-Komunità li tista' twassal għall-konklużjoni li t-tipi ta' prodotti manifatturati u mibjugħa fis-suq tal-Komunità mhumiex prodotti simili, li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi, jew simili ħafna, bħat-tipi tal-prodott ikkonċernat manifatturat fl-Istati Uniti u esportat lejn il-Komunità. Għalhekk, ġie konkluż li t-tipi kollha ta' bijodiżil koperti minn din l-investigazzjoni għandhom jitqiesu li huma l-istess skont it-tifsira tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament bażiku.
- (45) Parti waħda saħqet li d-definizzjoni tal-prodott simili hija marbuta mill-qrib mal-identifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat u għandha tiġi stabbilita f'termini tal-karatteristiċi fiżiċi u l-użu aħħari tal-prodott. Bażikament qalu li mhux il-B20 jiġi kkunsmat fl-UE iżda taħlita iktar baxxa li hi B5. Għalhekk, il-prodott simili ġie definit ħażin. Saħqu wkoll li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ma tistax titbiddel filwaqt li jinżamm prodott simili differenti.
- (46) Billi tidher ċar fil-premessi (31) sa (37) tar-Regolament provviżorju, id-definizzjoni tal-prodott simili hija marbuta mal-identifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat u ġiet stabbilita primarjament f'termini tal-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott. L-użu aħħari effettiv tal-prodotti tqies ukoll u tqies li l-limitu tal-B20 għandu jinżamm ukoll għad-definizzjoni tal-prodott simili. F'dan il-każ, l-għadd ta' tipi ta' prodotti koperti mid-definizzjoni tal-prodott simili tnaqqas ukoll biex jaqbel mad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (47) Għalhekk, l-asserzjoniet tal-partijiet li d-definizzjoni tal-prodott simili kienet inkorretta kellhom jiġu rrifjutati u d-definizzjoni provviżorja tal-prodott simili tista' tiġi kkonfermata.
- (49) Fir-rigward ta' din l-asserzjoni, ġie nnutat li, jekk il-kumpanija tkunx inkluża jew le fil-kampjun ma kellux impatt materjali fuq il-kumpanija f'termini tar-riżultati tal-investigazzjoni. Jekk kellha tiġi inkluża fil-kampjun, il-kumpanija jkollha r-rata tad-dazju kumpensatorju individwali tagħha stabbilita kif sar fl-istadju provviżorju anki jekk il-kumpanija ġiet eskluża mill-kampjun. Ir-Regolament attwali stabbilixxa wkoll rata kumpensatorja tad-dazju individwali għall-kumpanija. Wara l-iżvelar finali ta' dawn is-sejbiet, il-kumpanija saħqet li "l-esklużjoni *de-facto*" tagħha mill-kampjun tal-esportaturi telftilha xi drittijiet sostantivi inkluż drittijiet li jirriżultaw minn kalkoli speċifiċi kif applikati għad-dejta mogħtija mill-esportaturi fil-kampjun. Bi tweġiba għal dan, ġie nnutat li sar kalkolu speċifiku tal-livell tas-sussidjar ta' din il-kumpanija. Fir-rigward tal-marġini tal-ħsara għal din il-kumpanija, dan ġie stabbilit kif stipulat fil-premessi (173) sa (175) hawn taħt, jiġifieri fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, jekk wieħed iqis li l-kumpanija ma tatx l-informazzjoni mitluba fir-rigward tal-bejgħ tal-esportazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid tagħha fil-Komunità. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-asserzjoni tal-kumpanija ma ntaqgħetx.
- (50) Kumpanija waħda saħqet li r-rata tad-dazju kumpensatorju dehret li ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tal-bejgħ domestiku minbarra l-bejgħ għall-esportazzjoni. Il-kumpanija talbet li l-kalkoli jiġu kkoreġuti skont dan.
- (51) Fir-rigward ta' din l-asserzjoni, ġie nnutat li l-iskemi kollha tas-sussidji li qed jiġu kkumpensati nstabu li kienu sussidji domestiċi, jiġifieri li jibbenefikaw lill-bejgħ domestiku kif ukoll lil dak tal-esportazzjoni. F'konformità mal-prassi standard, l-ammont tal-benefiċċju minn kull skema fil-PI ġie allokata fuq il-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat (jiġifieri bejgħ domestiku flimkien mal-esportazzjonijiet). Għalhekk, l-argument tal-kumpanija ma ntaqax.
- (52) Din il-kumpanija, kif ukoll kumpanija oħra, innutat ukoll li l-valuri CIF użati għall-kalkolu tar-rata tad-dazju kompensatorju mhumiex l-istess bħal dawk użati għall-kalkoli tal-ħsara u d-dumping. Il-kumpaniji jqisu li, sabiex ikun hemm konsistenza, il-valuri CIF korretti li ntużaw għall-kalkoli tad-dumping u l-ħsara għandhom jintużaw ukoll għall-kalkoli tar-rata tad-dazju kumpensatorja.
- (53) Fir-rigward ta' din l-asserzjoni, wieħed għandu jerġa' jinnota li, kif imsemmi fil-premessa (51) hawn fuq, l-iskemi kollha tas-sussidji li qed jiġu kkumpensati nstabu li kienu sussidji domestiċi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, id-denominatur użat fl-istabbiliment tal-benefiċċju fil-PI huwa l-bejgħ totali u mhux, bħal fi proċedimenti tal-anti-dumping fejn il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-UE biss huwa d-denominatur. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din l-asserzjoni ma ntaqgħetx.

3. SUSSIDJU

3.1. Ġenerali

- (48) Kumpanija waħda saħqet li l-Kummissjoni kienet taf bir-raġunijiet stipulati fil-premessa 9 tar-Regolament provviżorju għall-esklużjoni tagħha mill-kampjun meta oriġinarjament għażlet il-kampjun. Fuq din il-bażi, il-kumpanija ma kellhiex tiġi eskluża mill-kampjun.

(54) Għadd ta' kumpaniji u l-Bord Nazzjonali tal-Bijodiżil (NBB) argumentaw li dazju kumpensatorju ma għandux jitpoġġa fuq importazzjonijiet ta' B100 fuq il-bażi li l-marginjiet tas-sussidji u l-ħsara ġew ikkalkulati mingħajr ma jiġi inkluż il-bejgħ ta' B100. Fir-rigward ta' dan l-argument, ta' min jinnota li l-bejgħ ta' B100 prodotti mill-kumpaniji fil-kampjun tqiesu fil-kalkolu tal-ammont tas-sussidju kumpensatorju kif ukoll fil-kalkolu tal-marġini tal-ħsara. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din l-asserzjoni ma ntlaghetx.

3.2. Taxxa tas-sisa/Kreditu mit-taxxa fuq id-dħul

(55) Kumpanija waħda saħqet li l-ammont ta' benefiċċju li rċeviet bit-taxxa tas-sisa federali/kreditu fuq it-taxxa tad-dħul fil-perjodu tal-investigazzjoni, ikun inqas minn USD 1 kull gallun jekk il-benefiċċju jiġi kkalkulat billi jinfirx fuq il-volum totali tal-bejgħ fil-PI.

(56) Fir-rigward tal-benefiċċju miksub bl-iskema tat-taxxa tas-sisa/kreditu tat-taxxa tad-dħul, dan ġie kkalkulat, kif imniżżel fil-premessa (59) tar-Regolament provviżorju, fuq il-bażi ta' USD 1 kull gallun ta' bijodiżil pur mibjugħ fil-PI, kemm jekk mibjugħ bħala bijodiżil pur (B100) u kemm jekk ftahlita. Dan il-benefiċċju ġie rifless fil-livell ta' dazju kumpensatorju provviżorju impost. Id-dazju provviżorju, u tabilħaqq id-dazju definittiv li issa għandu jiġi impost minn dan ir-Regolament, jistipula li d-dazju kumpensatorju fuq it-taħlitiet għandu jkun applikabbli proporzjonalment għat-taħlita skont il-kontent totali tal-bijodiżil. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jitqies li dazju bbażat fuq USD 1 kull gallun ta' bijodiżil waħdu jirrifletti korrettament il-benefiċċju fil-PI billi dazju orħos jiġi impost fuq, pereżempju, importazzjonijiet ta' B99 peress li fih inqas bijodiżil. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-asserzjoni tal-kumpanija ma ntlaghetx.

(57) Għadd ta' kumpaniji u l-NBB saħaq li, billi mhemmx disponibbli taxxa tas-sisa federali/kreditu fuq it-taxxa tad-dħul fuq il-bejgħ ta' B100, ma hemmx bażi biex wieħed iqis li dan il-bejgħ ibbenefika minn dan il-kreditu fuq it-taxxa. Waħda minn dawn il-kumpaniji argumentat partikolarment li, għall-bejgħ tagħha ta' B100 fil-PI, ma ntwerix li kienu l-benefiċjarju indirett tad-USD 1 kull gallun ta' kreditu fuq it-taxxa.

(58) Fl-indirizzar ta' dawn l-asserzjonijiet, ta' min ifakkar li l-Kodiċi tal-Istati Uniti jistipula li ma għandux jingħata kreditu għat-taħlitiet ta' bijodiżil sakemm il-kumpanija (min iħallat) li tagħmel it-taħlit tal-bijodiżil u d-diżil minerali tikseb ċertifikat ("Ċertifikat għall-Bijodiżil") mill-produttur tal-bijodiżil li fih il-produttur jiċċertifika l-kwantità ta' bijodiżil li għalih jirreferi ċ-ċertifikat. Iċ-ċertifikat tal-bijodiżil huwa trasferibbli u jintitola lid-detentur għal kreditu ta' taxxa ta' USD 1 fuq kull gallun għall-ammont ta' glalen ta' bijodiżil użati mill-pretendent fil-produzzjoni ta' kull taħlita ta' bijodiżil. Fir-rigward tal-bejgħ tal-B100 mill-kumpaniji investigati fil-PI, hemm

benefiċċju għall-kumpaniji billi ċ-ċertifikat tal-bijodiżil jagħti dritt għal kreditu fiskali ta' USD 1 għal kull gallun.

(59) Wara l-iżvelar finali, xi partijiet argumentaw li l-benefiċċju mill-kreditu fiskali ta' min iħallat jinkiseb minn dak li jħallat il-bijodiżil u li ma ġiex iddeterminat li għall-bejgħ tal-bijodiżil pur (B100), il-benefiċċju jinkiseb mill-produttur/bejjiegħ tal-B100. Bi tweġiba għal dan, ta' min jinnota li, kif spjegat hawn fuq, iċ-ċertifikat tal-bijodiżil huwa trasferibbli. Tabilħaqq, għalhekk, id-detentur taċ-ċertifikat jaf li ċ-ċertifikat għandu valur ta' USD 1 kull gallun.

(60) L-GSU jqis li, billi fil-premessa 44 tar-Regolament Provviżorju hemm li sabiex tkun eliġibbli għall-kreditu tat-taħlitiet tal-bijodiżil, kumpanija trid toħloq taħlita ta' bijodiżil u diżil, l-ammont tal-benefiċċju ma għandux ikun stabbilit fuq il-bażi ta' bijodiżil pur jew ftahlita kif stipulat fil-premessa (59) tar-Regolament Provviżorju. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li, għar-raġunijiet imsem-mija fil-premessa (58) hawn fuq u kif indirizzat fil-premessa (54) sa (55) tar-Regolament Provviżorju, qed jitqies li l-bijodiżil kollu huwa sussidjat.

(61) F'dawn iċ-ċirkostanzi, jitqies li l-bejgħ ta' B100 instab li jagħti benefiċċju lill-produtturi ta' dan il-prodott u, għalhekk, l-asserzjonijiet tal-premessa (57) u (60) ma ntlagħux.

(62) Xi kumpaniji u l-NBB argumentaw li ma għandux ikun hemm dazju kumpensatorju fuq importazzjonijiet ta' B100 billi dan il-bejgħ lejn l-UE ma jstax jibbenefika minn kreditu fiskali tal-bijodiżil. Kif intqal fil-premessa (60) hawn fuq, instab li l-bijodiżil kollu huwa ssussidjat bl-iskema tal-kreditu fiskali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tqies li dazju kumpensatorju jista' jitqiegħed fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil pur u bijodiżil ftahlita. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-bejgħ tal-B100 fil-Komunità huma eliġibbli wkoll għall-benefiċċji taħt il-kreditu tat-taxxa fuq id-dħul tal-Produttur ż-Żgħir tal-Agribijodizil.

(63) Matul il-PI, xi kumpaniji fil-kampjun kienu esportaw kwantitajiet żgħar ta' B100 lill-Komunità. Madankollu, deher li ma kienx hemm ġustifikazzjoni ekonomika biex jiġi esportat il-B100 minflok il-B99 lejn il-Komunità, billi direttament jew indirettament tal-aħħar kien jibbenefika mill-kreditu għat-taħlitiet tal-bijodiżil sakemm l-esportatur jew ix-xerrej ma kkwifikax għall-kreditu tat-taxxa fuq id-dħul imsemmi hawn fuq. F'dak il-każ, ikun hemm benefiċċju għall-produttur tal-Istati Uniti fl-istess mod bħall-bejgħ tal-B100 fis-suq domestiku. Wara l-iżvelar finali, l-Istati Uniti qalu li ma ġiex ikkwotata evidenza biex tissostanza l-istqarrija li ma hemmx ġustifikazzjoni ekonomika biex jiġi esportat il-B100 minflok il-B99 lejn il-Komunità. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li s-sejba ta' hawn fuq tgħid li "jidher" li ma hemmx ġustifikazzjoni ekonomika biex jiġi esportat il-B100 minflok il-B99 lejn il-Komunità. Ir-raġunijiet għal din il-konklużjoni huma kif stipulat hawn fuq.

(64) Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li huwa possibbli mija fil-mija li l-esportazzjoni tal-B100 tkun sussidjata u li jidher li ma hemmx ġustifikazzjoni ekonomika għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mingħajr is-sussidju, l-asserzjonijiet ta' hawn fuq ma ntlagħhux.

(65) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, is-sejbiet marbuta ma' din l-iskema kif stipulati fil-premessi (41) sa (63) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.3. Kreditu ta' taxxa fuq id-Dħul għall-Produttur iż-Żgħir ta' Agribijodizil

(66) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward din l-iskema, il-premessi (64) sa (72) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.4. Dipartiment tal-Istati Uniti tal-Programm dwar il-Bjoenergija mill-Agrikoltura

(67) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward din l-iskema, il-premessi (73) sa (86) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

SKEMI TAL-ISTAT

(68) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward l-iskemi, il-premessi (87) sa (157) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

— Eżenzjoni mit-taxxa tal-bijodiżil f'Illinois

— Fond ta' incenċiv għall-produttur kwalifikat tal-bijodiżil f'Missouri

— Sħubija ta' biofuwils f'North Dakota fl-ghajjnuna lill-Programm ta' għotjiet komunitarji ta' espansjoni (PACE)

— Kreditu fiskali fuq it-tagħmir ta' produzzjoni tal-bijodiżil f'North Dakota

— Kreditu tat-taxxa fuq id-dħul tal-bijodiżil f'North Dakota

— Eżenzjoni mit-taxxa fuq it-taħlit ta' bijodiżil u etanol f'Texas

— Programm ta' incenċiv għall-produttur ta' bijodiżil u etanol għall-fjuwil f'Texas

— Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-produttur ta' biofuwils fl-Istat ta' Washington

3.5. Ammont ta' sussidji kumpensatorji

(69) L-ammont ta' sussidji kumpensatorji bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espress *ad valorem*, għall-kumpaniji investigati jvarja bejn 29,1 % u 41,1 %. Billi dawn huma fl-istess livell kif stabbilit fil-premessa (158) tar-Regolament provviżorju, din il-premessa hija għalhekk ikkonfermata.

SKEMA → KUMPANJA ↓	Kreditu għat-taħlitiet ta' bijodiżil	Kreditu fiskali għall-Produtturi Żgħartal-Agribijodizil	Fond ta' incenċivi għall-produtturi kwalifikati tal-bijodiżil f'Missouri	Programm ta' incenċivi għall-produttur ta' etanol u bijodiżil f'Texas	Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-produttur ta' biofuwils fl-Istat ta' Washington	Total
	%	%	%	%	%	%
Archer Daniels Midland Company	31,3		3,8			35,1
Cargill Inc.	34,1	0,4				34,5
Green Earth Fuels of Houston LLC	38,7			0,3		39,0
Imperium Renewables Inc.	28,4				0,7	29,1
Peter Cremer North America LP	41,0					41,0
Vinmar Overseas Limited	41,1					41,1
World Energy Alternatives LLC	37,6					37,6

- (70) Il-metodoloġija għall-istabbiliment tal-marġini tas-sussidji għall-kumpaniji li kkooperaw u li mhumiex fil-kampjun, għet stipulata fil-premessa (159) tar-Regolament provviżorju. Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament bażiku, il-marġini tas-sussidju għall-kumpaniji li kkooperaw u li mhux inklużi fil-kampjun, ikkalkolat fuq il-bażi tal-marġini medju tas-sussidju b'piż differenzjat stabbilit għall-kumpaniji fil-kampjun li kkooperaw, huwa ta' 36.0 %. Għaldaqstant, il-premessa (159) tar-Regolament provviżorju hi kkonfermata.
- (71) Il-bażi għall-istabbiliment ta' marġini ta' sussidji għall-pajjiż kollu għet stabbilita fil-premessa (160) tar-Regolament provviżorju. Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessa (160) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

4. INDUSTRIJA KOMUNITARJA

4.1. Produzzjoni u pożizzjoni Komunitarja

- (72) Parti interessata waħda kkontestat l-esklużjoni mill-evalwazzjoni tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-grupp ta' produttori marbuta ma' produttur esportatur fl-Istati Uniti msemmija fil-premessa (162) tar-Regolament provviżorju fuq il-bażi tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku. Huwa argumentat li d-denominatur korrett biex jiġi stabbilit l-appoġġ lill-ilment għandu jinżamm f'madwar 5 400 elf tunnellata u mhux imnaqqas għal madwar 4 200 sa 4 600 elf tunnellata kif sar fl-istadu provviżorju.
- (73) Id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku biex jevalwa l-pożizzjoni jew l-appoġġ għall-investigazzjoni huma l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10(8) tar-Regolament bażiku. Għall-informazzjoni, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji dwar id-definizzjoni tal-industrija domestika jinsabu fil-leġiżlazzjoni fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku. Minn dawn id-dispożizzjonijiet, jidher ċar li d-definizzjoni tal-produzzjoni domestika biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni għanda ssir flimkien mal-istess rekwiżiti bħal dawk fid-definizzjoni tal-industrija domestika u hija soġġetta għalihom. Fi kwalunkwe każ, din l-asserzjoni mhijiex tali li tbiddel il-konklużjoni li l-investigazzjoni għet appoġġata minn proporzjoni kbira tal-produzzjoni Komunitarja. Anki jekk id-denominatur inżamm fi 5 400 elf tunnellata, l-appoġġ għall-investigazzjoni jkun iktar minn 50 %, jiġifieri fil-biċċa l-kbira ogħla mir-rekwiżiti tar-Regolament bażiku.
- (74) L-istess parti interessata argumentat li fid-dawl tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili li huwa l-bijodiżil, f'għamla pura jew ftahlitiet li fihom iktar minn 20 % ta' bijodiżil (B20), l-industrija Komunitarja u l-produzzjoni Komunitarja għandha tkun magħmula mill-kumpaniji Komunitarji kollha li jipproduċu l-bijodiżil u t-taħlitiet ogħla minn B20. Intqal li ma

hemmx evidenza li dak li rressaq l-ilment jew il-Kummissjoni ppruvaw jinkludu dawn il-kumpaniji fil-produzzjoni totali jew iddeterminaw li dawn il-produtturi appoġġaw l-ilment.

- (75) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li ċ-ċifra tal-produzzjoni totali tal-Komunità indikata fil-premessa (162) tar-Regolament provviżorju ma tqisx il-volum tal-produzzjoni tal-bijodiżil ftahlitiet ogħla minn B20. Jista' jkun iċċarat iktar li skont l-informazzjoni disponibbli, il-produzzjoni fil-Komunità ta' taħlitiet li fihom bejn 21 % (B21) u 99 % (B99) ta' bijodiżil kienet limitata ħafna matul il-PI. L-unika produzzjoni tat-taħlitiet f'din il-firxa kienet ikkonċentrata fuq taħlitiet ta' B30 u ma qabzix is-60 000 tunnellata f'termini ta' kontenut ta' bijodiżil. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkuntattjat produtturi magħrufa ta' B30 wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u r-risponsi li waslu minn tnejn mill-produtturi jindikaw li jappoġġaw l-ilment.
- (76) Minħabba li m'hemmx kummenti oħra, il-premessi (161) sa (163) tar-Regolament provviżorju dwar id-definizzjoni tal-produzzjoni Komunitarja, l-industrija Komunitarja u tal-kwalità tal-produttur Komunitarju, huma b'dan ikkonfermati.

4.2. Teħid ta' kampjuni

- (77) Parti waħda argumentat li r-rendiment ta' produttur Komunitarju wieħed fil-kampjun li naqas milli jikkoopera fl-investigazzjoni kien tajjeb ħafna u kellu jitqies fl-evalwazzjoni tal-ħsara lill-industrija Komunitarja. Ġie argumentat li dan il-produttur ma ġarrabx ħsara matul il-PI u li l-aħjar fatti disponibbli għandhom jintużaw skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, il-parti ssuġġeriet li tintuża dejta finanzjarja disponibbli għall-pubbliku ta' dan il-produttur għall-2007 u l-2008 għall-eżami tal-ħsara lill-industrija Komunitarja.
- (78) Hija prassi komuni fl-investigazzjoni ta' kontra s-sussidji li l-Kummissjoni teskludi produtturi li ma kkooperawx bl-iskop tal-evalwazzjoni tal-ħsara u li ma tużax fatt disponibbli f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Id-dejta dwar il-ħsara tkopri perjodu estiż ta' 4 snin u mhux possibbli li tinkiseb dwar sorsi pubbliċi, l-informazzjoni meħtieġa kollha biex jiġu stabbiliti l-indikaturi kollha tal-ħsara għall-perjodu kollu. F'dan il-każ partikolari, il-produttur Komunitarju msemmi ġie eskluż mill-investigazzjoni billi ma pprovidiex l-informazzjoni sinifikanti sħiħa għas-snin 2004 sa 2006 u ta biss informazzjoni parzjali għall-2007 u l-PI. Bl-użu tal-informazzjoni pubblika għall-attività ta' dan il-produttur fil-bijodiżil għall-2007 u l-2008, ma kienx jippermetti li tinkiseb dejta għall-fatturi kollha tal-ħsara u għas-snin kollha tal-perjodu kkunsidrat. Dan kien ifixkel ix-xejriet kollha li huma rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ħsara.

- (79) Barra minn hekk, kieku l-produttur imsemmi nżamm fil-kampjun, ma kinitx tkun possibbli l-evalwazzjoni tar-roħs fil-prezz li kellha ssir għat-totalità tal-bejgħ tal-produtturi fil-kampjun billi l-kumpanija msemmija ma tatx lista tal-bejgħ dettaljata skont it-tip ta' prodott għall-PI. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li bil-maqlub għall-asserzjoni tal-parti interessata, ir-rendiment finanzjarju tal-produttur imsemmi, f'termini ta' profittabbiltà kif jidher fid-dejta tiegħu disponibbli għall-pubbliku, kien inqas sewwa mill-profittabbiltà medja stabbilita għall-produtturi Komunitarju kkooperaw fil-kampjun li kif jidher fit-Tabella 7 tar-Regolament provviżorju. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, it-talba li saret minn din il-parti ġiet miċħuda.
- (80) L-istess parti saħqet li l-kampjun tal-produtturi Komunitarji ma kienx rappreżentattiv tal-industrija Komunitarja billi kien ibbażat biss fuq il-produtturi ta' bijodiżil pur (B100) u għalhekk ma inkludix produtturi ta' taħlitiet minn B99 sa B20 kif ukoll produtturi ta' taħlitiet tal-B100.
- (81) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li, kif imsemmi fil-premessa (75) hawn fuq, il-produzzjoni Komunitarja tat-taħlitiet tal-bijodiżil bejn B20 u B99 kienet limitata ħafna matul il-PI. Fid-dawl ta' din il-kwantità limitata, li tirrappreżenta inqas minn 2 % tal-produzzjoni Komuni-

tarja totali tal-prodott simili fil-PI, jista' jiġi konkluż li l-għażla tal-kampjun, li kien primarjament ibbażat fuq l-ikbar volum tal-produzzjoni u l-bjgħ fil-Komunità, kienet rappreżentattiva. Sa fejn għandhom x'jaqsnu l-produtturi ta' taħlitiet tal-B100, dawn il-kumpanija ma jistgħux jitqiesu bħala produtturi tal-prodott simili billi qed jipproċessaw, permezz ta' operazzjoni sempliċi ta' taħlit, prodott simili eżistenti. L-asserzjoni kienet għalhekk miċħuda.

- (82) Billi m'hemmx kummenti oħra, il-premessi (164) sa (166) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

5. ĦSARA

- (83) Kif imsemmi fil-premessa (17) hawn fuq, l-eżami tax-xejriet li jikkonċernaw l-evalwazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu minn Jannar 2004 sal-aħħar tal-PI. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-industrija Komunitarja kienet prattikament għadha tibda fl-2004. Għalhekk, tqies iktar xieraq li ssir analiżi tal-ħsara possibbli u tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija Komunitarja bbażata fuq ix-xejriet għall-perjodu 2005 sal-PI ("perjodu analizzat"). Billi ebda parti ma kkummentat dwar dan l-approċċ, il-premessa (167) tar-Regolament provviżorju ġiet ikkonfermata.

5.1. Il-konsum Komunitarju

Tabella 1

Konsum Komunitarju	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	1 936 034	3 204 504	4 968 838	6 644 042	6 608 659
Indiċi 2005=100	60	100	155	207	206

- (84) Fin-nuqqas ta' kummenti li jstgħu jiġġustifikaw bidla rigward il-konsum tal-Komunità kif indikat fit-tabella hawn fuq, il-premessi (168) u (173) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

5.2. Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u s-sehem mis-suq

- (85) It-tabella ta' hawn taħt turi t-total tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Komunità mill-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti matul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 2

L-importazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	2 634	11 504	50 838	730 922	1 137 152
Indiċi 2005=100	23	100	442	6 354	9 885
Sehem mis-suq	0,1 %	0,4 %	1,0 %	11,0 %	17,2 %
Indiċi 2005=100	25	100	250	2 750	4 300

Sors: Statistika ta' esportazzjoni mill-Istati Uniti

- (86) Parti interessata waħda saħqet li l-analiżi tad-dannu u l-kawża tal-proċediment ta' kontra s-sussidji għandha ssir fuq dejta differenti minn dik fil-proċediment parallel ta' kontra d-dumping. Ġie argument li s-sejbiet dwar is-sussidji huma bbażati fuq bijodiżil i) prodott minnhom stess, ii) prodott u mħallat u iii) mixtri u mħallat esportat lejn il-Komunità filwaqt li s-sejbiet tad-dumping, partikolarment il-bejgħ tal-esportazzjonijiet lejn il-Komunità, huma bbażati biss fuq il-bijodiżil tal-produtturi fil-kampjun prodott minnhom stess.
- (87) Din l-asserzjoni jidher li tissuġġerixxi li l-proċediment kontra d-dumping għandu dejjem ikun ibbażat fuq dejta idjeq meta mqabbel mal-proċediment kontra s-sussidji. Madankollu, fi stadju provviżorju nstab li fil-proċediment parallel kontra d-dumping, l-esportazzjonijiet kollha tal-produtturi tal-kumpaniji stess inklużi fil-kampjun ta' produtturi tal-Istati Uniti saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping fis-suq tal-Komunità. F'din l-investigazzjoni kontra s-sussidji, instabet xi ħaġa simili. Għalhekk, fiż-żewġ investigazzjonijiet, l-esportazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti tqiesu li kienu oġġett ta' dumping u ssusidjati u għalhekk kienu kollha inklużi fl-analiżi tad-dannu u l-kawża.
- (88) Madankollu, ta' min jinnota li, fi stadju definittiv, kumpanija waħda mill-Istati Uniti fil-kampjun ma nstabtx li kienet qed tagħmel dumping u dan wassal għal differenza bejn il-volum ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-volum ta' importazzjonijiet sussidjati li għandha titqies fl-analiżi tal-ħsara u l-kawża fil-proċedimenti. Fil-proċedimenti ta' kontra d-dumping, il-volum totali tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti ġie aġġustat biex jitqies il-fatt li l-importazzjonijiet ta' produttur esportatur wieħed fil-kampjun ma nstabx li kienu oġġett ta' dumping. Madankollu, dan ma jaffettwax il-proċediment kontra s-sussidji.
- (89) Fid-dawl ta' dawn il-fatti, din l-asserzjoni kellha tiġi miċħuda.
- (90) Parti interessata waħda saħqet li l-intestatura HTS 3824 90 tal-istatistika tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti li ntużat fir-Regolament provviżorju biex jiġu stabbiliti l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, minbarra l-bijodiżil, tkopri wkoll prodotti oħra bħal "sustanzi xaħmija li joriġinaw mill-annimali jew il-ħxejjex jew taħlit tagħhom". Għalhekk, l-analiżi tal-volum tal-importazzjoni mill-Istati Uniti ma kinitx tajba. L-istess parti interessata pproponiet li minflok jistgħu jintużaw ix-xejriet stabbiliti għall-produtturi investgati tal-Istati Uniti.
- (91) F'dan ir-rigward, l-ewwel qed jiġi nnutat li l-kodiċi HTS tal-Istati Uniti 3824 90 4000 intuża biex jiġu kkalkulati l-volumi tal-importazzjoni li joriġinaw fl-Istati Uniti u mhux l-intestatura tariffarja ta' sitt ċifri kif saħqet din il-parti.
- (92) Barra minn hekk, ta' min ifakkar li kif imsemmi fil-premessa (170) tar-Regolament provviżorju, id-dejta tal-Eurostat ma setgħetx tintuża biex jiġu vvalutati l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Istati Uniti billi sa tmiem l-2007 ma kienx hemm kodiċi distint tan-NM disponibbli għall-klassifikazzjoni doganali ta' dak il-prodott. Il-bijodiżil seta' tabilħaqq jiġi kklassifikat taħt bosta kodiċijiet tan-NM differenti li wkoll kien fihom id-dejta tal-importazzjoni għal prodotti oħra. Ir-raġuni għaliex l-istatistika tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti ntużat kienet li din dehret li ġabret l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat taħt kodiċi tariffarju wieħed, u li l-volum tal-prodotti l-oħra taħt l-istess kodiċi kellhom importanza żgħira sa fejn għandhom x'jaqsmu l-esportazzjonijiet tal-Komunità.
- (93) Fid-dawl tal-limiti fuq l-użu tad-dejta tal-Eurostat, alternattiva oħra flok l-istatistika tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti kienet tkun li tintuża d-dejta tal-importazzjoni rrapportata fl-ilment. Din id-dejta nksibet minn dawkl li għamli l-ilment minn sorsi kunfidenzjali ta' intelliġenza tas-suq u għalhekk l-użu ta' din l-informazzjoni kien ikollha din ir-restrizzjoni. Madankollu, f'għieħ il-kompletezza, ix-xejriet tal-volumi tal-importazzjonijiet kienu juru l-istampa li ġejja f'għamla indiciżzata:

Tabella 3

Importazzjonijiet mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Indiċi 2005=100	0	100	1 359	15 059	15 394

- (94) It-tqabbil tat-Tabella 3 hawn fuq mat-Tabella 2 turi li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-volumi tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu analizzat kienet iktar konservattiva minn dik li alternattivament kienet tintuża. Barra minn hekk, din l-istampa ġenerali tal-volumi tal-importazzjonijiet tat-Tabella 3 hija miġbura minn dejta kunfidenzjali li ma tistax tiġi żvelata filwaqt li l-istatistika tal-Istati Uniti hija informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.
- (95) Il-metodu propost mill-parti interessata kien juri l-istampa li ġejja fir-rigward tax-xejriet tal-volumi tal-esportazzjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura mill-produtturi esportaturi investigati:

Tabella 4

Importazzjonijiet mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Indiċi 2005=100	16	100	461	6 180	9 005

- (96) It-tqabbil tat-Tabella 4 mat-Tabella 2 hawn fuq juri xejriet simili ħafna bejn il-metodu użat mill-Kummissjoni u dak propost minn din il-parti.
- (97) L-istess parti interessata saħqet li minħabba li l-prodott ikkonċernat huwa l-bijodiżil u taħlitiet tal-bijodiżil b'kontenut tal-bijodiżil 'il fuq minn 20 % tal-volum tal-importazzjonijiet muri fit-Tabella 2 hawn fuq ma jstax jikkorrelata mal-volum korrett tal-importazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat.
- (98) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-investigazzjoni ma identifikatx importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat b'kontenut tal-bijodiżil ogħla minn B20 u inqas minn B99 matul il-PI. Fi kliem ieħor, l-investigazzjoni ma identifikatx importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li minħabba l-kontenut baxx ta' bijodiżil tagħhom jiġu kklassifikati taħt kodiċi HTS tal-Istati Uniti differenti.
- (99) Abbażi ta' dawn ta' hawn fuq, huwa konkluż li l-volum tal-importazzjoni ppreżentat fit-Tabella 2 tar-Regolament provviżorju jirrappreżenta stima affidabbli, oġġettiva u konservattiva tal-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat.
- (100) Parti interessata waħda saħqet li l-kwantitajiet *splash and dash* esportati mill-Istati Uniti kellhom ikunu distinti mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Istati Uniti billi dan tal-aħħar ma jstax jiġi ttrattat bħala importazzjonijiet li joriġinaw mill-Istati Uniti.
- (101) Barra minn hekk, l-istess parti u l-GSU saħqu li bil-maqlub għal dak li ntqal fil-premessi (179) u (182) tar-Regolament provviżorju, l-esportazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti ma jitqisux li joriġinaw fl-Istati Uniti. Mhemmx awtorità fl-Istati Uniti li tagħmel evalwazzjoni jew determinazzjoni fir-rigward tal-pajjiż tal-orijini ta' prodott partikolari għall-esportazzjoni u wieħed ma jstax jassumi li l-bijodiżil kollu li telaq mit-territorju tal-Istati Uniti joriġina minn hemm stess.
- (102) L-istess parti stqarret ukoll li r-Regolament dwar l-orijini stabbilit mill-US Census Bureau dwar id-determinazzjoni tal-orijini tal-prodotti esportati mhumiex magħrufa ħafna mal-industrija tal-bijodiżil u għalhekk l-esportaturi tal-bijodiżil, huma u jimlew id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni "Shippers Export Declaration" (SED) normalment jindikaw li l-prodotti esportati huma ta' orijini domestika.
- (103) Hija tenniet l-asserzjoni tagħha li għamlet fl-istadju provviżorju li l-volumi importati fil-Komunità "*splash and dash*" jirrappreżentaw iktar minn 40 % tal-prodott ikkonċernat esportat mill-Istati Uniti. B'appoġġ għall-asserzjoni tagħha, użat id-dejta tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti tal-kodiċijiet HTS 3824 90 4020 u 3824 90 4000, u prattikament saħqet li l-importazzjonijiet kollha tal-bijodiżil fl-Istati Uniti kienu riesportazzjonijiet fix-xejra "*splash and dash*" fil-Komunità.
- (104) Dwar dan, ta' min jinnota li l-kjarifika mitluba mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti dwar il-fatt li ebda awtorità tal-Istati Uniti ma tagħmel evalwazzjoni jew determinazzjoni tal-orijini ta' prodott partikolari għall-esportazzjoni tista' tiġi aċċettata.
- (105) L-asserzjoni li *splash and dash* jirrappreżenta għallinqas 40 % tal-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti lill-Komunità kienet ibbażata fuq l-assunzjoni li l-bijodiżil kollu importat fl-Istati Uniti fl-aħħar mill-aħħar jerġa' jiġi esportat lill-Komunità bix-xejra *splash and dash* mingħajr ma jiġi kkunsmat xejn fl-Istati Uniti jew jitħallat iktar fl-Istati Uniti qabel l-esportazzjoni.
- (106) Madankollu, id-dejta ppreżentata minn din il-parti turi li fis-snin 2004 sa 2006, l-importazzjonijiet qabżu sewwa l-esportazzjonijiet u dan jissuġġerixxi li hemm domanda domestika għall-bijodiżil minn pajjiżi oħra. Barra minn hekk, din l-assunzjoni hija pjuttost simplistika billi ma tqisx il-kwantitajiet ta' bijodiżil mħallta fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità fejn i) il-karatteristiċi tat-taħlitiet huma differenti minn dawk tal-materja prima li jagħtu orijini Amerikana lill-prodott imħallat kollu kemm hu jew ii) taħlitiet fejn il-proporzjoni ta' bijodiżil li toriġina mill-Istati Uniti tkun dik dominanti u tagħti orijini Amerikana lill-prodott imħallat kollu kemm hu. Ta' min ifakkar f'dan ir-rigward li, kif imsemmi fil-premessa (180) tar-Regolament provviżorju, il-kumpaniji tal-Istati Uniti investigati ddikjaraw li ma kienx possibbli li l-kwantitajiet esportati lill-Komunità jew mibjugħa fis-suq domestiku jiġu differenzjati bejn il-kwantitajiet prodotti minnhom stess jew li joriġinaw fl-Istati Uniti jew importati. Ta' min jinnota wkoll li l-orijini donna kienet iddikjarata korrettament mill-kumpaniji tal-Istati Uniti kkonċernati billi fil-każijiet kollha, it-taħlit sussegwenti ta' bijodiżil li ma joriġinax mill-Istati Uniti kien qed iseħħ fl-Istati Uniti. Tabilħaqq, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-produtturi esportaturi investigati huma kumpaniji kbar ħafna jew gruppi ta' kumpaniji b'kumpaniji relatati fil-Komunità u huwa diffiċli għalihom li jaċċettaw li ma kinux konxji mir-regoli eżistenti tal-Istati Uniti u tal-Komunità dwar id-determinazzjoni tal-orijini.

- (107) Fuq il-bażi ta' dan kollu, qed jiġi konkluż li ma hemmx ġustifikazzjoni biex l-importazzjonijiet lejn il-Komunità bix-xejra *splash and dash* għall-perjodu meqjus jiġu identifikati b'mod ċar. Qed jitqies ukoll li ma hemmx ġustifikazzjoni biex dawn l-esportazzjonijiet, jekk hemm, jiġu ttrattati bħala importazzjonijiet b'oriġini mhux Amerikana.

5.3. Prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati u r-roħs fil-prezz

5.3.1. Prezz tal-bejgħ tal-unitajiet

- (108) It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezz unitarju tal-bejgħ tal-importazzjonijiet kollha fis-suq tal-Komunità li joriġinaw mill-Istati Uniti matul il-perjodu meqjus kif aċċertat fil-premessi (183) u (184) tar-Regolament provviżorju.

Tabella 5

L-importazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Prezzijiet f'EUR/tunnellata	463	575	600	596	616
Indiċi 2005=100	81	100	104	104	107

Sors: Statistika ta' esportazzjoni Amerikana u twegġibiet għall-kwestjonarju tal-esportaturi Amerikani li ħadu sehem fil-kampjun

5.3.2. Traħħis tal-prezzijiet

- (109) Għall-iskop tal-analiżi tar-roħs fil-prezz, il-prezzijiet medji differenzjati tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun iċċarġjati lil klijenti mhux relatati fis-suq Komunitarju, aġġustati għal livell ta' xogħol li joħroġ mill-fabbrika, tqabblu mal-prezzijiet medji differenzjati korrispondenti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti, stabbiliti fuq bażi CIF għall-produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Istati Uniti li nstabu li kienu qed jagħmlu d-dumping fis-suq Komunitarju. Ġie applikat aġġustament għad-dazji doganali, l-ispejjeż post-importazzjoni u għad-differenzi fil-materja bażika użata għall-produzzjoni tal-bijodiżil, kif deskritt fil-premessa (186) tar-Regolament provviżorju.
- (110) Ċerti produtturi esportaturi allegaw li l-aġġustament għad-differenzi fil-materja bażika kien baxx wisq billi ma jirriflettix korrettament il-valur tas-suq tad-differenzi. Huma saħqu wkoll li d-differenzi għandhom jinkisbu fuq il-bażi tal-prezzijiet għat-tipi differenti ta' bijodiżil fis-suq tal-Komunità u kkwantifikaw din l-asserzjoni b'referenza għall-kwotazzjonijiet tal-prezzijiet, li ġew aċċettati mid-dwana ta' Antwerp, ippubblikati minn analista tas-suq.
- (111) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-aġġustament kien ibbażat fuq id-dejta totali u vverifikata miġbura mill-produtturi esportaturi fil-kampjun għall-operazzjonijiet tagħhom fl-Istati Uniti u, għalhekk, kien ibbażat fuq is-sejbiet tal-investigazzjoni li għalihom hemm sors affidabbli ħafna ta' informazzjoni. Barra minn hekk, il-kwotazzjonijiet tal-prezz fil-livell tal-Komunità ma kienux jkunu bażi xierqa għal dan l-aġġustament billi dawn il-livelli tal-prezzijiet kienu jkun affettwati mil-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati li joriġinaw mill-Istati Uniti. Fuq din il-bażi, l-asserzjoni ma ntlaqgħetx.
- (112) L-istess produtturi esportaturi saħqu li l-aġġustament għad-differenzi fil-materja bażika għandu jiġi applikat biss lill-bejgħ tal-produtturi esportaturi fil-kampjun u mhux lill-bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun billi l-bejgħ ta' dan tal-aħħar jikkonsisti f'taħlit kompattibli mal-istandards Komunitarji.
- (113) Din l-asserzjoni nstabt li kienet irrilevanti billi l-iskop tal-aġġustament kien li jiġu indirizzati d-differenzi tal-materja bażika u mhux kull differenza għar-rispett tal-istandards differenti applikabbli fil-livell Komunitarju. Għalhekk, l-asserzjoni ma ntlaqgħetx.
- (114) L-ilmentatur ikkontesta kemm huwa xieraq dan l-aġġustament billi qal li kemm il-produtturi Komunitarji u l-esportaturi tal-Istati Uniti użaw varjetà ta' materja bażika u t-tnejn ipproduċew varjetà ta' taħlitiet li huma pproduti fuq iż-żewġ swieq u, għalhekk, joperaw bl-istess firxa ta' possibiltajiet meta jiġu għall-għażla tal-materja prima.
- (115) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li, filwaqt li huwa minnu li kemm il-produtturi Komunitarji kif ukoll il-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti jużaw varjetà ta' taħlitiet ibbażati fuq materja bażika differenti, it-tqassim tal-materja bażika fit-taħlita jista' jvarja ħafna minn produttur għall-ieħor u anki minn klijent għall-ieħor tal-istess produttur. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li tqabbl preċiż tat-taħlitiet mibjugħa mill-produtturi Komunitarji fil-kampjun u dawn mibjugħa mill-produtturi esportaturi fis-suq Komunitarju kien il-każ fi ftit okkażjonijiet biss. Għalhekk, sabiex il-kalkoli tar-roħs jqisu t-tipi differenti ta' prodotti, tqies meħtieġ li jkun hemm aġġustament għad-differenzi fil-materja bażika. Għalhekk, din l-asserzjoni kellha tiġi miċħuda.

- (116) Ċerti produttori esportaturi saħqu li l-prezzijiet użati għall-kalkoli tal-marġini tal-ħsara kienu l-prezzijiet CIF tal-fruntiera Komunitarja u mhux il-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel klijent mhux relatat. Dawn saħqu li dawn il-kalkoli kellhom jiġu kkoreġuti sabiex iqisu l-valur u l-kwantitajiet tal-bejgħ lill-ewwel klijent mhux relatat.
- (117) Din l-asserzjoni nstabet li kienet rilevanti għal żewġ produttori esportaturi u l-kalkoli tal-ħsara ġew ikkoreġuti skont dan.
- (118) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-medja tal-marġini tar-roħs tal-prezzijiet fil-PI, espressa bħala perċentwali tal-prezzijiet tax-xogħol li ġej mill-fabbrika medji differenzjati tal-industrija tal-Komunità, nstabet li tvajra minn 18,9 % u 31,9 %, minflok firxa bejn 18,9 % sa 33,0 % fl-istadju provviżorju.
- 5.4. Qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja**
- (119) Kif imsemmi fil-premessi (209) sa (212) tar-Regolament provviżorju, instab li l-industrija Komunitarja ġarrbet ħsara materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku.
- (120) L-analiżi provviżorja wriet li r-rendiment tal-industrija Komunitarja tjejb fir-rigward ta' xi indikaturi tal-volum, iżda li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi relatati mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija Komunitarja ddeterjoraw b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Minkejja l-abilità tal-industrija Komunitarja li tiġbor il-kapital għal investimenti, il-qligħ fuq l-investimenti naqas drammatikament fil-PI u l-profitabilità naqset b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat.
- (121) Parti interessata waħda saħqet li l-analiżi fil-premessa (195) tar-Regolament provviżorju dwar it-ktabbir tal-industrija Komunitarja ma kinitx korretta. Partikolarment, din il-parti argumentat li r-Regolament provviżorju ssuġġerixxa li ż-żieda qawwiya fid-domanda għall-bijodiżil fis-suq tal-Komunità għandu jwassal għal żieda komparabbli fis-sehem tas-suq tal-industrija Komunitarja, filwaqt li ma hemmx korrelazzjoni diretta bejn iż-żieda fid-domanda u s-sehem tas-suq.
- (122) L-istess parti komplet targumenta li l-fatturi tal-ħsara msemmija fl-istess premessa (195) tar-Regolament provviżorju, jiġifieri l-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità tal-produzzjoni, il-produttività, il-bejgħ, il-politika dwar l-investment, il-qligħ mill-investment, ma jstgħux jitqiesu li huma milquta b'mod ħażin.
- (123) L-argument dwar il-dekorrelazzjoni bejn id-domanda u s-sehem mis-suq huwa aċċettat. Madankollu, jibqa' li bejn l-2006 u l-PI, is-sehem tas-suq tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun ġie mmultiplikat b'1,2 filwaqt li fl-istess ħin, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati ġie mmultiplikat b'madwar 17. Din iż-żieda komparattivament kbira fis-sehem mis-suq għall-importazzjonijiet tal-Istati Uniti hija r-riżultat ta' prezzijiet ħafna irħas għal dawn l-importazzjonijiet tal-Istati Uniti kif jidher fit-Tabella 5 u l-premessa (118) hawn fuq.
- (124) Rigward l-asserzjoni dwar l-ewwazzjoni globali tal-fatturi kollha tal-ħsara, huwa rikonoxxut li mhux dawn il-fatturi kollha marru lura matul il-perjodu meqjus. Madankollu, jingħad li fatturi marbuta mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija Komunitarja ntaqtu ħażin tassew, jiġifieri ntaqtu l-profitabilità u l-qligħ fuq l-investment u sa ċertu punt, il-produttività. Dan jirriżulta mill-fatt li l-industrija Komunitarja kellha tadatta għall-kompetizzjoni tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati tal-Istati Uniti u għażlet li żżomm il-preżenza fis-suq għad-detriment tal-profitabilità minflok ma żammet il-profitabilità iżda tilfet is-sehem mis-suq.
- (125) Ċerti partijiet interessati u l-GSU saħqu li l-livelli tal-profitabilità u l-qligħ fuq l-investment għall-produtturi tal-UE fil-kampjun għadhom tajbin fl-2007 u matul il-PI, f'valur assolut, minkejja t-tnaqqis qawwi meta mqabbel mas-snin preċedenti. Huma jargumentaw li l-livelli ta' profitabilità u l-qligħ fuq l-investment inkisbu mill-2004-2006 ma kinux sostenibbli u li l-industrija tal-bijodiżil tal-UE, bħal kull industrija li għadha tibda, esperjenzat fenomenu "boom and bust" normali matul il-perjodu meqjus.
- (126) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li xi kumpaniji tal-Istati Uniti fil-kampjun kisbu profitabilità ħafna ogħla, iktar minn 30 %, fil-kuntest simili ta' suq li qed jiżviluppa matul il-perjodu meqjus. Intqal ukoll li t-tnaqqis fil-profitabilità u l-qligħ mill-investment esperjenzat mill-industrija Komunitarja kien brutali ħafna billi seħħ mill-2006 sal-2007 u jaħbat eżatt maż-żieda fl-importazzjonijiet tal-Istati Uniti tal-bijodiżil.
- (127) Bosta produttori Komunitarji saħqu li s-sitwazzjoni ta' kumpaniji Komunitarji mhux fil-kampjun għandha titqies bis-siħh fl-ewwazzjoni tal-ħsara, partikolarment fid-dawl tal-bosta każijiet ta' tnaqqis, għeluq jew posponiment ta' proġetti ġodda li ġew identifikati fost dawn il-kumpaniji matul il-perjodu meqjus.
- (128) Min-naħa l-oħra, parti interessata waħda saħqet li r-referenza li saret fir-Regolament provviżorju lill-produtturi fil-Komunità mhux inklużi fil-kampjun hija irrilevanti, billi d-dejta mhux verifikata mill-produtturi barra mill-kampjun ma tistax tintuża biex turi l-ħsara. Din il-parti insistiet ukoll fuq d-dejta pubblika li turi li xi wħud minn dawn il-produtturi barra mill-kampjun kienu profitabbli.

(129) Fir-rigward taż-żewġ asserzjonijiet hawn fuq, ta' min ifakkar li r-Regolament provviżorju fil-premessi (205) sa (208) jirreferi għas-sitwazzjoni tal-produtturi barra mill-kampjun fil-Komunità bħala indikazzjoni supplimentari ta' ħsara, mingħajr impatti fuq il-kalkoli tal-indikaturi tal-ħsara u l-marġini tal-ħsara li għalihom intużat informazzjoni ivverifikata. Għalhekk, l-asserzjoni ma ntlaghetx. Min-naħa l-oħra, fin-nuqqas ta' statistika vverifikata jew informazzjoni individwali disponibbli dwar is-sitwazzjoni tal-produtturi tal-UE kollha barra mill-kampjun, mhux possibbli li ssir determinazzjoni preċiża għall-produtturi Komunitarji kollha kif issuġġerit mill-produtturi Komunitarji. Għalhekk din l-asserzjoni ma ntlaghetx lanqas.

(130) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tas-sejbiet provviżorji dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija Komunitarja, il-premessi (188) sa (194) u (196) sa (208) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

(131) Il-konklużjoni li l-industrija Komunitarja ġarrbet danni materjali, kif spjegat fil-premessi (209) sa (212) tar-Regolament provviżorju, hija kkonfermata wkoll.

6. KAWŻA TAD-DANNI

6.1. Effett tal-importazzjonijiet sussidjati

(132) Ta' min ifakkar li l-volumi tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti żdiedu sewwa fil-perjodu analizzat. Kien hemm ukoll koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda tal-importazzjonijiet sussidjati u d-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Komunità. Dik l-industrija ma kinitx kapaċi tiffissa l-prezzijiet tagħha f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq u ż-żidiet tal-ispejjeż, billi l-prezzijiet tagħha kienu ogħla fil-PI minn dawk tal-importazzjonijiet sussidjati.

(133) Huwa għalhekk ikkonfermat li ż-żieda ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti kellha impatt negattiv kbir fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija Komunitarja matul il-PI.

6.2. Effett ta' fatturi oħra

6.2.1. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

(134) Fin-nuqqas ta' kummenti li jiġġustifikaw bdil fis-sejbiet provviżorji qed jiġi kkonfermat li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma setgħu kienu xejn aktar għajr kontribut negliġibbli għad-dannu mġarrab mill-industrija Komunitarja.

6.2.2. L-iżvilupp tad-domanda

(135) Parti interessata waħda saħqet li t-tnaqqis fid-domanda bejn l-2007 u l-PI avolja kien negliġibbli (0,5 %) xorta waħda kien jikkawża ħsara lill-industrija Komunitarja billi

allega li żieda ipotetika ta' 10 % fid-domanda kienet twassal għal volum addizzjonali ta' bejgħ ta' 205 733 tunnellati jekk l-industrija Komunitarja tkun żammet l-istess sehem mis-suq ta' 29,8 % li kellha fil-PI.

(136) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-asserzjonijiet li għamlet din il-parti kienu bbażati fuq assunzjonijiet wiesa' u mhux sostanzjati. Barra minn hekk, minħabba li bejn l-2007 u l-PI, is-sehem mis-suq tal-industrija Komunitarja żdied b'2,8 % punti perċentwali, dan tabilħaqq jappoġġa l-konklużjoni fil-premessa (223) tar-Regolament provviżorju li l-ħsara li ġarrbet l-industrija Komunitarja ma tistax tiġi attribwita għal dan it-tnaqqis żgħir fid-domanda bejn l-2007 u l-PI. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward l-iżvilupp tad-domanda fis-suq tal-Komunità, il-premessa (223) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

6.2.3. Deċiżjonijiet tal-Politika Pubblika

(137) Parti waħda interessata tenniet l-asserzjoni tagħha li l-introduzzjoni mill-ġdid ta' taxxi fuq l-enerġija fil-Ġermanja, għandha mnejn influwenza b'mod negattiv il-qagħda ekonomika tal-produtturi Komunitarji li jfornu is-suq billi minħabba dawn il-miżuri d-domanda għall-bijodiżil B100 li jirrappreżenta għallinqas 1,5 miljun tunnellati kien jikkollassa. Saħqet ukoll, bi tweġiba għas-sejbiet tal-investigazzjoni stipulati fil-premessa (225) tar-Regolament provviżorju, li anki jekk l-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' taħlit ta' 4,4 % għad-diżil imqiegħed fis-suq Ġermaniżi għal skopijiet ta' trasport (B5) kien jikkompensa għat-telf allegat fil-bejgħ ta' B100, il-livelli tal-prezzijiet ta' B100 kienu differenti minn dawk tal-bijodiżil maħsub għat-taħlitiet B5. Hija allegat li B100 kien prodott biss mill-materja bażika taż-żerriegħa tal-kolza l-iktar għoli, filwaqt li l-bijodiżil B5 minn varjetà ta' materja bażika, u għalhekk kellu influwenza negattiva fuq il-prezz medju tal-produtturi Komunitarji.

(138) F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li, bil-maqlub għall-allegazzjonijiet li għamlet din il-parti, l-investigazzjoni wriet li l-volumi tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun li jfornu s-suq Ġermaniżi żdiedu b'68 % bejn l-2006 u l-PI, li tabilħaqq jikkonferma s-sejba provviżorja li kull telf fuq il-bejgħ tal-B100 ġew ikkumpensati mir-rekwiżit mandatorju tat-taħlit. Innutat ukoll li l-introduzzjoni tal-EUR 0,09 kull litru ta' bijodiżil mill-1 ta' Awwissu 2006 ma wassalx għall-kollassa tas-suq kif allegat din il-parti, iżda tabilħaqq, il-bejgħ ta' B100 naqsu sewwa fl-aħħar kwart tal-PI meta din it-taxxa kompliet tiżdied għal Euro 0,15 kull litru mill-1 ta' Jannar 2008. Fir-rigward tal-effett fuq il-prezzijiet, l-allegazzjonijiet li għamlet din il-parti ma kinux ġustifikati billi l-bijodiżil użat għaż-żewġ tipi ta' prodotti kellu jikkonforma mal-istess standards li jfisser li kemm fiż-żewġ fjuwils tal-bijodiżil, setgħet tintuża l-istess taħlita ta' materja prima li jfisser li ma kienx hemm differenzazzjoni ppruvata fil-prezz bejn iż-żewġ tipi ta' bijodiżil. Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, l-asserzjoni ma ntlaghetx.

- (139) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar id-deċiżjonijiet tal-politika pubblika, il-premessa (226) tar-Regolament provviżorju hija hawnhekk konfermata.
- (144) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward kapaċità mhux użata tal-produtturi tal-Komunità, il-premessi (227) sa (230) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.
- 6.2.4. *Kapaċità ta' produzzjoni wieqfa tal-produtturi Komunitarji*
- (140) Parti interessata waħda, filwaqt li aċċettat li r-rati tal-użu tal-kapaċità baqgħu pjuttost għoljin għall-produtturi Komunitarji fil-kampjun, saħqet li l-kapaċità żejda tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun xorta tkun kawża ta' ħsara minħabba li tirriżulta fi spejjeż fissi ogħla li jkollhom effett negattiv fuq il-profittabilità. Hija saħqet ukoll li ż-żieda fil-valur nett tal-assi tal-produtturi msemmija kienet tirriżulta f'żidiet fl-ispejjeż fissi billi d-deprezzament u l-ispejjeż finanzjarji kienu jkun ogħla.
- (141) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li mill-analiżi dettaljata tat-tqassim tal-ispejjeż varjabbli u fissi fl-istruttura tal-ispejjeż tal-industrija Komunitarja, ġie stabbilit li s-sehem tal-ispejjeż fissi jirrappreżenta biss 6 % tal-ispejjeż globali (il-premessa 228 tar-Regolament provviżorju). Barra minn hekk, ta' min jinnotta li din l-analiżi wriet flussi mhux sinifikanti f'dan il-perċentwali fil-perjodu analizzat. Fir-rigward tal-asserzjoni dwar l-effett fuq il-profittabilità kkawżat miż-żieda tal-valur nett tal-assi, ta' min jinnotta li ż-żieda fl-ispejjeż f'termini assoluti, ma twassalx awtomatikament għal żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni unitarja billi din tiddependi fuq il-volum tal-produzzjoni li, kif muri fit-Tabella 4 tar-Regolament provviżorju, żdiedet kostantament fil-perjodu analizzat. Għalhekk, spejjeż fissi ogħla f'termini assoluti ġew attribwiti lil volum ogħla ta' produzzjoni li rriżulta fit-tqassim imsemmi fuq tal-ispejjeż fissi frabta mal-ispejjeż globali. Abbażi ta' dan, l-asserzjoni ta' din il-parti interessata ma setgħetx tintlaqa'.
- (142) L-istess parti allegat li l-kapaċità żejda totali tal-produtturi Komunitarji għandha impatt dirett fuq il-prezzijiet billi jkun hemm ġlieda ħarxa bejn il-produtturi biex jirbħu l-kuntratti sal-ispejjeż marġinali u għalhekk, il-produtturi b'rati għoljin ta' użu kellhom ikunu l-aktar aggressivi fil-bejgħ tagħhom biex ibiegħu taħt il-prezz tal-kompetituri tagħhom. B'appoġġ għal din l-asserzjoni, baġtet stqarrija ta' kumpanija waħda fil-kampjun lid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha tas-sena 2007.
- (143) L-allegazzjonijiet, madankollu, ta' din il-parti ma kinux appoġġati b'evidenza billi ma saret ebda referenza lill-ġlieda allegata tal-prezzijiet minħabba l-kapaċità żejda f'din id-dikjarazzjoni. Din l-istqarrija minflok irreferiet għaż-żieda mill-gvern Ġermaniż tat-taxxa tal-enerġija fuq il-bijodiżil B100 mill-1 ta' Jannar 2008 li stimulat il-kompetizzjoni mis-suq tal-bijodiżil B5. Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, it-talba kellha tiġi rrifjutata.
- 6.2.5. *Domanda akbar għall-materja bażika agrikola u l-prezzijiet li qegħdin jiżdiedu*
- (145) Parti interessata waħda u l-gvern tal-Istati Uniti saħqu li ebda wieħed mill-argumenti fil-premessi (231) sa (235) tar-Regolament provviżorju ma jindirizza l-kwistjoni li l-prezzijiet taż-żejt tas-sojja, iż-żejt tal-palm u l-kanola fl-Istati Uniti mill-2004 dejjem baqgħu orħos mill-prezzijiet għaż-żerriegħa tal-kolja fil-Komunità li jagħti vantaġġ kompetittiv kbir lill-bijodiżil impurtat mill-Istati Uniti.
- (146) Wieħed irid jiftakar li l-investigazzjoni trid tistabbilixxi jekk l-importazzjonijiet sussidjati (fir-rigward tal-prezzijiet u l-volum) ikkawżawx ħsara materjali lill-industrija Komunitarja jew jekk dik il-ħsara materjali kinetx dovuta għal fatturi oħra. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku jiddikjara li jeħtieġ li jintwera li l-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati jikkawża dannu. Għalhekk sempliċement jirreferi għal differenza bejn il-livelli tal-prezzijiet, u b'hekk mhemm l-ebda rekwiżit li jiġu analizzati l-fatturi li jaffettwaw il-livell ta' dawk il-prezzijiet.
- (147) Fil-prattika, l-effett ta-importazzjonijiet sussidjati fuq il-prezzijiet tal-industrija Komunitarja essenzjalment ġie eżaminat billi ġie stabbilit it-traħħis tal-prezzijiet taħt il-prezz normali, id-depressjoni tal-prezzijiet u s-sopressjoni tal-prezzijiet. Għal dan l-għan, jitqabblu l-prezzijiet tal-esportazzjoni sussidjati u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija Komunitarja, u l-prezzijiet tal-esportazzjoni li ntużaw għall-kalkoli tad-dannu f'ċerti każi jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu aġġustati sabiex ikun hemm bażi komparabbli. Konsegwentement, l-użu ta' aġġustamenti f'dan il-kuntest jiżgura biss li d-differenza fil-prezzijiet tiġi stabbilita fuq bażi paragonabbli. Minn dan, joħroġ ċar li l-prezzijiet tal-materja prima fil-pajjiż esportatur ma jstgħux fil-prinċipji jkun fattur ieħor tal-ħsara.
- (148) Dak li nġhad hawn fuq ġie kkonfermat ukoll mill-kliem tal-Artikolu 8(7) tar-Regolament bażiku, li jirreferi għal fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet sussidjati. Il-lista tal-fatturi l-oħra magħrufa f'dan l-Artikolu ma tagħmel referenza għall-ebda fattur li jaffettwa l-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati. Fi ftit kliem, jekk l-importazzjonijiet sussidjati, u anki jekk ibbenefikaw minn żvilupp favorevoli fil-prezzijiet tal-materja prima, ma jitqiesx li dan l-iżvilupp jista' jkun fattur ieħor li jikkawża dannu.
- (149) B'hekk, l-analiżi tal-fatturi li jaffettwaw il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati, bħall-vantaġġ kompetittiv allegat minħabba l-prezzijiet orħos tal-materja prima, ma tistax tkun konklużiva u tali analiżi tmur lill-hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament bażiku.

(150) Madankollu, u mingħajr ħsara għal li ntqal hawn fuq, ta' min ifakkar li ż-żieda ġenerali fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli madwar id-dinja seħħet fil-PI u li ż-żieda fil-prezz taż-żejt tas-sojja (is-sustanza ewlenija użata mill-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat) kienet ikbar miż-żieda taż-żejt tal-kolza fl-istess perjodu. Madankollu, dawn iż-żidiet fl-ispejjeż fl-Istati Uniti ma ġewx riflessi fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati fis-suq Komunitarju b'riżultat li l-prezzijiet tagħhom kienu ħafna orħos minn tal-industrija Komunitarja.

(151) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, l-asserzjoni ma ntlagħgetx.

(152) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward iż-żieda fid-domanda għall-materja bażika u ż-żieda fil-prezzijiet, il-premessi (231) sa (238) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.2.6. Żvilupp fil-prezz tad-diżil minerali

(153) Parti interessata waħda tenniet l-asserzjoni tagħha (ara l-premessa 236 tar-Regolament provviżorju) u kompliet targumenta li l-prezzijiet tad-diżil minerali jagħmel limiti sa liema l-produtturi tal-bijodiżil ma jkunux jistgħu jżidu l-prezzijiet tagħhom f'konformità maż-żidiet fil-materja bażika

(154) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-produtturi Komunitarji kollha kienu qed ifornu swieq fejn jeżistu limiti mandatorji ta' taħlit. Barra minn hekk, il-bijodiżil kien soġġett għat-tnexxija tat-taxxi f'ħafna mill-Istati Membri li jfisser li l-prezz tiegħu huwa komparabbli mal-prezz tad-diżil minerali b'żieda ta' fattur biex titqies it-taxxa fuq l-enerġija li dan tal-aħħar huwa soġġett għaliha. Dan ifisser li filwaqt li wieħed jista' jaċċetta ċerta korrelazzjoni bejn il-prezzijiet taż-żejt, l-investigazzjoni stabbiliet li għar-raġunijiet imsemmija fuq, il-bijodiżil jista' tabilħaqq jinbiegħ bi prezzijiet ogħla mid-diżil minerali. Barra minn hekk, din il-parti ma bagħtix evidenza konvinċenti li wriet li l-prezzijiet tad-diżil minerali li kienu flivelli għolja ħafna fit-tieni nofs tal-PI tefgħu pressjoni fuq il-prezzijiet tal-bijodiżil tal-produtturi Komunitarji fil-PI.

(155) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar l-iżvilupp tal-prezz tad-diżil minerali, qed jiġi konkluż li dan il-fattur ma kkawżax ħsara lill-industrija Komunitarja.

6.2.7. L-importazzjoni tal-lok tal-impjanti tal-bijodiżil fil-Komunità

(156) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward fejn jinsabu l-impjanti tal-bijodiżil fil-Komunità, il-premessi (239) sa (241) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

6.2.8. Produtturi relatati mal-esportaturi tal-Istati Uniti

(157) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti mill-produtturi marbuta

mal-esportaturi tal-Istati Uniti, il-premessa (242) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

6.2.9. Il-konklużjoni dwar il-kawża tad-danni

(158) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (243) sa (245) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

7. INTERESS KOMUNITARJU

7.1. Industrija Komunitarja

(159) Wara l-iżvelar provviżorju, il-produtturi tal-industrija Komunitarja approvaw is-sejbiet tal-Kummissjoni u kkonfermaw li l-miżuri jkunu fl-interess tagħhom.

(160) Parti interessata waħda saħqet li l-miżuri ma jkunux fl-interess tal-industrija tal-Komunità billi l-miżuri se jirriżultaw f'bidla fil-flussi kummerċjali, jiġifieri qalba lejn importazzjonijiet minn pajjiżi mhux koperti mill-miżuri, billi i) l-operaturi tas-suq Komunitarju se jkomplu jeħtieġu bijodiżil orħos abbażi taż-żejt tas-sojja u tal-palm sabiex jikkomplementawha bil-bijodiżil iktar għoli taż-żerriegħa tal-kolza li hija prodotta mill-industrija Komunitarja u ii) billi l-bijodiżil taż-żejt tal-kolza mhux se jkun biżżejjed biex ikopri d-domanda.

(161) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li filwaqt li l-materja bażika ewlenija użata mill-produtturi tal-industrija Komunitarja hija ż-żerriegħa tal-kolza, l-istess produtturi ma jserrħux biss fuq din il-materja bażika għall-produzzjoni tal-bijodiżil iżda wkoll fuq materja bażika oħra bħaż-żejt tas-sojja u tal-palm. Madankollu, minħabba li ħafna drabi l-prezz ta' materja bażika oħra jkun ogħla mill-prezz tal-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil abbażi ta' din il-materja bażika, il-produtturi tal-industrija Komunitarji tneħħitilhom il-possibilità li jużaw iż-żejt tas-sojja u tal-palm fuq skala ikbar. Għalhekk, huwa mistenni li l-impożizzjoni tal-miżuri tirrestawra l-kundizzjonijiet normali tas-suq f'dan ir-rigward u l-produtturi tal-industrija Komunitarja jkunu jistgħu jadattaw b'mod iktar effiċjenti l-produzzjoni tagħhom għat-tipi differenti ta' bijodiżil meħtieġ fis-suq Komunitarju. Fuq din il-bażi, l-asserzjoni ma ntlagħgetx.

(162) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward l-interess tal-industrija tal-Komunità, il-premessi (247) sa (249) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

7.2. Importaturi/kummerċjanti indipendenti fil-Komunità

(163) Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-importaturi wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, qed jiġi konkluż li l-effett tal-miżuri aktarx ma jkollux impatt materjali fuq l-importaturi/ il-kummerċjanti.

7.3. Utenti fil-Komunità

- (164) Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-utenti wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, qed jiġi konklużi li d-dazji kumpensatorji aktarx ma jkollhomx impatt materjali fuq l-utenti.

7.4. Fornituri ta' materja prima fil-Komunità

- (165) Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-fornituri wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, il-premessi (256) sa (258) tar-Regolament provviżorju huma ikkonfermati.

7.5. Interessi oħrajn

- (166) Wara l-iżvelar provviżorju, parti interessata waħda stqarret li l-manifatturi tal-karozzi li investew fil-produzzjoni ta' vetturi aġġustati għall-użu tal-bijodiżil jistgħu ma jkunux jistgħu japprofittaw mill-investimenti tagħhom billi jbiegħu dawn il-vetturi jekk il-prezzijiet tal-bijodiżil fil-Komunità jogħlew minħabba l-miżuri għal livelli li ma jkunux kompetittivi ma' dawk tad-diżil minerali.
- (167) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-possibilità allegata minn din il-parti setgħet isseħħ anki mingħajr il-miżuri, jiġifieri l-prezzijiet tad-diżil minerali (li jiddependu fuq il-prezzijiet taż-żejt mhux raffinat) jistgħu jonqsu għal livelli li jagħmluhom ħafna iktar kompetittivi mill-bijodiżil. Għalhekk, jidher mhux raġonevoli li wieħed jissuġġerixxi li l-industrija tal-karozzi għamlet investimenti mingħajr ma qieset dan il-parametru. Għalhekk, din il-klejm ġiet irrifjutata.
- (168) Wara l-iżvelar provviżorju, assoċjazzjoni waħda tal-bdiewa tal-UE esprimiet l-appoġġ tagħha u indikat li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil tal-Istati Uniti telfu lill-produtturi tal-UE taż-żerriegħa taż-żejt minn madwar 6 miljun tunnella ta' żerriegħa taż-żejt jew madwar 11 % tal-produzzjoni tal-UE fl-2007 u l-2008 taż-żerriegħa taż-żejt, u waslu għal tnaqqis ta' 90 EUR għal kull tunnelata fil-valur potenzjali taż-żerriegħa tal-kolza użata għal skopijiet mhux gastronomiċi. Dawn l-aħħar kummenti, madankollu, ma setgħu jiġu vverifikati.

7.6. Effetti li jfixklu l-kompetizzjoni u l-kummerċ

- (169) Parti interessata waħda tenniet il-kummenti tagħha dwar l-inkoerenza tal-miżuri kumpensatorji mal-politika tal-Unjoni Ewropea għall-promozzjoni tal-użu tal-bijofjuwils. Hija żiedet li l-Unjoni Ewropea ma tistax biss tiddependi fuq il-bijodiżil ibbażat fuq iż-żerriegħa tal-kolza prodott fil-Komunità biex tiżviluppa s-suq tal-bijodiżil tagħha.
- (170) Filwaqt li dan il-kumment ġie indirizzat fit-taqsima 7.6 tar-Regolament provviżorju, għall-kwistjoni tal-bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza imqajma minn din il-parti, issir referenza wkoll għall-premessa (161) hawn fuq.
- (171) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward effetti ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-premessi (259) sa (261) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7.7. Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità

- (172) Meta jitqies dak li nġhad aktar 'il fuq, qed jiġi konklużi li f'dan il-każ m'hemm l-ebda raġuni konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji.

8. MIŻURI KOMPENSATORJI DEFINITTIVI

8.1. Livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara

- (173) Kumpanija waħda saħqet li, fir-rigward tal-iffissar tal-marġini tad-dannu tagħha fil-livell tal-ogħla marġini tad-dannu misjub għall-kumpaniji fil-kampjun (ara l-premessi (268) sa (270) tar-Regolament provviżorju), hija offriet li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi kkalkulat il-marġini tagħha stess. Barra minn hekk, il-kumpanija kienet lesta tippermetti żjara fuq il-post tas-sussidjarja tal-kumpanija. Il-kumpanija baġtet tgħid li din l-istedina għadha miftuħa.
- (174) Wara li rċeviet it-tweġiba ta' din il-kumpanija għar-rispons fuq il-kwestjonarju wara l-bidu tal-proċediment, ġie nnutat li kien hemm ċerti nuqqasijiet fl-informazzjoni fir-rigward tal-bejgħ tal-esportazzjoni lill-Komunità u l-bejgħ mill-ġdid tal-importatur relatat tagħha fil-Komunità. Il-kumpanija ntalbet tipprovdi l-informazzjoni kkonċernata fi skadenza speċifikata iżda l-kumpanija ma wegħbitx għat-talba. Il-kumpanija mbaġhad ġiet mgħarrfa li, skont kif imniżżel fil-premessa (268) tar-Regolament provviżorju, jekk it-tagħrif mitlub ma jingħatax, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, it-tagħrif nieqes ipprovdut fir-rispons tal-kwestjonarju tagħha jista' ma jitqiesx. Il-kumpanija għarrfet dwar il-konsegwenzi tal-kooperazzjoni parzjali tagħha u nġhatat l-opportunità li tikkummenta. Il-kumpanija wiegħbet kważi ġimagħtejn wara l-iskadenza preskritta billi qalet, fost oħrajn, li l-kumpanija "se tibgħat urġentement l-informazzjoni mitluba". Madankollu, l-informazzjoni mitluba qatt ma nġhatat mill-kumpanija.
- (175) Fid-dawl ta' hawn fuq, huwa kkonfermat li l-livell ta' eliminazzjoni ta' dannu għal din il-kumpanija jiġi stipulat fil-livell tal-ogħla marġini ta' dannu li nstab għall-kumpaniji fil-kampjun.
- (176) Għadd ta' partijiet interessati u l-GSU kkuntestaw id-determinazzjoni provviżorja li marġini ta' profitt ta' 15 % ikun il-marġini ta' profitt li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.
- (177) Parti interessata waħda qalet li l-marġini ta' profitt għall-industrija tal-Komunità użat għad-determinazzjoni tal-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara għandu jkun stabbilit fil-livell ta' profitt imwettaq mill-industrija tal-Komunità matul il-PI, jiġifieri, 5,7 % billi dan il-marġini ta' profitt ikun fil-firxa ta' profitti miksuba għall-prodotti bħall-bijodiżil. B'appoġġ għal din il-klejm, qed issir referenza għall-profitti miksuba mill-produtturi tal-Istati Uniti għall-etanol, żjut veġetali u raffinerji petrolifiċi.

- (178) Ta' min jinnota li l-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-profitt li l-industrija tista' tistenna li tikseb b'mod raġonevoli fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fuq is-suq tal-Komunità. Finvestigazzjoni partikolari, il-profitt miksub fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat jista' jiġi raġonevolment ikkunsidrat bħala l-profitt miksub fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati. Tabilħaqq, f'dan il-każ speċifiku, fis-snin bikrija tal-perjodu kkunsidrat (2004-2006) l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti qatt ma kellhom sehem mis-suq ikbar minn 1 % u għalhekk jista' jiġi raġonevolment konkluż li dawn il-perjodi kienu kkaratterizzati min-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati. Għalhekk, il-profitt medju miksub f'dawn il-perjodi mill-industrija Komunitarja tqiesu bħala bażi raġonevoli għad-determinazzjoni tal-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara filwaqt li tqies ukoll il-bżonn li jiġi ggarantit l-investiment fil-produzzjoni ta' din l-industrija ġdida. Barra minn hekk, u b'rabta mal-klejm li għamlet il-parti interessata, l-investigazzjoni wriet li l-profitti miksuba mill-ikbar produtture esportaturi tal-Istati Uniti għall-operazzjonijiet domestiċi tagħhom tal-bijodiżil kienu 'l fuq sewwa mill-profitt użat għad-determinazzjoni tal-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara. Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, it-talba kellha tiġi rrifjutata.
- (179) Ċerti klejms minn kumpaniji tal-Istati Uniti dwar il-konverżjoni tad-dazji *ad valorem* fdazji ta' ammonti fissi, deskritti fil-premessa (185) hawn taħt, żvelaw li l-ammont *ad valorem* tar-roħs fil-prezz ġie kkalkulat bħala l-proporzjon bejn it-total tar-roħs u l-prezz CIF aġġustat (ara l-aġġustament imsemmi fil-premessa (109)), filwaqt li

l-prezz CIF mhux aġġustat kellu jintuża kif sar biex jiġi kkalkulat il-marġini tad-dumping *ad valorem*. Għalhekk, il-livelli kollha *ad valorem* tal-eliminazzjoni tal-ħsara ġew ikkalkulati mill-ġdid għall-kumpaniji tal-Istati Uniti.

- (180) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra wara l-iżvelar provviżorju, l-istess metodoloġija msemmija fil-premessi (266) u (267) tar-Regolament provviżorju ntużat biex ikunu kkalkolati l-prezzijiet li ma jikkawżawx ħsara. Il-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara ġiet ikkalkulata bħala perċentwali tal-valur totali CIF tal-importazzjoni mhux aġġustat.

8.2. Forma u livell ta' dazji

- (181) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju definitiv kumpensatorju f'livell għoli biżżejjed biex titneħħa l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet sussidjati mingħajr ma jinqabeż il-marġini ta' sussidjar misjub.
- (182) Fid-dawl tal-kummenti li waslu minn ċerti partijiet interessati wara l-iżvelar provviżorju u fid-dawl tar-reviżjonijiet deskritti f'dan ir-Regolament, ċerti marġini ġew emendati.
- (183) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju kumpensatorju ġew stabbiliti permezz ta' qbil bejn il-marġini ta' eliminazzjoni ta' dannu u l-marġini ta' sussidju. Għaldaqstant, id-dazju kumpensatorju propost huwa kif ġej:

Kumpanija	Marġini ta' dannu	Marġini ta' sussidju	Rata tad-dazju kumpensatorju
Archer Daniels Midland Company	54,5 %	35,1 %	35,1 %
Cargill Inc.	64,4 %	34,5 %	34,5 %
Green Earth Fuels of Houston LLC	51,3 %	39,0 %	39,0 %
Imperium Renewables Inc.	41,6 %	29,1 %	29,1 %
Peter Cremer North America LP	77,2 %	41,0 %	41,0 %
Vinmar Overseas Limited	76,4 %	41,1 %	41,1 %
World Energy Alternatives LLC	46,1 %	37,6 %	37,6 %
Kumpaniji li kkooperaw iżda mhux fil-kampjun	56,2 %	36,0 %	36,0 %

- (184) Fid-dawl tal-fatt li d-dazju kumpensatorju għandu japplika għal taħlitiet li fihom bil-piż aktar minn 20 % ta' bijodiżil, fi proporzjon mal-kontenut tagħhom ta' bijodiżil, qed jitqies meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li jiddeterminaw id-dazji bħala ammonti fissi fuq il-bażi tal-kontenut tal-bijodiżil.

- (185) Ċerti partijiet ikkuntestaw il-metodoloġija użata biex ir-rati tad-dazju ad valorem jiġu kkonvertiti f'dazji fl-għamla ta' ammonti fissi. Huma saħqu li l-valuri CIF li kellhom jintużaw għall-konverżjoni ta' dazju *ad valorem* f'ammont fiss kellhom ikunu l-valuri CIF effettivi u mhux daww aġġustati biex jitqiesu d-differenzi tal-materja bażika deskritti fil-premessi (185) u (186) tar-Regolament provviżorju.
- (186) Din il-klejm għet eżaminata u tabilħaqq instab li l-valuri CIF aġġustati ntużaw għall-konverżjoni tad-dazji *ad valorem* f'dazji ta' ammonti fissi. Madankollu, instab ukoll li ntużaw l-istess valuri bħala l-bażi għall-espressjoni tal-ammont tar-roħs fil-prezz bħala dazju *ad valorem*. Għalhekk, kellha ssir korrezzjoni waħda biex l-ammont tar-roħs fil-prezz jiġi espress bħala perċentwali tal-totali effettiv tal-valur CIF tal-importazzjoni. Fuq din i-bażi, il-marġinijiet tad-dannu ġew riveduti skont dan. Il-kalkolu sussegwenti tar-rati tad-dazju b'ammont fiss, madankollu, ma weriex differenza mir-rati tad-dazju li jidhru fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament provviżorju billi d-dazju ad valorem oġhla kien kumpensat eżattament mit-tnaqqis tal-prezzijiet CIF (minn aġġustati għal effettivi) użati għall-konverżjoni tal-espressjoni tal-aħħar f'dazji fissi.
- (187) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju ta' kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet waqt l-investigazzjoni rigward dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju nazzjonali applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") huma għalhekk esklussivament applikabbli għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat u magħmula mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifikati msemmija. Il-prodotti importati mmanifatturati minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi entitajiet relatati ma' daww imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".
- (188) Kwalunkwe talba għall-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' dazju kumpensatorju għal kumpanija individwali (eż. wara bdil fl-isem tal-entità jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni⁽¹⁾ bit-tagħrif kollu rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ma' dak tal-esportazzjoni u li jkun assoċjati, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew ma' dik il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi mbaġħad emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jgawdu minn rati ta' dazju individwali.
- (189) Il-partijiet kollha kienu informati bil-fatti essenzjali u kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien intiż li tirrakkomanda l-impożizzjoni ta' taxxi kumpensatorji definittivi. Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu appelli wara dan l-iżvelar. Il-kummenti mressqa mill-partijiet tqiesu sewwa, u, fejn xieraq, is-sejbiet inbidlu skont dan.

8.3. Impenji

- (190) Ċerti produttori esportaturi tal-Istati Uniti li kkooperaw offrew impenji tal-prezz skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. Ġie nnutat li fid-dawl tal-varjazzjonijiet sinifikanti tal-prezz tal-materja prima, il-prodott ma jitqiesx li huwa adatt għall-impenn ta' prezz fiss. F'dan il-kuntest, il-kumpaniji pproponew li l-prezzijiet minimi tal-importazzjoni (PIMs) jiġu indikjati regolarment b'relazzjoni mal-varjazzjonijiet tal-prezzijiet taż-żejt taż-żerriegħa tal-kolza. Barra minn hemm, offrew PIMs għal tliet tipi biex titqies il-varjetà tal-prodott fl-importazzjoni (bijodiżil mis-sojja, il-palma jew il-kanola) fuq il-bażi tal-koeffiċjenti tal-materja bażika stabbiliti fil-PI.
- (191) Fir-rigward tal-offerti tal-produttori esportaturi li kkooperaw, qed jiġi nnutat li l-bażi biex fuqha jiġi stabbilit PIM indikjat kien f'medja ta' bejn 7-8 % inqas mill-prezz mhux dannuż stabbilit matul il-PI. Barra minn hekk, il-koeffiċjenti proposti biex wieħed jasal għal PIMs aġġustati għat-tipi msemmija hawn fuq ma kinux rilevanti għax kienu jikkonċernaw il-PI. Tabilħaqq, fid-dawl tal-fatt li dawn il-koeffiċjenti, li jiddependu fuq id-differenza fil-prezz bejn il-materja bażika, ivarjaw kontinwament, dawn il-koeffiċjenti jistgħu jkun nbidlu sewwa meta mqabbel mas-sitwazzjoni osservata matul il-PI. Għalhekk, l-indikjar propost ta' PIMs għall-bijodiżil tas-sojja jew iż-żejt tal-palma fuq il-bażi tal-varjazzjonijiet fil-prezz taż-żejt taż-żerriegħa tal-kolza ma tqiesx wieħed xieraq billi dan ikun ibbażat fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' materja prima differenti minn dik użata għall-produzzjoni tal-prodott esportat ikkonċernat.
- (192) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, u mingħajr referenza għal ebda kwistjoni Prattika oħra speċifika għall-kumpaniji dwar l-aċċettanza tagħhom, tqies li l-impenji ma setgħux jintlaqgħu billi l-metodu biex il-PIMs jiġu ddeterminati ma kienx adatt u l-PIMs offruti ma kinux fl-ivell li jeliminaw is-sussidji dannużi.

8.4. Il-ġbir definittiv ta' dazji provviżorji u s-sorveljanza speċjali

- (193) Wara l-iżvelar tas-sejbiet finali, l-ilmentatur talab miżuri speċjali biex il-miżuri ma jiġux evitati fid-dawl tal-fatt li s-suq ikkonċernat huwa suq tal-prodotti globali bi prodott funġibbli li jinbiegħ b'diversi modi differenti ta' bejgħ.

⁽¹⁾ European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Office N105 04/092, 1049 Brussels, Belgium

- (194) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, tabilħaqq jitqies xieraq li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil jiġu ssorveljati mill-qrib mid-destinazzjonijiet kollha, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni rapida jekk is-sitwazzjoni tkun tirrikjedha.
- (195) Minħabba l-kobor tal-marġini ta' sussidji li nstabu u fid-dawl tal-livell ta' ħsara ikkaġunata lill-industrija tal-Komunità, jitqies meħtieġ li l-ammonti li nġabru permezz tad-dazju kumpensatorju provviżorju, impost bir-Regolament provviżorju, għandhom jinġabru b'mod definittiv sal-ammonti tad-dazji definittivi imposti. Fejn id-dazji definittivi jkunu aktar baxxi mid-dazji provviżorji, l-ammonti miġbura b'mod provviżorju li jkunu ogħla mir-rata definittiva ta' dazji kumpensatorji għandhom jinhelu. Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, l-ammonti assigurati fil-livell ta' dazji provviżorji biss għandhom jinġabru b'mod definittiv,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan qed jiġi impost dazju definittiv kumpensatorju fuq l-importazzjoniet ta' esterji monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħrufa b'mod komuni bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li jkun fih bil-piż aktar minn 20 % ta' esterji monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 20), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 20), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 20), ex 2710 19 41 (kodiċi TARIC 2710 19 41 20), 3824 90 91, ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 3824 90 97 87), li joriġina fl-Istati Uniti tal-Amerika.
2. Ir-rata ta' dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji t'hawn taħt għandha tkun:

Kumpanija	Rata tad-dazju kumpensatorju - Euro għal kull tunnellata metrika netta	Kodiċi addizzjonali TARIC
Archer Daniels Midland Company, Decatur	237,0	A933
Cargill Inc., Wayzata	213,8	A934
Green Earth Fuels of Houston LLC, Houston	213,4	A935
Imperium Renewables Inc., Seattle	216,8	A936
Peter Cremer North America LP, Cincinnati	211,2	A937
Vinmar Overseas Limited, Houston	211,2	A938
World Energy Alternatives LLC, Boston	211,2	A939
Kumpaniji elenkati fl-Anness	219,4	Ara l-Anness
Il-kumpaniji l-oħra kolla	237,0	A999

Id-dazju kumpensatorju fuq it-taħlitiet għandu jkun applikabbli bħala proporzjon fit-taħlita, bil-piż, tal-kontenut totali ta' esterji monoalkilitiċi aċidi xaħmija u nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili (il-kontenut ta' bijodiżil).

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

L-ammonti assigurati permezz ta' dazji kumpensatorji provviżorji skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 194/2009 fuq importazzjonijiet ta' bijodiżil bil-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 20), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 20), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 20), ex 2710 19 41 (kodiċi TARIC 2710 19 41 20), 3824 90 91, ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 3824 90 97 87), L-ammonti assigurati li jaqbru l-ammont tad-dazju kumpensatorju definittiv għandhom jiġu rilaxxati. Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, l-ammonti assigurati fil-livell ta' dazji provviżorji biss għandhom jinġabru b'mod definittiv.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BORG

ANNEX

Produtturi esportaturi tal-Istati Uniti li kkooperaw li mhumiex fil-kampjun

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
AC & S Inc.	Nitro	A941
Alabama Clean Fuels Coalition Inc.	Birmingham	A940
American Made Fuels, Inc.	Canton	A940
Arkansas SoyEnergy Group	DeWitt	A940
Arlington Energy, LLC	Mansfield	A940
Athens Biodiesel, LLC	Athens	A940
Beacon Energy	Cleburne	A940
Biodiesel of Texas, Inc.	Denton	A940
BioDiesel One Ltd	Southington	A940
BioPur Inc.	Bethlehem	A941
Buffalo Biodiesel, Inc	Tonawanda	A940
BullDog BioDiesel	Ellenwood	A940
Carbon Neutral Solutions, LLC	Mauldin	A940
Central Iowa Energy LLC	Newton	A940
Chesapeake Custom Chemical Corp.	Ridgeway	A940
Community Fuels	Stockton	A940
Delta BioFuels Inc.	Natchez	A940
Diamond Biofuels	Mazon	A940
Direct Fuels	Euless	A940
Eagle Creek Fuel Services, LLC	Baltimore	A940
Earl Fisher Bio Fuels	Chester	A940
East Fork Biodiesel LLC	Algona	A940
ECO Solutions, LLC	Chatsworth	A940
Ecogy Biofuels LLC	Tulsa	A940
ED&F Man Biofuels Inc.	New Orleans	A940
Freedom Biofuels Inc.	Madison	A940
Freedom Fuels LLC	Mason City	A941
Fuel & Lube, LLC	Richmond	A940
Fuel Bio	Elizabeth	A940
FUMPA Bio Fuels	Redwood Falls	A940
Galveston Bay Biodiesel LP (BioSelect Fuels)	Houston	A940
GeoGreen Fuels LLC	Houston	A940
Georgia Biofuels Corp.	Loganville	A940
Green River Biodiesel, Inc.	Moundville	A940
Griffin Industries Inc.	Cold Spring	A940
High Plains Bioenergy	Guymon	A940
Huish Detergents Inc.	Salt Lake City	A940

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
Incobrasa Industries Ltd.	Gilman	A940
Independence Renewable Energy Corp.	Perdue Hill	A940
Indiana Flex Fuels	LaPorte	A940
Innovation Fuels Inc.	Newark	A940
Integrity Biofuels	Morristown	A941
Iowa Renewable Energy LLC	Washington	A940
Johann Haltermann Ltd.	Houston	A940
Lake Erie Biofuels LLC	Erie	A940
Leland Organic Corporation	Leland	A940
Louis Dreyfus Agricultural Industries LLC	Claypool	A940
Louis Dreyfus Claypool Holdings LLC	Claypool	A940
Middle Georgia Biofuels	East Dublin	A940
Middletown Biofuels LLC	Blairsville	A940
Musket Corporation	Oklahoma City	A940
Natural Biodiesel Plant LLC	Hayti	A941
New Fuel Company	Dallas	A940
North Mississippi Biodiesel	New Albany	A940
Northern Biodiesel, Inc.	Ontario	A940
Northwest Missouri Biofuels, LLC	St. Joseph	A940
Nova Biofuels Clinton County LLC	Clinton	A940
Nova Biosource	Senaca	A940
Organic Fuels Ltd.	Houston	A940
Owensboro Grain Company LLC	Owensboro	A940
Paseo Cargill Energy, LLC	Kansas City	A940
Peach State Labs Inc.	Rome	A940
Perihelion Global, Inc.	Opp	A940
Philadelphia Fry-O-Diesel Inc.	Philadelphia	A940
Piedmont Biofuels Industrial LLC	Pittsboro	A941
Pinnacle Biofuels, Inc.	Crossett	A940
PK Biodiesel	Woodstock	A940
Pleasant Valley Biofuels, LLC	American Falls	A940
Prairie Pride	Deerfield	A941
RBF Port Neches LLC	Houston	A940
Red Birch Energy, Inc.	Bassett	A940
Red River Biodiesel Ltd.	New Boston	A940
REG Ralston LLC	Ralston	A940
Renewable Energy Products, LLC	Santa Fe Springs	A940
Riksch BioFuels LLC	Crawfordsville	A940
Safe Renewable Corp.	Conroe	A940
Sanimax Energy Inc.	DeForest	A940
Seminole Biodiesel	Bainbridge	A940

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
Southeast BioDiesel LLC	Charlotte	A941
Soy Solutions	Milford	A940
SoyMor Biodiesel LLC	Albert Lea	A940
Stepan Company	Northfield	A941
Sunshine BioFuels, LLC	Camilla	A940
TPA Inc.	Warren	A940
Trafigura AG	Stamford	A940
U.S. Biofuels Inc.	Rome	A940
United Oil Company	Pittsburgh	A940
Valco Bioenergy	Harlingen	A940
Vanguard Synfuels, LLC	Pollock	A940
Vitol Inc.	Houston	A940
Walsh Bio Diesel, LLC	Mauston	A940
Western Dubque Biodiesel LLC	Farley	A940
Western Iowa Energy LLC	Wall Lake	A940
Western Petroleum Company	Eden Prairie	A940
Yokaya Biofuels Inc.	Ukiah	A941

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 599/2009

tas-7 Lulju 2009

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROCĊEDURA

1.1. Miżuri provviżorji

- (1) Il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 193/2009 ⁽²⁾ (ir-"Regolament provviżorju") li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ("USA" jew "il-pajjiż ikkonċernat").
- (2) Fil-proċediment parallell anti-sussidju, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 194/2009 ⁽³⁾ imponiet dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika.

1.2. Proċedura sussegwenti

- (3) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali, li fuq il-bażi tagħhom kien deċiż li jkunu imposti miżuri provviżorji ta' anti-dumping ("l-iżvelar provviżorju"), għadd ta' partijiet interessati ressuq preżentazzjonijiet bil-miktub biex juru l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji. Il-partijiet li talbu dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għas-sejbiet definittivi tagħha. Il-kummenti bil-fomm u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, is-sejbiet provviżorji ġew immodifikati kif meħtieġ.

(4) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb ta' rakkomandazzjoni tal-impożizzjoni ta' dazju definittiv anti-dumping fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fil-USA u l-ġbir definittiv tal-ammonti żgurati permezz tad-dazju provviżorju ("żvelar finali"). Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu appelli wara dan l-iżvelar.

(5) Il-Gvern tal-Istati Uniti (GSU) u partijiet oħra interessati esprimew id-diżappunt tagħhom bid-deċiżjoni li jingħataw biss sittax-il jum għall-kummenti dwar l-iżvelar provviżorju kif ukoll bid-deċiżjoni li ma jiġux milqugħa t-talbiet ta' ċerti partijiet għal tiġdid raġunat ta' żmien biex jiġu reġistrati dawn il-kummenti.

(6) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament bażiku jistipula li l-partijiet interessati jistgħu jingħataw id-dettalji li jinsabu wara l-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom ġew imposti miżuri provviżorji. F'dan ir-rigward, hija prassi tal-Kummissjoni li tipprovdi l-iżvelar lill-partijiet kollha interessati fi proċediment mal-pubblikażzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ta' regolament li jimponi miżuri provviżorji u li tipprovdi perjodu ta' żmien li fih il-partijiet jistgħu jipprovdu l-kummenti dwarhom. Intużat din il-prassi f'dan il-proċediment. Għal dak li huwa l-perjodu ta' żmien li fih il-partijiet intalbu jipprovdu kummenti, ir-Regolament bażiku ma jispeċifikax kemm żmien għandu jingħata. F'dan il-proċediment tqies li għandu jingħata perjodu ta' sittax-il jum (wara mtawwal għal sbatax-il jum) minħabba l-kumplessità tal-proċediment u l-hteġa li jiġi rispettata ir-rewiżit fl-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku anti-sussidju li l-investigazzjoni tintemm fi żmien tlettax-il xahar mill-bidu tagħha.

(7) Wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji fil-proċediment parallell anti-sussidju, il-GSU kkummenta dwar ir-rata ta' dazju stabbilita għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Għal dak li huwa dazju stabbilit għall-kumpaniji tal-Istati Uniti li ma ppreżentawx ruħhom u ma kkooperawx fl-investigazzjoni, ir-rata ta' dazju provviżorju ġiet stabbilita fuq il-livell l-iktar baxx tal-ogħla marġini ta' sussidju jew l-ogħla marġini ta' ħsara misjub għall-produtturi esportaturi li kooperaw fil-kampjun. L-istess metodu ġie applikat ukoll fil-proċediment ta' anti-dumping. Ir-rata tad-dazju anti-dumping hekk stabbilita kienet skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament provviżorju (rata ta' EUR 182,4 kull tunnellata għall-"kumpaniji l-oħra kollha"). Il-GSU jikkunsidra din ir-rata ta' dazju bħala rata mhux ikkalkulata kif xieraq fuq il-bażi tal-fatti disponibbli. Il-GSU jikkunsidra li, sabiex wieħed jorbot fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, irid jiġi l-ewwel ideterminat li parti interessata ma aċċettatx jew naqset milli

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 67, 12.3.2009, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 67, 12.3.2009, p. 50.

- tipprovdi l-“informazzjoni meħtieġa”⁽¹⁾. Il-GSU iżda jqis li r-rata tal-medja differenzjata kkalkulata għall-kumpaniji li jikkooperaw li ma ħadux sehem fil-kamjun għandha tiġi applikata minflok.
- (8) Bħala tweġiba għal dan ta' min jinnota li, fl-istadju tal-bidu, il-Kummissjoni bagħtet il-formola tal-kampjuni, l-ilment u l-Avviż ta' Bidu lill-kumpaniji elenkati fl-ilment (aktar minn 150 kumpanija). Kopja tal-formola tal-kampjuni themżet ukoll man-Note Verbale li ntbagħtet lill-Missjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika għall-Komunitajiet Ewropej fil-bidu u dawn ġew mistiedna jibagħtuha lill-esportaturi/produtturi tal-Istati Uniti fl-Istati Uniti tal-Amerika. Barra minn hekk, Il-Bord Nazzjonali għall-Bijodiżil (“BNB”), li mill-bidu nett ta' dan il-proċediment kien parti interessata, jirrappreżenta għadd kbir ta' kumpaniji fl-industrija tal-bijodiżil fl-Istati Uniti tal-Amerika.
- (9) L-Avviż ta' Bidu kif ukoll l-ittra ta' akkumpanjament meħmuża mal-formola tal-kampjuni għibdu l-attenzjoni għall-konsegwenzi ta' non-kooperazzjoni. Kif issemma fil-premessa (8) tar-Regolament provviżorju, aktar minn 50 kumpanija identifikaw irwieħhom fil-kuntest tal-eżerċizzju tat-teħid ta' kampjuni u pprovdew it-tagħrif meħtieġ fi żmien il-perjodu ta' 15-il jum. Dawn il-kumpaniji kienu responsabbli għal aktar minn 80 % tal-importazzjonijiet totali ta' bijodiżil mill-Istati Uniti tal-Amerika lejn il-Komunità.
- (10) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti ntalbu jipprovdu tagħrif supplimentari. B'mod partikolari, l-awtoritajiet intalbu jistiednu xi esportaturi/produtturi addizzjonali tal-bijodiżil fl-Istati Uniti tal-Amerika barra minn dawk elenkati fl-Artikolu 1 u l-Anness tar-Regolament provviżorju, li ma kinux magħrufa waqt il-bidu u qabel ma rrifutawx li jikkooperaw⁽²⁾, biex jagħrfu bil-preżenza tagħhom.
- (11) L-awtoritajiet tal-Istati Uniti pprovdew lista li fiha l-ismijiet ta' aktar minn 100 kumpanija addizzjonali (produtturi/esportaturi) fl-Istati Uniti tal-Amerika. Ġie eżaminat jekk xi waħda mill-kumpaniji kinitx ġiet mistiedna tikkooopera fl-istadju tal-bidu tal-proċediment. L-investigazzjoni żvelat li għadd sinifikanti tal-kumpaniji fil-lista diġà ġew mistiedna jikkooperaw matul l-eżerċizzju tat-teħid ta' kampjuni iżda kienu għażlu li ma jagħmlux dan dak iż-żmien. Fi kliem ieħor, dawn il-kumpaniji kienu jafu bil-konsegwenzi ta' non-kooperazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (12) Madankollu, fir-rigward ta' dawk il-kumpaniji (aktar minn 40) fil-lista li ma kinux magħrufa mill-Kummissjoni waqt il-bidu ta' dan il-proċediment, ġie nnutat li t-talba lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jipprovdu dettalji dwar dawn il-kumpaniji saret wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji. Għalhekk ġie deċiż li jiġu miżjuda dawn il-kumpaniji mal-Anness ta' dan ir-Regolament u tiġi applikata l-istess rata ta' dazju għal dawn il-kumpaniji bħal dawk li kooperaw b'mod espress iżda ma ntgħażlux fil-kampjun. Dawn il-kumpaniji rċewew l-iżvelar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm ħsieb li jiġu imposti miżuri definittivi u ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-fatt li kien hemm proposta li jiżied isimhom fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (13) Wara l-iżvelar finali, il-GSU laqa' l-proposta biex jiġi applikat dazju medju differenzjat għal kumpaniji supplimentari. Madankollu, il-GSU qies li ma nġhatat l-ebda spejgazzjoni dwar għaliex kumpaniji oħra huma suġġetti għar-rata tal-“kumpaniji l-oħra kollha”. F'dan ir-rigward, ġie nnutat li għall-kumpaniji li ġew mistiedna jikkooperaw matul l-eżerċizzju tat-teħid tal-kampjun, diġà nġhataw spejgazzjonijiet hawn fuq. Dwar produtturi/esportaturi possibbli tal-USA li ma kinux notifikati individualment dwar l-investigazzjoni u lanqas ma ġew imsemmija fil-lista msemmija fil-premessa (11), l-ewwel jiġi nnutat li l-isforzi estensivi kollha kienu fuq l-inizjattiva tal-proċediment biex jiġu kkuntattjati l-kumpaniji fl-Istati Uniti li jistgħu jkunu kkonċernati minn dan il-proċediment (ara l-premessi (8) u (10) hawn fuq). Barra minn hekk, saru sforzi supplimentari wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji kif imsemmi fil-premessa (10) hawn fuq biex jiġu identifikati kumpaniji oħra li rriżultaw fiż-żieda ta' aktar minn 40 kumpanija oħra għal-lista ta' dawk li għalihom se japplika d-dazju tal-medja differenzjat. Tqies li dawn l-isforzi estensivi taw kull opportunità lill-kumpaniji tal-bijodiżil fl-Istati Uniti biex jippreżentaw irwieħhom. F'dan ir-rigward, ġie nnutat li l-assoċjazzjoni tal-industrija rilevanti ġiet involuta fil-proċediment mill-bidu tagħha. Għaldaqstant, tqies li r-rata tad-dazju tal-“kumpanija l-oħra kollha” għandha tiġi applikata għall-kumpaniji li ma preżentawx irwieħhom.
- (14) Kumpanija li bagħtet tweġiba għall-formola tal-kampjuni u allura ddaħħlet fil-lista fl-Anness tar-Regolament Provviżorju talbet li l-kumpanija prinċipali tagħha tiżied mal-lista ta' kumpaniji fl-Anness. Din il-kumpanija wkoll talbet li l-belt fejn jinsabu ż-żewġ kumpaniji tinbidel fl-Anness biex tirrifletti sewwa l-indirizz tal-fatturi tal-kumpaniji.
- (15) Wara li ġiet eżaminata t-talba ta' din il-kumpanija, tqies li l-kumpanija prinċipali għandha titniżżel ukoll fil-lista fl-Anness għal dan ir-Regolament kif issemma fit-tweġiba tal-kumpanija għall-formola tal-kampjuni bħala l-unika kumpanija relatata involuta fin-negozju tal-bijodiżil. Il-belt ta' lokazzjoni għaż-żewġ kumpaniji qed tiġi riveduta wkoll.

(1) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku jiddikjara: “F’każijiet fejn kwalunkwe parti interessata tirrifjuta aċċess għal, jew inkella ma tagħtix informazzjoni neċessarja fi żmien il-limiti ta’ żmien mogħtija f’dan ir-Regolament, jew timpedixxi l-investigazzjoni b’mod sinifikanti, is-sejbiet proviżjonali jew finali, affirmattivi jew negattivi, jistgħu jiġu magħmula fuq il-bażi tal-fatti disponibbli[...]”.

(2) Bil-kontra ta' dawk il-kumpaniji li rċewew formola biex jieħdu sehem fil-kampjun u ma bagħtuhiex lura.

(16) Ta' min jiftakar li l-investigazzjoni ta' dumping u ta' ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). Fir-rigward tax-xejriet rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat id-data li tkopri l-perjodu minn Jannar 2004 sa tmiem il-PI ("il-perjodu kkunsidrat").

1.3. Teħid ta' kampjuni għall-produtturi tal-Komunità u produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerika

(17) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tat-teħid ta' kampjuni ta' produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerika s-sejbiet provviżorji fil-premessi (5) sa (10) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

(18) Ċerti partijiet ikkummentaw dwar ir-rappreżentattività tal-kampjun ta' produtturi tal-Komunità. Dawn il-kummenti huma indirizzati fil-premessi (74) sa (78) hawn taħt.

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott ikkonċernat

(19) Ta' min jiftakar li fl-avviż ta' bidu, il-prodott li allegatament huwa oġġett ta' dumping kien iddefinit bħala esteri monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew idrottrament, ta' oriġini mhux fossili (magħruf komunement bħala "bijodiżil"), sew jekk f'forma pura sew f'taħlita.

(20) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* li l-bijodiżil u t-taħlitiet kollha, ta' bijodiżil ma' diżil minerali, prodotti fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità bi prezz ta' dumping kienu affettwaw il-qagħda ekonomika tal-produtturi tal-bijodiżil fil-Komunità. B'konsistenza mal-karatteristiċi tal-produtturi rilevanti tal-bijodiżil tal-Istati Uniti u tas-suq domestiku, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kienet maħsuba li tkopri l-bijodiżil anki meta inkorporat fit-taħlitiet ta' bijodiżil. Madankollu għe kkunsidrat li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif imsemmi fl-Avviż ta' Bidu u fil-premessa (19) hawn fuq, jista' jqajjem tħassib dwar liema produtturi u liema tipi ta' prodott kien maħsub li jiġu koperti mill-investigazzjoni u liema ma kinux.

(21) Bl-istess mod, għall-investigazzjoni dwar dumping u ħsara, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti l-marġini ta' dumping u l-livelli ta' eliminazzjoni ta' ħsara jeħtieġ li jiġu identifikati b'mod ċar it-tipi ta' prodott li kellhom x'jaqsmu mal-investigazzjoni.

(22) B'konformità mal-karatteristiċi tas-suq tal-Istati Uniti, il-prodott ikkonċernat kien provviżorjament iddefinit bħala esteri monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew idrottrament, ta' oriġini mhux fossili, magħruf komunement bħala "bijodiżil",

sew jekk f'forma pura jew f'taħlitiet, li huma 'l fuq minn B20. Għalhekk il-prodott ikkonċernat kopra l-bijodiżil pur (B100) u t-taħlitiet kollha li fihom aktar minn 20 % ta' bijodiżil ("il-prodott ikkonċernat"). Dan il-limitu tqies xieraq biex jippermetti distinzjoni ċara bejn it-tipi varji ta' taħlitiet maħsuba li jitħalltu aktar u daww maħsuba għall-konsum dirett fis-suq tal-Istati Uniti.

(23) L-investigazzjoni wriet li t-tipi kollha ta' bijodiżil u l-bijodiżil fit-taħlitiet koperti minn din l-investigazzjoni, minkejja differenzi possibbli għal dik li hija materja prima użata għall-produzzjoni, jew varjanti fil-proċess ta' produzzjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi jew huma simili ħafna u jintużaw għall-istess finijiet. Il-varjazzjonijiet possibbli fil-prodott ikkonċernat ma jibdlux id-definizzjoni bażika, il-karatteristiċi tiegħu jew il-perċezzjoni li bosta għandhom tiegħu.

(24) Waslu stqarrijiet minn partijiet interessati dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fejn għew ikkontestati kemm id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif ukoll il-prodott simili fl-istess waqt u bl-istess argumenti mingħajr ma saret ebda firda bejn il-kunċett ta' prodott ikkonċernat u prodott simili fil-kuntest tal-proċediment.

(25) Ta' min jiftakar li l-kunċett tal-prodott ikkonċernat huwa regolat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1) sa 1(3) tar-Regolament bażiku, l-interpretazzjoni tat-terminu "prodott simili" huwa msemmi fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, l-istqarrijiet se jiġu ttrattati għalihom hawn taħt.

(26) Waħda mill-partijiet staqsiet sa fejn taħlitiet bi proporzjoni baxx ta' bijodiżil (eż. B21) għandhom jitqiesu li jikkwalifikaw bħala bijodiżil fuq l-istess livell mal-bijodiżil pur (B100) jew ma' taħlitiet simili li primarjament jikkonsistu minn bijodiżil b'ammont iktar baxx ta' diżil minerali (eż. B99). Fl-istqarrija tagħhom qalu li B100 u B99 bażikament għaddeu mill-investigazzjoni u li l-kalkoli kollha ta' dumping u ħsara saru fuq il-bażi ta' dawn iż-żewġ tipi ta' prodott. Fil-fehma tagħhom li jitwaqqaf limitu ftit 'il fuq minn B20, jiġifieri t-taħlita ta' livell baxx li tinbiegħ direttament lill-konsumaturi fl-Istati Uniti tal-Amerika jwassal għal definizzjoni artifiċjali tal-prodott ikkonċernat.

(27) L-istess parti kkontestat ukoll kemm taħlita b'20 % ta' bijodiżil tikkwalifikax bħala fjuwil tal-bijodiżil aktar minn diżil minerali li mhux inkluż fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Din il-parti kienet tal-fehma li l-UE tappoġġja l-opinjoni li għandha tinħoloq intestatura doganali ġdida⁽¹⁾ għall-bijodiżil fis-Sistema Armonizzata doganali (SA). Fil-fehma tagħha l-Kummissjoni wessgħet id-definizzjoni tal-prodott fil-proċediment attwali u espandiet it-tipi ta' prodott affettwati mill-impożizzjoni tal-miżuri.

⁽¹⁾ L-intestatura numru 3826 00 li tkopri "bijodiżil u taħlitiet tiegħu, li ma fihomx jew fihom inqas minn 70 % tal-piż taż-żjut tal-petroljum jew żjut miksuba minn minerali bitumiżi".

- (28) Barra minn hekk, il-parti qieset li f'dak iż-żmien tal-investigazzjoni ebda limitu speċifiku ma kien jeżisti biex jiġi ddeterminat x'inhu bijodiżil għall-klassifikazzjoni fil-kodiċi Nru 3824 90 91 tan-Nomenklatura Maqgħuda (NM), il-kodiċi speċifiku maħluq mill-1 ta' Jannar 2008 għall-bijodiżil mill-UE. Il-parti kkontestat jekk skont ir-regola 3(b) tar-regola ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda⁽¹⁾ taħlita li fiha anqas minn 50 % ta' bijodiżil tistax xorta tikkwalifika bħala bijodiżil. Semmew ukoll li l-eżempji ta' taħlitiet imsemmija fil-kwestjonarju tal-Kummissjoni kienu ta' kontenut għoli ta' bijodiżil u dan ifisser li l-prodott ikkonċernat huwa biss bijodiżil u taħlitiet li fihom livelli għolja ħafna ta' bijodiżil.
- (29) Il-parti qalet ukoll li l-UE ma tistax tibdel id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat filwaqt li żżomm prodott simili tiegħu li huwa differenti. Huma rreferew għall-iżvelar provviżorju lill-produtturi tal-bijodiżil tal-Istati Uniti fil-kampjun li juri li l-produtturi tal-Istati Uniti fil-kampjun biegħu taħlitiet magħmula esklużivament minn bosta tipi ta' bijodiżil. Għalhekk il-prodott ikkonċernat għandu jkun limitat għall-prodotti li fihom 100 % ta' bijodiżil (B100), anki jekk ikun magħmul minn bijodiżil magħmul minn materja bażika differenti, jew għal taħlitiet li fihom 99 % ta' bijodiżil (B99).
- (30) Il-parti rreferiet għal Sentenza tal-Qorti⁽²⁾ reċenti dwar importazzjonijiet ta' nitrato tal-ammonju u kkonkludiet li r-raġunament ta' dik is-sentenza japplika wkoll għall-proċediment attwali u li l-bijodiżil li mhuwiex parti minn taħlitiet b'kontenut għoli ħafna ma jistax jiġi suġġett għall-investigazzjoni u għal miżuri billi mhuwiex il-prodott simili li għalih kien hemm sejbiet ta' dumping u ta' ħsara, jiġifieri prodotti li fihom biss bijodiżil (B100) jew 99 % ta' bijodiżil (B99).
- (31) Il-partijiet ma ġabu ebda xhieda jew referenza legali li turi li l-prodott ikkonċernat ma kienx iddefinit sewwa fl-investigazzjoni attwali. Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 1(1) sa 1(3) tar-Regolament bażiku jipprovdu gwida għal dik li hija definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. L-Artikolu 1(1) jistqarr li: "Dazju kontra xiri taħt il-prezz jista' jiġi applikat għal kwalunkwe prodott mixtri taħt il-prezz li l-liberazzjoni tiegħu għal ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità tikkawża ħsara."
- (32) Kif jissema fil-premessa (20) hawn fuq, l-ilment kien fiħ evidenza *prima facie* li l-bijodiżil u t-taħlitiet kollha, ta' bijodiżil ma' diżil minerali, prodotti fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità bi prezzijiet ta' dumping kienu affettwaw il-qagħda ekonomika tal-produtturi tal-bijodiżil fil-Komunità. Il-marġini ta' dumping u ta' ħsara
- għew iddeterminati għal kull produttur individwali fil-kampjun fuq il-bażi tat-tipi ta' prodott li huma biegħu lis-suq tal-Komunità.
- (33) Il-partijiet ma ġabu ebda xhieda li turi li l-limitu ffixxat fir-Regolament provviżorju li jwaqqaf linja li tifred prodott ikkonċernat minn prodott mhux ikkonċernat kien artifiċjali. Kif imsemmi fil-premessa (24) u (26) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni wriet li B20, u taħlitiet ta' livell potenzjalment iktar baxx, attwalment inbiegħu direttament lill-konsumaturi fl-Istati Uniti. L-investigazzjoni wriet ukoll li s-suq għat-taħlitiet u s-suq għall-prodotti għall-konsumatur kienu swieq differenti bi klijenti differenti: suq minnhom fejn il-bijodiżil u t-taħlitiet ta' bijodiżil kienu ddestinati għal aktar taħlit minn kummerċjanti u dawk li jħalltu u suq ieħor fejn it-taħlitiet huma ddestinati għan-netwerk ta' distribuzzjoni u għal-hekk għall-konsumaturi. Id-determinar tal-limitu għall-prodott ikkonċernat 'il fuq minn B20 ippermetta li tinqata' linja ċara ta' firda u tiġi evitata l-konfużjoni bejn il-prodotti, is-swieq u l-partijiet varji fl-Istati Uniti.
- (34) Fl-investigazzjonijiet kollha ta' anti-dumping huwa komuni li kumpaniji individwali investigati ma jipproduċuwx u jbiegħu t-tipi kollha ta' prodott inklużi fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Xi kumpaniji jistgħu jipproduċu medda limitata ħafna ta' tipi ta' prodott filwaqt li oħrajn jistgħu jipproduċu medda ikbar. Dan iżda ma jaffettwax id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk jitqies li t-talba li l-prodott ikkonċernat għandu jkopri biss it-tipi ta' prodott li ġew esportati mill-produtturi tal-Istati Uniti u użati għall-kalkoli ta' dumping u ta' ħsara hija bla sies.
- (35) Kif imsemmi fir-Regolament provviżorju u fil-premessa (19) hawn fuq, l-investigazzjoni primarjament iffukat fuq il-bijodiżil, kemm fil-forma pura kif ukoll inkorporat f'taħlitiet. Il-miżuri ta' anti-dumping se japplikaw għat-taħlitiet rilevanti esportati lejn is-suq tal-Komunità. Għalhekk, jitqies li l-kwistjoni dwar jekk taħlita b'20 % ta' bijodiżil tikkwalifikax bħala fjuwil tal-bijodiżil aktar minn diżil minerali li mhux inkluż fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat mhix rilevanti.
- (36) Irid jiġi ċċarat li s-sejbiet ta' dumping u ħsara ta' kull kumpanija li ġiet investigata kienu esklużivament ibbażati fuq it-tipi ta' prodott rilevanti li ġew prodotti u mibjugħa mill-kumpanija rilevanti matul il-PI. It-talba li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat inklużi taħlitiet 'il fuq minn B20 taffettwa bla bżonn il-produtturi tal-Istati Uniti hija bla sies u ma tistax twassal għall-konklużjoni li l-prodott ikkonċernat għandu jkun limitat għall-prodotti li fihom 100 % ta' bijodiżil (B100) anke jekk huma magħmulin minn bijodiżil ta' materja bażika differenti jew taħlita magħmula minn 99 % ta' bijodiżil (B99). L-inklużjoni ta' taħlitiet 'il fuq minn B20 fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ma kellha assolutament ebda impatt fuq is-sejbiet magħmula għal kumpaniji investigati li mhuwiex jipproduċu dan it-tip ta' prodott.

(1) "Taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti mtellgħin għal bejgħ bl-imnut, li ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu klassifikati daqs li kieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli."

(2) Il-Każ T-348/05: JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat v Il-Kunsill, 10 ta' Settembru 2008, paragrafi 61-63.

- (37) L-allegazzjoni tal-parti li r-raġunament ta' Sentenza tal-Qorti ⁽¹⁾ japplika ukoll għall-proċediment attwali u li l-bijodiżil li mhuwiex parti minn taħlitiet b'kontenut għoli ħafna ma jstax jiġi suġġett għall-ambitu ta' din l-investigazzjoni hija wkoll bla sies. Tabilħaqq, għal kull kumpanija investigata, kull marġini ta' ħsara u dumping se jaqbel eżatt mal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili li għalih ġew stabbiliti s-sejbiet ta' dumping u ħsara, jiġifieri t-tipi ta' prodott rilevanti li fihom il-bijodiżil li nbiegħu fis-suq domestiku u ġew esportati lejn il-Komunità minn dik il-kumpanija. Barra minn hekk, il-ġudizzju li hu invokat mill-operatur ikkonċerna verifika ta' miżuri anti-dumping eżistenti li rriżultaw fl-estensjoni tagħhom għal prodott oħra għajr il-prodott ikkonċernat, li mhux il-każ f'din l-investigazzjoni.
- (38) Minkejja li jitqies li l-eżempji pprovduti fi kwestjonarju maħsub biex tinġabar data għall-fini ta' investigazzjoni ma jstgħux jintużaw biex isiru suppożizzjonijiet dwar il-konklużjoni tal-investigazzjoni, huwa xieraq li wieħed jinnota li l-Kummissjoni ma tistax tkun taf minn qabel, jiġifieri qabel ma sseħħ l-investigazzjoni tagħha fuq il-post, liema tipi ta' prodott se jiġu mmanifatturati u mibjugħa fis-suq domestiku tagħha u għall-esportazzjoni mill-kumpaniji kkonċernati fil-mument tat-tfassil tal-kwestjonarju. Il-prodott ikkonċernat mill-investigazzjonijiet ta' anti-dumping jista' jkopri medda ta' tipi ta' prodott differenti u l-fatt li xi wħud minnhom jstgħu ma jkunux oġġett ta' dumping ma jwassalx biex jitħallew barra mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (39) Abbażi tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, huwa kkonfermat li t-tipi kollha ta' bijodiżil u l-bijodiżil fit-taħlitiet koperti minn din l-investigazzjoni, minkejja differenzi possibbli f'termini ta' materja prima użata għall-produzzjoni, jew varjanti fil-proċess ta' produzzjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi jew simili ħafna u jintużaw għall-istess finijiet. Il-varjazzjonijiet possibbli fil-prodott ikkonċernat ma jibdlux id-definizzjoni bażika, il-karatteristiċi tiegħu jew il-perċezzjoni li bosta partijiet għandhom tiegħu.
- (41) Għalhekk l-ebda differenzi ma nstabu bejn il-varji tipi tal-prodott ikkonċernat u l-prodotti Komunitarji simili mibjugħa fis-suq Komunitarju li jwassal għall-konklużjoni li l-prodotti mmanifatturati u mibjugħa fis-suq Komunitarju mhumiex prodott simili, bl-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħat-tipi tal-prodott ikkonċernat immanifatturat fl-Istati Uniti u esportat lejn il-Komunità. Għalhekk ġie konkluż li t-tipi kollha ta' bijodiżil koperti minn din l-investigazzjoni jitqiesu simili fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.
- (42) Waħda mill-partijiet stqarret li d-definizzjoni tal-prodott simili hija marbuta b'mod ikkomplikat mal-identifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat u trid tiġi stabbilita f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi u użu aħħari tal-prodott. Bażikament huma qalu li B20 ma jintużax għall-konsum fl-UE iżda taħlita aktar baxxa li hija B5. Għalhekk il-prodott simili kien iddefinit ħażin. Huma qalu wkoll li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ma tistax tinbidel filwaqt li jinżamm prodott simili tiegħu li huwa differenti.
- (43) Kif jidher ċar fil-premessa (29) sa (35) tar-Regolament provviżorju, id-definizzjoni tal-prodott simili hija marbuta mal-identifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat u ġiet stabbilita l-aktar f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi tal-prodott. L-użu aħħari attwali tqies ukoll u tqies li l-limitu ta' B20 għandu jinżamm ukoll għad-definizzjoni tal-prodott simili. F'dan il-każ, l-għadd ta' tipi ta' prodott koperti mill-prodott simili tnaqqas ukoll biex ikun hemm qbil mad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (44) Għaldaqstant, it-talbiet tal-partijiet li d-definizzjoni tal-prodott simili kienet ħażina jridu jiġu miċħuda u d-definizzjoni provviżorja tal-prodott simili tista' tiġi kkonfermata.

3. DUMPING

3.1. Kumment preliminari

2.2. Prodott simili

- (40) Provviżorjament instab li l-prodotti mmanifatturati u mibjugħa fis-suq domestiku tal-Istati Uniti, li huma koperti minn din l-investigazzjoni, għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili għal dawk esportati minn dan il-pajjiż lejn is-suq Komunitarju. Bl-istess mod, il-prodotti manifatturati mill-industrija tal-Komunità u mibjugħa fis-suq tal-Komunità għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili meta mqabbla ma' dawk esportati lejn il-Komunità mill-pajjiż ikkonċernat.

- (45) Wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji, bosta produtturei esportaturi kif ukoll l-NBB stqarru li kellu jsir aġġustament fil-kalkoli tad-dumping biex jitħalla barra l-impatt tas-sussidju. Skont huma, li jitħalla barra l-effett tas-sussidju mogħti kemm fuq bejgħ domestiku kif ukoll fuq bejgħ għall-esportazzjoni wassal għal sottodikjarazzjoni ta' dħul, u dan jaffettwa kemm il-valur normali għall-prodott simili kif ukoll id-determinazzjoni tal-prezz ta' esportazzjoni għall-prodott ikkonċernat. B'hekk, il-valur normali kien affettwat billi t-test tal-kors normali tal-kummerċ ġie iddeterminat fuq bażi ta' prezzijiet ta' bejgħ li ma qiesux id-dħul iġġenerat mill-bejgħ tal-prodott li bbenefika mis-sussidju filwaqt li l-prezz ta' esportazzjoni kien bl-istess mod sottodikjarat għall-istess raġuni. Dawn il-partijiet allegaw ukoll li nonaġġustament tas-sussidju kkonstitwixxa żball ċar tal-applikazzjoni tal-Artikoli 2(4) u 2(10) tar-Regolament bażiku billi kkontribwixxa għall-użu ta' valuri normali

⁽¹⁾ Il-Kawża T-348/05: JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat v Il-Kunsill, 10 ta' Settembru 2008, paragrafi 61-63.

mibnija meta l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat fil-fatt ħallew qligħ minħabba s-sussidji. Ta' min ifakkar li skont is-sejbiet tal-investigazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti taw kreditu fiskali magħruf bħala blender's credit ta' 1 USD għal kull gallun ta' bijodiżil pur preżenti f'taħlita ta' bijodiżil ma' diżil minerali.

- (46) Skont dan l-NBB stqarr li biex jiġi żgurat tqabbil ġust u simmetrija operattiva bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, il-blender's credit għandu jiġi miżjud mhux biss mal-valur normali iżda wkoll mal-prezz ta' esportazzjoni.
- (47) Kif spjegat fil-premessa (38) tar-Regolament provviżorju, iċ-ċirkustanzi li fihom sussidju jista' jwassal għal aġġustament kif mistqarr mill-NBB biex jiġi evitat rimedju doppju f'każ ta' investigazzjonijiet paralleli anti-sussidju u anti-dumping għall-istess prodott huma espressament stipulati fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament bażiku ta' anti-sussidju li jstqarr li ebda prodott ma għandu jkun suġġett għal dazji kemm ta' anti-dumping kif ukoll ta' kumpens għall-fini ta' trattament tal-istess sitwazzjoni waħda li tirriżulta mid-dumping jew mis-sussidju tal-esportazzjoni. Ċirkustanzi bħal dawn ma jirriżultawx f'dan il-każ attwali. Tabilħaqq, il-blender's credit huwa sussidju disponibbli kemm għall-bejgħ domestiku kif ukoll għal dak ta' esportazzjoni eżattament bl-istess mod u għall-istess ammont u għalhekk ma jikkostitwix sussidju ta' esportazzjoni bit-tifsira tal-Artikolu 24(1). Dan l-NBB ma kkontestahx. Għalhekk, it-talba li l-blender's credit għandu jiġi "aġġustat" fil-kalkoli tad-dumping tqieset bla bżonn u ġiet miċħuda.
- (48) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, li kieku jibdlu s-sejbiet provviżorji f'dan ir-rigward, il-premessi (36) sa (38) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.2. Valur normali

- (49) Wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji, produttur esportatur ġibed l-attenzjoni għal żball fil-għadd fil-kalkolu tal-valur normali ta' ċertu tip ta' prodott ibbażat fuq il-prezz ta' bejgħ domestiku. Dan l-iżball fil-għadd ġie kkorreġut.
- (50) Produttur esportatur ieħor, li ma kellux bejgħ domestiku rappreżentattiv, ikkontesta l-użu tal-medja differenzjata tal-marġini ta' profitt ta' produtturi esportaturi oħra suġġetti għall-investigazzjoni dwar il-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fis-suq domestiku, matul il-bini tal-valur normali. Huwa stqarr li minflok ma jsir użu mill-medja tal-marġini ta' profitt taż-żewġ produtturi integrati li kellhom profitt fil-bejgħ domestiku tagħhom fil-PI, il-profitt medju li jintuża kellu jkun dak tal-produtturi

mhux integrati. Billi l-kumpanija tikseb il-materja bażika tagħha fis-suq ġenerali, huwa stqarr li ma setax isir tqabbil maż-żewġ produtturi integrati fis-sħiħ, li skont kif stqarr ma kinux rappreżentattivi tal-kondizzjonijiet tas-suq tal-produtturi esportaturi l-oħra kollha fil-kampjun.

- (51) Din l-istqarrija ttehdet bħala waħda valida, billi tabilħaqq wieħed jista' jirraġuna li s-sitwazzjoni taż-żewġ produtturi integrati tista' ma tkunx direttament paragunabbli ma' dik taż-żewġ produtturi l-oħra fil-kampjun minħabba li huma integrati fis-sħiħ u għandhom aċċess għall-materja bażika. Iżda, is-suġġeriment li tintuża il-medja tal-marġini ta' profitt tal-produtturi mhux integrati ma kienx possibbli billi ebda wieħed minn dawn il-produtturi ma kellu profitt fil-bejgħ domestiku tul il-PI. Għalhekk tqies xieraq, skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, li minflok, il-profitt jissejjes fuq it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ domestiku li ħallew profitt tal-produtturi esportaturi kollha fil-kampjun li għandhom bejgħ domestiku. Dan il-profitt intuża mbagħad fil-bini tal-valur normali tal-produttur esportatur imsemmi.
- (52) Wara l-iżvelar finali, grupp ta' produttur esportatur wieħed qal li l-marġni tal-qligħ użat għall-istabbiliment tal-valur normali tat-tiġi tal-prodott li ma nbigħux fis-suq domestiku fil-PI ma kienx raġonevoli. Ġie argumentat li l-valur normali kellu jiġu stabbilit imsejjes fuq it-tipi tal-prodott li għalihom ma ġiex stabbilit valur normali u bl-applikazzjoni ta' aġġustament għad-differenzi fiżiċi, skont l-Artikolu 2(10)(a) tar-Regolament bażiku. Intqal ukoll li l-aġġustamenti magħmula fil-kuntest tal-kalkolu tal-marġni tad-danni kellhom jiġu applikati wkoll għall-kalkolu tal-valur normali.

- (53) F'dan ir-rigward, ġie osservat li l-għan tal-aġġustamenti msemmija fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku kien li jħaffu tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni u mhux li jiġi stabbilit valur normali. L-għan tal-aġġustament li sar fil-kalkoli tad-dannu kien li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil tal-Istati Uniti jitqabblu mal-bijodiżil prodott u mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju. Kif deskritt fil-premessa 46 tar-Regolament provviżorju, il-qligħ użat għall-istabbiliment tal-valur normali ġie ddeterminat skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, din it-talba tqieset li ma kinetx rraġunata u għalhekk kellha tiċċaħħad.
- (54) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra fir-rigward tal-valur normali, li kieku jibdlu s-sejbiet provviżorji, il-premessi (39) sa (48) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.3. Prezz ta' esportazzjoni

- (55) Produttur esportatur ikkontesta l-kalkolu tal-marġini ta' profitt għall-importatur relatat tiegħu fil-Komunità, u stqarr li ċerti spejjeż, bħal trasport bil-baħar u assikurazzjoni ma kinux inklużi fl-ispejjeż ta' prodotti mibjugħa.
- (56) Din it-talba nstabet valida u l-ispiża tal-prodotti mibjugħa tal-importatur relatat ġiet riveduta abbażi tal-prezz tax-xiri tal-FOB li miegħu ġew miżjuda l-ispejjeż kollha biex inkiseb il-prodott ikkonċernat, bħal kummissjonijiet, trasport, assikurazzjoni u spejjeż amministrattivi, u dazji doganali.
- (57) L-istess produttur esportatur stqarr li r-riżultati ta' ċerti operazzjonijiet magħluqa ta' lqugħ (hedging) fil-livell tal-istess importatur relatat kienu assenjati ħażin fir-riżultat operattiv tal-prodott ikkonċernat, meta fil-fatt huma marbuta strettament mal-operazzjonijiet dwar ix-xiri u l-bejgħ ta' prodott ieħor.
- (58) Il-kumpanija pprovdiet xhieda li turi li r-riżultati tal-operazzjonijiet magħluqa ta' lqugħ kienu jirreferu esklużivament għal kuntratti individwali ta' bejgħ dwar prodott li ma kienx il-prodott ikkonċernat u għaldaqstant ma influwenzawx l-ispejjeż ta' SG&A marbuta mal-prodott ikkonċernat.
- (59) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, billi dawn l-operazzjonijiet instabu li ma kinux relatati mal-prodott ikkonċernat ġie deċiż li dawn ir-riżultati ma jiġux inkorporati fid-determinazzjoni tal-ispejjeż ta' SG&A tal-importatur relatat.
- (60) Wara l-iżvelar finali, grupp produttur esportatur wieħed iġġieled dwar l-esklużjoni mill-kalkoli tal-parti tal-esportazzjonijiet tal-bijodiżil tiegħu fil-Komunità li reġa' ġie imħallat ma' bijodiżil li ma kienx mill-Istati Uniti u mibjugħ fil-Komunità bħala taħlita taż-żewġ oriġini. Il-grupp ikklejmja li ma kienx hemm żvelar fir-Regolament bażiku jew fil-Ftehim Anti-dumping tal-Ftehim biex jippermetti għal din l-esklużjoni. F'dan ir-rigward, il-GSU ddikjara li l-Kummissjoni ma ddokumentatx u ġġustifikatx biżżejjed il-bidliet bejn id-determinazzjonai provviżorja u dik definittiva.
- (61) Fid-dawl tal-kummenti riċevuti u l-metodu alternattiv propost mill-grupp produttur esportatur ikkonċernat biex jiġi stabbilit prezz ta' esportazzjoni afidabbli mit-taħlitiet mibjugħa mill-ġdid il-Komunità, il-Kummissjoni evalwat mill-ġdid l-iffissar tal-prezz ta' esportazzjoni. Il-metodu mressaq mill-grupp ma setax jiġi segwit peress li ma identifikax individwalment il-prezz ta' esportazzjoni rilevanti mill-komponenti tal-bijodiżil importat tat-taħlita

li wara ġiet mibjugħa mill-ġdid fis-suq Komunitarju. Madankollu, skont il-metodoloġija applikata fil-kalkolu tad-dannu, il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid tat-taħlita mibjugħa fis-suq Komunitarju ġie stabbilit għall-ekwivalenti tal-materja bażika taż-żerriegħa tal-kolza u l-prezz ta' esportazzjoni tal-prodott kif joħroġ mill-fabbrika ġie stabbilit fuq dik il-bażi, billi tnaqqsu l-ispejjeż kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

- (62) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-prezz ta' esportazzjoni, li kieku jibdlu s-sejbiet provviżorji, il-premessi (49) sa (50) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.4. Paragun

- (63) Żewġ produtturi esportaturi kkontestaw l-aġġustamenti skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' spejjeż ta' trasport, amministrazzjoni u ħażna li seħħu bejn il-post tal-faċilitajiet ta' produzzjoni u l-port minn fejn tgħabba biex jinbiegħ il-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, wieħed mill-produtturi esportaturi stqarr li fil-port il-prodott jitlef l-identità individwali tiegħu billi jiħallat ma' materjal ieħor u li għalhekk l-ispejjeż imsem-mija hawn fuq ma għandhomx jitqiesu li huma marbuta direttament mal-bejgħ.
- (64) Ta' min jenfasizza li mill-kalkolu tal-marġini ta' dumping tqies biss il-bijodiżil prodott mill-produtturi esportaturi investigati, kemm jekk pur kemm jekk imħallat. Għalhekk ma jitqiesx bħala validu li tħallew barra ċerti spejjeż li seħħu wara l-produzzjoni tal-prodott ta' bażi B 100. Għaldaqstant dawn l-ispejjeż għandhom jitnaqqsu biex il-prezz ta' esportazzjoni tal-bijodiżil kollu lill-partijiet mhux relatati prodott mill-produtturi esportaturi stess, kemm jekk pur kemm jekk imħallat, jinġieb lura għall-livell ta' kif joħroġ il-prodott mill-fabbrika. Il-fatt li t-trasport tal-bijodiżil iseħħ mill-fabbrika sa port barra mill-fabbrika ma jfissirx li l-parti prodotta mill-produttur stess mit-taħlita aħħarija ma kinitx se tiġi soġġetta għal spejjeż ta' trasport, amministrazzjoni u ħażna.
- (65) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-paragun, li kieku jibdlu s-sejbiet provviżorji, il-premessi (51) sa (53) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.5. Marġini ta' dumping

- (66) Il-marġini ta' dumping definittivi, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, huma dawn li ġejjin:

Kumpanija	Marġini ta' dumping definittiv
Archer Daniels Midland Company (ADM)	10,1 %
Cargill Inc.	<i>de minimis</i>
Green Earth Fuels of Houston LLC	88,4 %
Imperium Renewables Inc.	29,5 %
Peter Cremer North America LP	39,2 %
World Energy Alternatives LLC	52,3 %
Kumpaniji li qed jikkooperaw li mhux parti mill-kampjun	33,5 %

(67) Fid-dawl tat-tibdiliet fil-marġini ta' dumping tal-kumpaniji fil-kampjun, il-medja differenzjata tal-marġini ta' dumping tal-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun ġiet ikkalkolata mill-ġdid skont il-metodoloġija deskritta fil-premessa (56) tar-Regolament provviżorju. Kif jidher hawn fuq, din ġiet iffissata għal 33,5 % tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas.

(68) Il-bażi għall-iffissar ta' marġini ta' dumping għall-pajjiż kollu ġiet stabbilita fil-premessa (57) tar-Regolament provviżorju. Fuq l-istess bażi, il-marġini ta' dumping mal-pajjiż kollu ġie ffissat b'mod definit għal 39,2 %.

4. INDUSTRIJA KOMUNITARJA

4.1. Produzzjoni u pożizzjoni Komunitarja

(69) Partijiet interessata kkontestat l-esklużjoni mill-valutazzjoni tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-grupp ta' produtturi relatati ma' produttur esportatur fl-Istati Uniti msemmi fil-premessa (60) tar-Regolament provviżorju fuq il-bażi tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Hija sostniet li d-denominatur korrett biex jiġi stabbilit l-appoġġ għall-ilment għandu jinżamm għal madwar 5 400 elf tunnellata u mhux jitnaqqas għal bejn 4 200 sa 4 600 elf tunnellata kif sar fl-istadju provviżorju.

(70) Id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku għall-valutazzjoni tal-pożizzjoni jew l-appoġġ għall-investigazzjoni huma l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Bħala tagħrif, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Anti-Dumping (FAD) dwar id-definizzjoni tal-industrija domestika jinsabu fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Minn dawn id-dispożizzjonijiet, huwa ċar li d-definizzjoni tal-produzzjoni domestika biex tiġi stab-

bilita l-pożizzjoni għandha ssir b'mod konġunt u hija suġġetta għall-istess rekwiżiti bħal dawk għad-definizzjoni tal-industrija domestika. Ikun xi jkun il-każ din it-talba mhijiex b'tali mod li tiddel il-konklużjoni li l-investigazzjoni kellha l-appoġġ ta' proporzjoni ewlieni tal-produzzjoni tal-Komunità. Anki jekk id-denominatur kellu jinżamm fuq 5 400 elf tunnellata, l-appoġġ għall-investigazzjoni jkun ogħla minn 50 %, jiġifieri sew ogħla mir-rekwiżiti tar-Regolament bażiku.

(71) L-istess parti interessata sostniet li fid-dawl tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili li huwa l-bijodiżil kemm pur kif ukoll ftahlitiet li fihom aktar minn 20 % ta' bijodiżil (B20), l-industrija tal-Komunità u l-produzzjoni tal-Komunità jridu jkunu magħmula mill-kumpaniji kollha tal-Komunità li jipproduċu l-bijodiżil u taħlitiet 'il fuq minn B20. Hija stqarret li mhemmx evidenza li minn ressaq l-ilment jew il-Kummissjoni fittxet li tinkludi dawn il-kumpaniji fil-produzzjoni totali jew iddeterminat li dawn il-produtturi kienu favur l-ilment.

(72) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li ċ-ċifra totali ta' produzzjoni tal-Komunità li tidher fil-premessa (60) tar-Regolament provviżorju tabilħaqq tieħu inkonsiderazzjoni l-volum ta' produzzjoni ta' bijodiżil ftahlitiet 'il fuq minn B20. Jista' jiġi ċċarat aktar li skont l-informazzjoni disponibbli, il-produzzjoni fil-Komunità ta' taħlitiet li fihom bejn 21 % (B21) u 99 % (B99) ta' bijodiżil kienet limitata ħafna matul il-PI. L-unika produzzjoni ta' taħlitiet f'din il-firxa kienet ikkonċentrata fuq taħlitiet ta' B30 u ma kinitx taqbeż 60 000 tunnellata għal dak li huwa kontenut ta' bijodiżil. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet kuntatt ma' produtturi magħrufa tal-B30 wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u t-tweġibiet li waslu minn tnejn mill-produtturi juru li huma favur l-ilment.

(73) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, il-premessi (59) sa (61) tar-Regolament provviżorju dwar id-definizzjoni ta' produzzjoni tal-Komunità, industrija tal-Komunità u pożizzjoni huma b'dan ikkonfermati.

4.2. Teħid ta' kampjuni

(74) Waħda mill-partijiet sostniet li r-rendiment ta' produttur tal-Komunità fil-kampjun li naqas milli jikkoopera fl-investigazzjoni kien tajjeb ħafna u kellu jitqies fil-valutazzjoni tal-ħsara lill-industrija tal-Komunità. Ġie mistqarr li dan il-produttur ma ġarrabx ħsara matul il-PI u li għandhom jintużaw l-aqwa fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, il-parti ssuġġeriet, li tintuża d-data finanzjarja ta' dan il-produttur disponibbli għal kulħadd għall-2007 u l-2008, għall-eżami ta' ħsara lill-industrija tal-Komunità.

- (75) Hija prassi komuni f'investigazzjonijiet ta' anti-dumping li l-Kummissjoni teskludi produtturi li naqsu milli jikkoo-peraw għall-fini tal-istima ta' ħsara u li ma tużax fatti disponibbli bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Id-data dwar il-ħsara tkopri perjodu estiż ta' erba' snin u mhux possibbli li tinkiseb l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq bażi ta' sorsi pubbliċi biex jiġu stabbiliti l-indikaturi kollha ta' ħsara għall-perjodu kollu. F'dan il-każ partikolari, l-imsemmi produttur tal-Komunità tħalla barra mill-investigazzjoni billi naqas li jipprovdri informazzjoni kompluta u rilevanti għas-snin 2004 sa 2006 u pprova biss informazzjoni parzjali għall-2007 u l-PI. L-użu tal-informazzjoni pubblika għall-attività ta' dan il-produttur fil-bijodiżil għall-2007 u l-2008 ma kienx jippermetti li tinkiseb data għall-fatturi kollha ta' ħsara u għas-snin kollha tal-perjodu kkunsidrat. Dan kien jgħawweġ ix-xejriet li huma rilevanti għall-istima ta' ħsara.
- (76) Barra minn hekk, li kieku nżamm l-imsemmi produttur fil-kampjun ma kinitx tkun possibbli l-istima ta' kemm sar bejgħ bi prezz baxx għat-totalità kollha tal-bejgħ tal-produtturi fil-kampjun billi l-kumpanija msemmija ma pprovdietx lista bil-bejgħ tagħha fid-dettall skont it-tip ta' prodott għall-PI. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li bil-maqlub ta' dak li stqarret il-parti interessata, ir-rendiment finanzjarju tal-produttur imsemmi, għal dik li hija kapaċità ta' qligħ, kif intwera fid-data disponibbli għall-pubbliku kien sew taħt il-medja tal-kapaċità ta' qligħ stabbilita għall-produtturi tal-Komunità li kkooperaw fil-kampjun kif jidher fit-Tabella 7 tar-Regolament provviżorju. Fuq il-baży ta' dan ta' hawn fuq, it-talba magħmula minn din il-parti ma setgħetx tintlaqa'.
- (77) L-istess parti stqarret li l-kampjun tal-produtturi tal-Komunità ma kienx rappreżentattiv tal-industrija tal-Komunità peress li kien ibbażat fuq produtturi ta' bijo-diżil pur (B100) u għalhekk ma inkludix produtturi ta' taħlitiet minn B99 sa B20 kif ukoll dawk li jħalltu l-B100.
- (78) F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li kif jissemma fil-premessa (72) hawn fuq, il-produzzjoni tal-Komunità ta' taħlitiet ta' bijodiżil bejn B20 u B99 kienet limitata ħafna matul il-PI. Minħabba din il-kwantità limitata, li tirrap-preżenta inqas minn 2 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-prodott simili fil-PI, wieħed jista' jikkonkludi li l-għażla tal-kampjun li kien fil-biċċa 'l kbira bbażat fuq l-ikbar volum ta' produzzjoni u bejgħ għewwa l-Komunità kienet rappreżentattiva. Fir-rigward ta' dawk li jħalltu l-B100, dawn il-kumpaniji ma setgħux jitqiesu bħala produtturi tal-prodott simili billi huma jipproċessaw b'operazzjoni ta' taħlit sempliċi prodott simili li diġà jeżisti. It-talba għalhekk ma ntaqatx.
- (79) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, il-premessi (62) sa (64) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

5. ĦSARA

- (80) Kif imsemmi fil-premessa (16) hawn fuq, l-eżami tax-xejriet li jikkonċernaw l-istima tal-ħsara kopra l-perjodu minn Jannar 2004 sa tmiem il-PI. Iżda, l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Komunità kienet prattikament għadha tibda fl-2004. Għaldaqstant tqies li jkun aktar xieraq li ssir analiżi dwar il-ħsara possibbli u l-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Komunità bbażata fuq ix-xejriet għall-perjodu mill-2005 sal-PI ("il-perjodu analizzat"). Billi ebda parti ma kkummentat dwar dan l-approċċ, il-premessa (65) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

5.1. Konsum Komunitarju

Tabella 1

Il-Konsum Komunitarju	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	1 936 034	3 204 504	4 968 838	6 644 042	6 608 659
Indiċi 2005=100	60	100	155	207	206

- (81) Fin-nuqqas ta' xi kummenti li jstgħu jiġġustifikaw tibdil rigward il-konsum tal-Komunità kif jidher fit-tabella hawn fuq, il-premessi (66) sa (71) tar-Regolament provviżorju huma b'dan kkonfermati.

5.2. Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u sehem mis-suq

- (82) It-tabella ta' hawn taħt turi t-total tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Komunità mill-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti matul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 2

L-importazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	2 634	11 504	50 838	730 922	1 137 152
Indiċi 2005=100	23	100	442	6 354	9 885
Sehem mis-suq	0,1 %	0,4 %	1,0 %	11,0 %	17,2 %
Indiċi 2005=100	25	100	250	2 750	4 300

Sors: Statistika dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti

- (83) Għall-fini tas-sejbiet definittivi nstab li produttur esportatur mill-Istati Uniti ma kienx qiegħed ibiġh il-prodotti tiegħu taħt il-prezz fis-suq tal-Komunità, għalhekk it-totali tal-volum u tal-prezz tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom jiġu valutati mill-ġdid. F'dan il-każ, fl-użu ta' teħid ta' kampjuni sabiex jiġi stabbilit d-dumping hija prassi tal-Kummissjoni li mbagħad teżamina jekk hemmx evidenza pożittiva li turi jekk il-kumpaniji kollha li ma kinux fil-kampjun kinux effettivament qed iqiegħdu l-prodotti tagħhom bi prezz ta' dumping fis-suq Komunitarju jew le matul il-PI.
- (84) Għal dan il-għan, il-prezzijiet ta' esportazzjoni mitluba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun u l-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-esportaturi li ma kkooperawx ġew investigati mill-ġdid fuq il-bażi tal-istatistika dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti, it-tweġibiet tal-kwestjonarji tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Istati Uniti u t-tweġibiet tal-formoli tat-teħid ta' kampjuni pprovduti mill-kumpaniji kollha fl-Istati Uniti li kkooperaw. Tqies li jekk il-marġini medju ta' dumping li nstab fuq il-bażi tal-produtturi esportaturi fil-kampjun jiżdied mal-prezzijiet ta' esportazzjoni medji stabbiliti għall-produtturi esportaturi fil-kampjun misjuba li qed iwettqu dumping, jiġi stabbilit il-livell ta' prezzijiet ta' esportazzjoni mhux oġġett ta' dumping.
- (85) Il-prezz ta' esportazzjoni ġie stabbilit għall-produtturi esportaturi mhux fil-kampjun fuq il-bażi tal-istatistika dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti wara li tnaqqset id-data dwar l-esportazzjonijiet li tikkonċerna l-produtturi esportaturi fil-kampjun. Il-prezz li rriżulta tqabbel imbagħad mal-prezz ta' esportazzjoni mhux oġġett ta' dumping.
- (86) Dan it-tqabbil ta' prezzijiet wera li kemm i) il-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma kinux inklużi fil-kampjun kif ukoll ii) il-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fl-investigazzjoni kellhom prezzijiet ta' esportazzjoni medji li kienu fil-każijiet kollha taħt il-prezzijiet medji li mhumiex oġġett ta' dumping stabbiliti għall-produtturi esportaturi fil-kampjun. Din kienet indikazzjoni suffiċjenti li l-importazzjonijiet mill-kumpaniji kollha li ma kinux fil-kampjun, jiġifieri dawk li kkooperaw u dawk li ma kkooperawx, jistgħu jitqiesu bħala li kienu oġġett ta' dumping.
- (87) Dwar il-kumpaniji mhux fil-kampjun, l-informazzjoni disponibbli u d-data li ntbagħtet dwar il-prezz ta' esportazzjoni tagħhom ma wrietx li l-prezzijiet tagħhom kienu ogħla mill-prezz mhux oġġett ta' dumping stabbilit kif spjegat fil-premessa (84) hawn fuq.
- (88) Kif imsemmi fil-premessa (83) hawn fuq, instab fl-istadju definittiv li produttur esportatur wieħed fl-Istati Uniti inklużi fil-kampjun ma kienx qiegħed ibiġh il-prodotti tiegħu bi prezz taħt il-prezz tas-suq fis-suq tal-Komunità. Skont dan, l-esportazzjonijiet tiegħu ġew esklużi mill-analiżi dwar l-iżvilupp ta' importazzjonijiet mibjugħa bi prezz taħt il-prezz tas-suq fis-suq tal-Komunità.
- (89) Madankollu, biex tkun evitata kull possibbiltà ta' żvelar ta' data kummerċjali kunfidenzjali tal-imsemmi produttur, tqies xieraq għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità li ma tkunx ippreżentata data pubblikament disponibbli, bħad-data dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti, bit-tħollija barra tad-data tal-esportatur li ma nstabx li kellu prodotti bi prezz ta' dumping fis-suq Komunitarju.

- (90) Għalhekk, it-tabella ta' hawn taħt tinkludi l-importazzjonijiet kollha ta' bijodiżil li joriġinaw fl-Istati Uniti, li nstabu jew tqiesu li kienu oġġett ta' dumping fis-suq tal-Komunità matul il-perjodu kkunsidrat taħt forma indiċizzata.

Tabella 3

Importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Volumi indiċizzati 2005=100	—	100	411	5 825	9 261
Indiċi tas-sehem tas-suq 2005=100	—	100	265	2 810	4 490

Sors: Statistika dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti u tweġibiet tal-formoli tat-teħid ta' kampjuni ta' kumpaniji tal-Istati Uniti li ma wettqux dumping

- (91) Iċ-ċifri l-ġodda juru li l-volumi ta' importazzjoni mill-Istati Uniti żdiedu b'mod sinifikanti minn madwar aktar minn 10 000 tonnellata fl-2005 għal aktar minn 1 000 000 tonnellata fil-PI. Matul il-perjodu analizzat, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti baqgħu jżidu kontinwament is-sehem tagħhom fis-suq tal-Komunità minn madwar 0,3 % fl-2005 sa aktar minn 15 % fil-PI. Għalhekk jibqa' li kien hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi meta mqabbla mal-konsum tal-Komunità matul dan il-perjodu.
- (92) Parti interessata stqarret li l-analiżi ta' ħsara u kawżalità tal-proċediment ta' anti-dumping għandha ssir fuq data differenti minn dik magħmula fil-proċediment parallell ta' anti-sussidju. Ġie sostnut li s-sejbiet dwar id-dumping, b'mod partikolari l-bejgħ ta' esportazzjoni lill-Komunità, huma bbażati biss fuq il-bijodiżil prodott mill-produtturi stess fil-kampjun filwaqt li s-sejbiet dwar is-sussidju huma bbażati fuq i) bijodiżil prodott minnhom stess, ii) bijodiżil prodott u mħallat u iii) bijodiżil mixtri u mħallat, esportat lejn il-Komunità.
- (93) Din it-talba qisha trid tgħid li l-proċediment ta' anti-dumping għandu jkun dejjem ibbażat fuq data inqas wiesgħa mqabbel mal-proċediment ta' anti-sussidju. Iżda, fl-istadju provviżorju nstab li l-esportazzjonijiet kollha tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun ta' produtturi mill-Istati Uniti saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping fis-suq tal-Komunità. Sejba simili saret fl-investigazzjoni dwar l-anti-sussidju. Għalhekk fiż-żewġ investigazzjonijiet l-esportazzjonijiet kollha li saru mill-Istati Uniti tqiesu li kienu oġġett ta' dumping u sussidjati u għalhekk ġew inklużi kollha fl-analiżi ta' ħsara u kawżalità.
- (94) Il-fatt li, kif spjegat fil-premessa (83) hawn fuq, f'istadju definittiv, kumpanija mill-Istati Uniti fil-kampjun instabet li ma kinitx qed twestaq dumping wassal issa għal diskrepanza bejn il-volum ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-volum ta' importazzjonijiet sussidjati li jridu jitqiesu fl-analiżi dwar ħsara u kawżalità tal-proċedimenti. Il-volum ġenerali ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti ġie aġġustat biex iqies il-fatt li l-importazzjonijiet ta' produttur esportatur wieħed fil-kampjun instabu li ma kinux dumped.
- (95) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-talba kellha tiġi miċħuda.
- (96) Parti interessata stqarret li l-intestatura tal-HTS 3824 90 tal-istatistika dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti li ntużat fir-Regolament provviżorju biex jiġu stabbiliti l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat tkopri ukoll, barra mill-bijodiżil, prodotti oħra bħal "sustanzi xaħmija li ġejjin mill-annimali jew il-ħxejjex u t-taħlitiet tagħhom". L-analiżi tal-volum ta' importazzjoni mill-Istati Uniti kienet għalhekk bin-nieqes. L-istess parti interessata pproponiet li minflok jintużaw ix-xejriet stabbiliti għall-produtturi investigati tal-Istati Uniti.
- (97) F'dan ir-rigward, l-ewwel ġie osservat li l-kodiċi HTS tal-Istati Uniti 3824 90 4000 intuża sabiex jiġu kkalkolati l-volumi ta' importazzjoni li joriġinaw mill-Istati Uniti u mhux l-intestatura HTS b'sitt ċifri kklejmjata minn din il-parti.

- (98) Barra minn hekk, ta' min ifakkar li kif issemma fil-premessa (68) tar-Regolament provviżorju, id-data tal-Eurostat ma setgħetx tintuża għall-fini tal-istima tal-importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Istati Uniti minħabba li sa tmiem l-2007 ma kienx hemm kodiċi NM distint għall-klassifikazzjoni doganali ta' dan il-prodott. Il-bijodiżil seta tabilħaqq jiġi kklassifikat taħt kodiċijiet NM varji li kellhom ukoll data dwar l-importazzjoni għal prodotti oħra. Ir-raġuni l-għala ntużat l-istatistika dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti kienet li kien jidher li tkopri taħt kodiċi tariffarju wieħed l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u li l-volum ta' prodotti oħra koperti taħt l-istess kodiċi huwa ta' importanza mhux sinifikanti għal dawk li huma esportazzjonijiet lejn il-Komunità.
- (99) Fid-dawl tal-limitazzjonijiet għall-użu tad-data tal-Eurostat, alternattiva oħra għall-istatistika dwar l-esportazzjoni mill-Istati Uniti kienet tkun li tintuża d-data dwar l-importazzjoni fir-rapport tal-ilment. Din id-data nkisbet minn dawk li resqu l-ilment minn għejjun konfidenzjali ta' informazzjoni dwar is-suq u għalhekk ir-rikors għal informazzjoni bħal din kien ikun suġġett għal din il-limitazzjoni. Madankollu, għal raġunijiet ta' completezza, il-bixriet tal-volumi ta' importazzjoni kienu juru l-istampa li ġejja taħt forma indiciżzata:

Tabella 4

Importazzjonijiet mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Indiciżzati 2005=100	0	100	1 359	15 059	15 394

- (100) It-tqabbil tat-Tabella 4 hawn fuq mat-Tabella 2 juri li l-istima tal-Kummissjoni tal-volumi ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' analiżi kienet iktar konservattiva minn dik li setgħet tintuża bħala alternattiva. Barra minn hekk, din l-istampa ġenerali tal-volumi ta' importazzjoni tat-Tabella 4 tittella' minn data konfidenzjali li mhix suxxettibbli għall-iżvelar filwaqt li l-istatistika mill-Istati Uniti hija informazzjoni għal kulħadd.
- (101) Il-metodu propost mill-parti interessata kellu juru din l-istampa rigward il-bixriet tal-volumi ta' esportazzjoni fuq il-bażi tat-tagħrif miġbur mill-produtturi esportaturi investigati:

Tabella 5

Importazzjonijiet mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Indiciżzati 2005=100	16	100	461	6 180	9 005

- (102) It-tqabbil tat-Tabella 5 mat-Tabella 2 hawn fuq juri bixriet tassew simili bejn il-metodu użat mill-Kummissjoni u dak propost minn dan il-partit.
- (103) L-istess parti interessata stqarret ukoll li, peress li l-prodott ikkonċernat huwa l-bijodiżil u taħlitiet ta' bijodiżil b'kontenut ta' bijodiżil ogħla minn 20 %, il-volum ta' importazzjonijiet muri fit-Tabella 2 ma jistax jikkorrelata mal-volum ta' importazzjoni korrett tal-prodott ikkonċernat.
- (104) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-investigazzjoni ma identifikatx importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat b'kontenut ta' bijodiżil ogħla minn B20 iżda iktar baxx minn B99 matul il-PI. Fi kliem ieħor, l-investigazzjoni ma identifikat l-ebda importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li minħabba l-kontenut tal-bijodiżil baxx tagħhom ikunu ikklassifikati taħt kodiċi HTS tal-Istati Uniti differenti.
- (105) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni hi li l-volum ta' importazzjoni ppreżentat fit-Tabella 2 tar-Regolament provviżorju jirrappreżenta stima affidabbli, oġġettiva u konservattiva tal-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat.
- (106) Parti interessata stqarret li l-kwantitajiet *splash and dash* esportati mill-Istati Uniti kellhom jiġu mifruda mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw fl-Istati Uniti billi dawk tal-ewwel ma jistgħux jitqiesu bħala importazzjonijiet ta' oriġini mill-Istati Uniti.

- (107) Barra minn hekk l-istess parti u l-GSU stqarru li bil-maqlub ta' dak li ġie mistqarr fil-premessi (77) u (80) tar-Regolament provviżorju l-esportazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti mhumiex meqjusa li joriġinaw fl-Istati Uniti. Ma hemm l-ebda awtorità fl-Istati Uniti li tagħmel stima jew determinazzjoni fir-rigward tal-pajjiż ta' oriġini ta' prodott partikolari għall-esportazzjoni u ma jistax wieħed jassumi li l-bijodiżil kollu li jħalli t-territorju tal-Istati Uniti huwa ta' oriġini tal-Istati Uniti.
- (108) L-istess parti stqarret ukoll li r-regolamenti ta' oriġini stabbiliti mill-Buro taċ-Ċensiment tal-Istati Uniti dwar id-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodotti esportati mhumiex magħrufa sewwa fost l-industrija tal-bijodiżil u għalhekk l-esportaturi tal-bijodiżil huma u jimlew id-"Dikjarazzjoni ta' Esportazzjoni tal-Merkanzija" (DEM) normalment jindikaw li l-prodotti esportati huma ta' oriġini lokali.
- (109) Hija tenniet l-istqarrija tagħha magħmula fi stadju provviżorju li volumi impurtati fil-Komunità skont il-mudell *splash and dash* jirrappreżentaw iktar minn 40 % tal-prodott ikkonċernat esportat mill-Istati Uniti. Bħala appoġġ għall-istqarrija tagħha użat id-data dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-Istati Uniti tal-kodiċi HTS 3824 90 4020 u 3824 90 4000, u fil-prattika stqarret li l-importazzjonijiet kollha ta' bijodiżil fl-Istati Uniti ġew esportati mill-ġdid taħt il-mudell *splash and dash* lill-Komunità.
- (110) Dwar dan ta' hawn fuq ta' min jinnota li l-kjarifika mitluba mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti dwar il-fatt li ebda awtorità tal-Istati Uniti ma twettaq stima jew determinazzjoni tal-oriġini ta' prodott partikolari għall-esportazzjoni tista' tintlaqa'.
- (111) L-istqarrija li l-mudell *splash and dash* jirrappreżenta talinqas 40 % tal-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti lejn il-Komunità kienet ibbażata fuq is-suppożizzjoni li l-bijodiżil kollu impurtat fl-Istati Uniti jispiċċa jiġi esportat mill-ġdid lejn il-Komunità taħt il-mudell *splash and dash* mingħajr ma jkun hemm konsum tal-volum fl-Istati Uniti jew jerġa jitħallat fl-Istati Uniti qabel l-esportazzjoni.
- (112) Iżda, id-data ppreżentata minn din il-parti wriet li fis-snin 2004 sa 2006 l-importazzjonijiet qabżu sewwa l-esportazzjonijiet u dan juri li hemm talba lokali għall-bijodiżil fl-Istati Uniti minn pajjiżi oħra. Barra minn hekk, din is-suppożizzjoni hija xi daqsxejn sempliċistika billi ma tqiesx il-kwantitajiet ta' bijodiżil mħallta fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità fejn i) il-karatteristiċi tat-taħlita huma differenti minn dawk tal-materjali ta' oriġini li jattribwixxi l-oriġini lill-Istati Uniti għall-prodott imħallat jew ii) taħlitiet fejn il-proporzjon tal-bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti ikun dak dominanti u tattribwixxi l-oriġini tal-Istati Uniti lill-prodott imħallat sħiħ. Ta' min ifakkar f'dan ir-rigward li, kif issemma fil-premessa (78) tal-Regolament provviżorju, il-kumpaniji tal-Istati Uniti investigati ddikjaraw li ma kienx possibbli li jiġu ddiferenzjati, fil-kwantitajiet esportati lejn il-Komunità jew mibjugħa fis-suq lokali, dawk il-kwantitajiet prodotti minnhom stess jew mis-sorsi tal-Istati Uniti jew dawk impurtati. Ta' min jinnota wkoll li l-oriġini jidher li ġiet dikjarata b'mod korrett mill-kumpaniji tal-Istati Uniti kkonċernati billi fil-każijiet kollha kien qed isir aktar taħlit ta' bijodiżil ta' oriġini li mhux mill-Istati Uniti. Tabilħaqq, fil-biċċa 'l kbira tal-każijiet il-produtturi esportaturi investigati huma kumpaniji kbar ħafna jew gruppi ta' kumpaniji b'kumpaniji relatati fil-Komunità u huwa diffiċli li wieħed jaċċetta li ma kinux jafu bir-regoli attwali tal-Istati Uniti u tal-Komunità dwar id-determinazzjoni tal-oriġini.
- (113) Fuq il-bażi ta' dan kollu ta' hawn fuq, il-konklużjoni hija li ma hemmx bażi biex jiġu identifikati b'mod ċar l-importazzjonijiet fil-Komunità taħt il-mudell *splash and dash* għall-perjodu kkonċernat. Qed jitqies ukoll li ma hemmx bażi biex dawn l-esportazzjonijiet, jekk jeżistu, jiġu ttrattati bħala importazzjonijiet mhux ta' oriġini tal-Istati Uniti.

5.3. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u bejgħ taħt il-prezz

5.3.1. Il-prezz tal-bejgħ unitarju

- (114) It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezz tal-bejgħ unitarju tal-importazzjonijiet kollha fis-suq tal-Komunità li joriġinaw fl-Istati Uniti matul il-perjodu kkonċernat kif aċċertat fil-premessi (81) u (82) tar-Regolament provviżorju.

Tabella 6

L-importazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Prezzijiet f'EUR/tunnellata	463	575	600	596	616
Indiċi 2005=100	81	100	104	104	107

Sors: Statistika ta' esportazzjoni mill-Istati Uniti u tweġibiet għall-kwestjonarju tal-esportaturi mill-Istati Uniti li ħadu sehem fil-kampjun

- (115) Fid-dawl tas-sejbiet definittivi dwar id-dumping, u l-fatt li kumpanija nstabet li ma kinitx qed tbiegħ il-prodotti tagħha bi prezzijiet taħt il-prezz tas-suq fis-suq tal-Komunità, il-prezzijiet tal-bejgħ unitarji tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fis-suq tal-Komunità ġew ikkalkolati għalihom u jidhru fit-tabella li ġejja.

Tabella 7

L-importazzjonijiet oġġett ta' dumpin mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Prezzijiet f'EUR/tunnellata	463	575	608	603	615
Indiċi 2005=100	81	100	106	105	107

Sors: Statistika ta' esportazzjoni mill-Istati Uniti u tweġibiet għall-kwestjonarju tal-esportaturi mill-Istati Uniti li ħadu sehem fil-kampjun

- (116) Il-prezzijiet medji għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti varjaw matul il-perjodu kkunsidrat u kumplessivament urew żieda ta' 6 % bejn l-2005 u l-PI.

5.3.2. Il-bejgħ taħt il-prezz

- (117) Għall-finijiet ta' analiżi ta' bejgħ taħt il-prezz, il-medja differenzjata tal-prezzijiet tal-bejgħ li l-produtturi Komunitarji fil-kampjun żammew lill-klijenti mhux relatati fis-suq Komunitarju, aġġustati fuq livell ta' prezzijiet tal-fabbrika, tqabblu mal-medja differenzjata tal-prezzijiet korrispondenti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti, stabbiliti fuq bażi ta' CIF għall-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti fil-kampjun li nstabu li biegħu taħt il-prezz fis-suq tal-Komunità. Ġie applikat aġġustament fejn xieraq għad-dazji doganali, għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u għad-differenzi fil-materja bażika użata fil-produzzjoni tal-biodiżil kif deskritt fil-premessa (84) tar-Regolament provviżorju.
- (118) Ċerti produtturi esportaturi stqarru li l-aġġustament għad-differenzi fil-materja bażika kien baxx wisq għax ma jirriflettix sewwa l-valur tas-suq tad-differenzi. Huma stqarru wkoll li d-differenzi għandhom jinkisbu fuq il-baży tal-prezzijiet għat-tipi differenti ta' bijodiżil fis-suq tal-Komunità u kkwantifikaw din l-istqarrija b'referenza għall-kwotazzjonijiet tal-prezzijiet, ibbażati f'Antwerp bid-dazju mħallas, ippubblikati minn analista tas-suq.
- (119) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-aġġustament kien ibbażat fuq id-data ġenerali vverifikata u miġbura mill-

produtturi esportaturi fil-kampjun għall-azzjonijiet tagħhom fl-Istati Uniti u kien, għalhekk, ibbażat fuq is-sejbiet tal-investigazzjoni li hija l-aktar għajn ta' informazzjoni affidabbli. Barra minn hekk, il-kwotazzjonijiet tal-prezzijiet fil-livell tal-Komunità ma kinux ikunu baży xierqa għal dan l-aġġustament billi dawn il-livelli ta' prezzijiet ġew influwenzati mil-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping li joriġinaw fl-Istati Uniti. Fuq din il-baży, it-talba ma ntaqgħetx.

- (120) L-istess produtturi esportaturi sostnew li l-aġġustament għad-differenzi fil-materja bażika għandu jiġi applikat biss għall-bejgħ tal-produtturi esportaturi fil-kampjun u mhux għall-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità fil-kampjun billi l-bejgħ ta' dawn tal-aħħar jikkonsisti f'taħlitiet kompatibbli mal-istandards tal-Komunità.
- (121) Dan l-argument instab li kien irrilevanti billi l-għan tal-aġġustament kien li jiġu indirizzati d-differenzi fil-materja bażika u mhux xi differenzi biex jiġu sodisfatti l-istandards differenti applikabbli fil-livell tal-Komunità. It-talba għalhekk ma ntaqgħetx.
- (122) Min ressaq l-ilment ikkontesta kemm dan l-aġġustament huwa xieraq billi sostna li kemm il-produtturi tal-Komunità kif ukoll l-esportaturi tal-Istati Uniti jużaw varjetà ta' materja bażika u t-tnejn li huma jipproduċu varjetà ta' taħlitiet li jinsabu fiż-żewġt iswieg u għalhekk joperaw bl-istess possibilitajiet ta' firxa għal dik li hija għażla ta' materja prima.

- (123) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li, filwaqt li huwa minnu li kemm il-produtturi tal-Komunità kif ukoll il-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti jużaw varjetà ta' taħlitiet ibbażati fuq materja bażika differenti, il-qsim mill-ġdid tal-materja bażika fit-taħlitiet jista' jvarva b'mod sinifikanti minn produttur għal produttur u anki minn klijent għal klijent tal-istess produttur. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li rari ħafna nstab qbil preċiż fit-taħlitiet mibjugħa mill-produtturi tal-Komunità fil-kampjun u daww mibjugħa mill-produtturi esportaturi fil-kampjun fis-suq tal-Komunità. Għalhekk, biex jitqiesu l-kalkoli għall-bejgħ taħt il-prezz sabiex jittieħed kont tat-tipi ta' prodott differenti ta' bijodiżil, tqies tabilħaqq meħtieġ li jsir l-aġġustament għad-differenzi fil-materja bażika. Għalhekk, din it-talba kellha tiġi miċħuda.
- (124) Ċerti produtturi esportaturi stqarru li l-prezzijiet użati għall-kalkoli tal-marġini ta' ħsara kienu l-prezzijiet CIF fuq il-fruntiera tal-Komunità aktar milli l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid lill-ewwel klijent mhux relatat. Huma stqarru li dawn il-kalkoli jridu jiġu korretti sabiex jittieħed kont tal-valur u l-kwantitajiet ta' bejgħ lill-ewwel klijent mhux relatat.
- (125) Dan l-argument instab rilevanti għal żewġ produtturi esportaturi u l-kalkoli ta' ħsara ġew korretti kif meħtieġ.
- (126) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-marġini medju ta' bejgħ taħt il-prezz matul il-PI, espress b'ħala perċentwali tal-medja differenzjata tal-prezzijiet tal-fabbrika tal-industrija tal-Komunità, instab li kien bejn 18,9 % sa 31,9 %, minflok medda ta' bejn 18,9 % sa 33,0 % fl-istadju provviżorju.
- 5.4. Qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja**
- (127) Kif imsemmi fil-premessi (107) sa (110) tar-Regolament provviżorju, instab li l-industrija Komunitarja ġarrbet ħsara materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.
- (128) Tabilħaqq, l-analiżi provviżorja wriet li l-prestazzjoni tal-industrija Komunitarja tgiebet fir-rigward ta' xi indikaturi tal-volum, iżda li l-biċċa 'l kbira tal-indikaturi marbuta mal-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja ħżienu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Minkejja l-ħila tal-industrija Komunitarja li tiġbor il-kapital għall-investment, il-qligħ fuq l-investimenti naqas b'mod drammatiku matul il-PI u l-kapaċità ta' profitt naqset b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat.
- (129) Parti interessata stqarret li l-analiżi magħmula fil-premessa (93) tar-Regolament bażiku dwar it-tkabbir tal-industrija tal-Komunità kienet ħażina. B'mod partikolari, din il-parti ġabet l-argument li r-Regolament provviżorju jagħti x'tifhem li ż-żieda qawwi fit-talba għall-bijodiżil fis-suq tal-Komunità suppost kellha twassal għal żieda komparabbli fl-ishma tas-suq tal-industrija tal-Komunità, filwaqt li ma hemm ebda rabta diretta bejn iż-żieda fit-talba u s-sehem tas-suq.
- (130) L-istess parti sostniet li l-fatturi ta' ħsara msemmija fl-istess premessa (93) tar-Regolament provviżorju, jiġifieri l-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità ta' produzzjoni, il-produttività, il-bejgħ, il-politika ta' investment, il-qligħ fuq l-investimenti, ma jstgħux jitqiesu li ġew affettwati b'mod qawwi.
- (131) L-argument dwar in-nuqqas ta' rabta bejn it-talba u s-sehem tas-suq intlaqa'. Iżda, xorta jibqa' li bejn l-2006 u l-PI, is-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Komunità kien multiplikat b'1,2 filwaqt li fl-istess żmien, is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu immultiplikati b'madwar 17. Din iż-żieda relattivament qawwi fis-sehem tas-suq għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti hija r-riżultat ta' prezzijiet ta' bejgħ ħafna iktar baxxi għal dawn l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti kif jidher fit-tabella 7 u l-premessa (126) hawn fuq.
- (132) Dwar l-istqarrija dwar l-istima globali tal-fatturi ta' ħsara kollha, hemm għarfen li mhux dawn il-fatturi kollha kienu sejrjn għall-agħar matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, huwa mistqarr li l-fatturi marbuta mal-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Komunità kienu tabilħaqq milquta b'mod qawwi, jiġifieri l-kapaċità ta' profitt u l-qligħ fuq l-investment u sa ċertu punt intlaqet il-produttività. Dan ġej mill-fatt li l-industrija tal-Komunità kellha tadatta għall-kompetizzjoni tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti oġġett ta' dumping u li ffissaw il-prezz, u għażlet li żżomm il-preżenza tagħhom fis-suq għaddannu tal-kapaċità tagħha ta' profitt, iktar milli żżomm il-kapaċità ta' profitt askapitu tal-ishma tas-suq.
- (133) Ċerti partijiet interessati u l-GSU stqarru li l-livelli ta' kapaċità ta' profitt u l-qligħ fuq l-investment għall-produtturi tal-UE fil-kampjun għadhom tajbin fl-2007 u matul il-PI, b'ħala valur assolut, minkejja t-tnaqqis qawwi meta mqabbel mas-snin ta' qabel. Huma jsostnu li l-livelli tal-kapaċità ta' profitt u l-qligħ fuq l-investment miksuba mill-2004 sa 2006 ma kinux sostenibbli u li l-industrija tal-bijodiżil tal-UE, bħal kull industrija oħra li tkun għada titfaċċa, għaddiet minn fenomenu ta' "boom and bust" normali matul il-perjodu kkunsidrat.
- (134) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li xi kumpaniji tal-Istati Uniti fil-kampjun kisbu kapaċità ta' profitt ħafna ogħla, 'il fuq minn 30 %, f'kuntest simili ta' suq li kien qed jiżviluppa matul il-perjodu kkunsidrat. Huwa wkoll mistqarr li t-tnaqqis fil-kapaċità ta' profitt u l-qligħ fuq l-investment imġarrab mill-industrija tal-Komunità kien brutali ħafna billi seħħ bejn l-2006 sal-2007, u seħħ fl-istess żmien eżatt maż-żieda tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ta' bijodiżil.

- (135) Diversi produttori tal-Komunità sostnew li l-qagħda tal-kumpaniji tal-Komunità mhux fil-kampjun għandha titqies fis-sħiħ fl-istima tal-ħsara, b'mod partikolari fid-dawl tal-każijiet numerużi ta' tnaqqis fid-daqs, għeluq jew tħollija għal wara ta' proġetti ġodda li ġew identifikati fost dawn il-kumpaniji matul il-perjodu kkunsidrat.
- (136) Mill-banda l-oħra, waħda mill-partijiet interessati sostniet li r-referenza magħmula fir-Regolament provviżorju għall-produtturi fil-Komunità mhux inklużi fil-kampjun hija irrilevanti, billi d-data mhux vverifikata minn produtturi mhux fil-kampjun ma tistax tintuża biex tiġi ppruvata l-ħsara. Din il-parti tinsisti aktar dwar data pubblika li turi li xi uħud minn dawn il-produtturi mhux fil-kampjun irendu qligħ.
- (137) Fir-rigward taż-żewġ stqarrijiet ta' hawn fuq, ta' min isemmi li r-Regolament provviżorju fil-premessi tiegħu (103) sa (106) jirreferi għall-qagħda tal-produtturi mhux fil-kampjun fil-Komunità bħala ħjiel supplimentari ta' ħsara, mingħajr impatt fuq il-kalkoli tal-indikaturi ta' ħsara u l-marġini ta' ħsara li għaliha fil-fatt intużat informazzjoni vverifikata. Għalhekk l-istqarrija ta' din il-parti ma ntlagħgetx. Mill-banda l-oħra, fin-nuqqas ta' statistika vverifikata disponibbli jew informazzjoni individwali dwar il-qagħda tal-produtturi kollha tal-UE li mhumiex fil-kampjun, mhux possibbli li ssir determinazzjoni preċiża għall-produtturi tal-Komunità bħala ħaġa waħda kif ġie ssuġġerit mill-produtturi tal-Komunità. Għalhekk din il-talba ġiet ukoll miċħuda.
- (138) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar is-sejbiet provviżorji dwar il-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja, il-premessi (86) sa (92) u (94) sa (106) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- (139) Il-konklużjoni li l-industrija Komunitarja ġarrbet danni materjali, kif spjegat fil-premessi (107) sa (110) tar-Regolament provviżorju, hija kkonfermata wkoll.

6. KAWŻALITÀ

6.1. Effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

- (140) Ta' min ifakkar li l-volumi ta' importazzjoni oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti tal-Amerika żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu analizzat. Kien hemm ukoll koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u t-tiħżin tal-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Komunità. Din ma kellhiex ħila tiffissa l-prezzijiet tagħha mal-kondizzjonijiet tas-suq u żidiet fl-ispejjeż, peress li matul il-PI l-prezzijiet tagħha kienu oġhla minn dawk tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.
- (141) Huwa għalhekk ikkonfermat li ż-żieda ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-Istati Uniti kellha impatt negattiv konsiderevoli fuq il-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja matul il-PI.

6.2. Effett ta' fatturi oħra

6.2.1. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (142) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra li jiġġustifikaw bidla fis-sejbiet provviżorji huwa kkonfermat li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma setgħux ħallew aktar minn kontribut negliġibbli għall-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Komunità.

6.2.2. L-iżvilupp tat-talba

- (143) Parti interessata stqarret li anke jekk it-tnaqqis fit-talba bejn l-2007 u l-PI kien negliġibbli (0,5 %) xorta madankollu kien iġib ħsara lill-industrija tal-Komunità għaliex hija allegat li żieda ipotetika ta' 10 % fit-talba kienet tipproduċi volum addizzjonali ta' bejgħ ta' 205 733 tunnellata kieku l-industrija tal-Komunità żammet l-istess sehem tas-suq ta' 29,8 % li ġie reġistrat matul il-PI.
- (144) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-istqarrijiet magħmula minn din il-parti kienu bbażati fuq suppożizzjonijiet vagi u mingħajr provi. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li bejn l-2007 u l-PI is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Komunità żdied bi 2,8 punti perċentwali, dan tabilħaqq jirfed il-konklużjoni mil-huqa fil-premessa (121) tar-Regolament provviżorju li l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Komunità ma tistax tiġi attribwita għat-tnaqqis ħafif fit-talba bejn l-2007 u l-PI. Għalhekk, fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar l-iżvilupp fit-talba fis-suq tal-Komunità l-premessa (121) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

6.2.3. Deċiżjonijiet ta' Politika Pubblika

- (145) Parti interessata tenniet l-istqarrija tagħha li d-dħul mill-ġdid tat-taxxa tal-enerġija fil-Ġermanja laqat b'mod negattiv il-qagħda ekonomika tal-produtturi tal-Komunità li jfornixxu dan is-suq billi minħabba dawn il-miżuri t-talba għall-bijodiżil B100 li tirrappreżenta tal-inqas 1,5 miljun tunnellata kienet tiġi fix-xejn. Hija sostniet ukoll, bi tweġiba għas-sejbiet tal-investigazzjoni stabbiliti fil-premessa (123) tar-Regolament provviżorju, li anki kieku d-dħul ta' rekwiżit ta' taħliet ta' 4,4 % għad-diżil fis-suq tal-Ġermanja għal għanijiet ta' trasport (B5) kellu jipatti għat-telf fil-bejgħ allegat tal-B100, il-livell tal-prezzijiet tal-B100 kienu jkunu differenti minn dawk tal-bijodiżil maħsub għat-taħliet tal-B5. Hija allegat li l-B100 huwa prodott biss miż-żejt tal-kolza li hija materja bażika oġhla, filwaqt li l-bijodiżil B5 ġej minn varjetà ta' materja bażika, u għalhekk dan jolqot b'mod ħażin il-prezz medju tal-produtturi tal-Komunità.
- (146) F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li, għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet magħmula minn din il-parti, l-investigazzjoni wriet li l-volumi ta' bejgħ tal-produtturi tal-Komunità fil-kampjun li jissupplixxu s-suq tal-Ġermanja żdiedu bi 68 % bejn l-2006 u l-PI, u dan tabilħaqq jikkonferma s-sejba provviżorja li kull telf fil-bejgħ tal-B100 kien ikkumpensat mir-rekwiżit ta' taħliet obbligatorju. Ta' min jinnota wkoll li d-dħul ta' 0,09 Euro għal kull litru ta' bijodiżil mill-1 ta' Awwissu 2006 ma wassalx biex jiġi

fix-xejn is-suq kif allegat minn din il-parti, iżda tabilħaqq il-bejgħ tal-B100 naqas b'mod sinifikanti fl-aħħar kwart tal-PI meta din it-taxxa żdiedet għal darb'oħra għal 0,15 Euro kull litru mill-1 ta' Jannar 2008. Dwar l-effett fuq il-prezzijiet, l-allegazzjonijiet magħmula minn din il-parti kienu bla sisien billi l-bijodiżil użat għaż-żewġ tipi ta' prodotti kellu jkun konformi mal-istess standards u dan ifisser li fiż-żewġ tipi ta' bijodiżil setgħet tintuża l-istess taħlita ta' materja bażika u għalhekk ma hemmx differenzazzjoni ppruvata fil-prezz bejn iż-żewġ tipi ta' bijodiżil. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq it-talba ma ntlagħetx.

- (147) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar id-deċiżjonijiet ta' politika pubblika l-premessa (124) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

6.2.4. Kapaċità ta' produzzjoni wieqfa tal-produtturi Komunitari

- (148) Parti interessata, filwaqt li aċċettat li r-rati tal-użu tal-kapaċità ta' produzzjoni baqgħu għolja mhux ħażin għall-produtturi tal-Komunità fil-kampjun, stqarret li l-kapaċità żejda tal-produtturi tal-Komunità fil-kampjun kienet xorta tibqa' kawża ta' ħsara minħabba li twassal għal spejjeż fissi ogħla li jolqtu b'mod negattiv il-kapaċità ta' profitt. Hija stqarret ukoll li ż-żieda fil-valur nett tal-assi tal-produtturi msemmija kienet twassal għal żidiet fissi fl-ispejjeż billi d-deprezzament u l-ispejjeż finanzjarji kienu jkunu ogħla.

- (149) F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li mill-analiżi fid-dettall tal-qsim mill-ġdid tal-ispejjeż varjabbli u fissi fl-istruttura tal-ispejjeż tal-industrija tal-Komunità ġie stabbilit li s-sehem tal-ispejjeż fissi rappreżenta 6 % biss tal-ispejjeż ġenerali (premissa 126 tar-Regolament provviżorju). Barra minn hekk, ta' min jinnotta li din l-analiżi wriet oxxilazzjonijiet insinifikanti ta' din il-perċentwali matul il-perjodu analizzat. Fir-rigward tal-istqarrija dwar l-effett fuq il-kapaċità ta' profitt ikkaġunat miż-żieda netta fil-valur tal-assi, ta' min jinnotta li ż-żieda fl-ispejjeż f'termini assoluti ma twassalx awtomatikament għal żieda fil-kost ta' produzzjoni ta' uniti billi din tal-aħħar tiddependi fuq il-volum ta' produzzjoni li kif jidher fit-Tabella 4 tar-Regolament provviżorju żdied b'rata sostenuta matul il-perjodu analizzat. Għalhekk l-ispejjeż fissi ogħla f'termini assoluti ġew attribwiti għall-volum ta' produzzjoni ogħla li jwassal għall-qsim mill-ġdid imsemmi hawn fuq ta' spejjeż fissi frabta mal-ispejjeż ġenerali. Abbażi ta' dan l-istqarrijiet magħmula minn din il-parti interessata ma setgħux jintlaqgħu.

- (150) L-istess parti allegat li l-kapaċità ġenerali żejda tal-produtturi tal-Komunità tolqot direttament il-prezzijiet billi jkun hemm ġlieda ħarxa fost il-produtturi biex jiksbu kuntratti sa spejjeż marġinali u għalhekk, il-produtturi b'rati ta' użu għolja riedu jkunu l-aktar aggressivi fuq il-bejgħ tagħhom biex ibigħu bi prezz orħos minn tal-kompetituri

tagħhom. Biex tirfed l-istqarrija tagħha hija baġtet dikjarazzjoni ta' kumpanija fil-kampjun mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sena 2007.

- (151) L-allegazzjonijiet, madankollu, ta' din il-parti ma kinux mirfuda minn xi xhieda billi ebda referenza għall-ġlieda allegata ta' prezzijiet minħabba l-kapaċità żejda ma kienet indikata f'din id-dikjarazzjoni. Id-dikjarazzjoni kienet aktar tirreferi għaż-żieda mill-gvern Ġermaniż fit-taxxa tal-enerġija fuq il-bijodiżil B100 mill-1 ta' Jannar 2008 li qajmet kompetizzjoni fis-suq tal-bijodiżil B5. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq it-talba ma setgħetx tintlaqja.

- (152) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar il-kapaċità wieqfa tal-produtturi tal-Komunità, il-premessi (125) sa (128) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.2.5. Domanda akbar għall-materja bażika u prezzijiet li qegħdin jiżdiedu

- (153) Parti interessata u l-gvern tal-Istati Uniti stqarru li ebda wieħed mill-argumenti fil-premessi (129) sa (133) tar-Regolament provviżorju ma jindirizza l-kwistjoni li l-prezzijiet taż-żejt tas-soja, taż-żejt tal-palm u ż-żejt tal-kanola fl-Istati Uniti fiż-żminijiet kollha mill-2004 baqgħu b'mod sinifikanti iktar baxxi mill-prezzijiet taż-żejt tal-kolza fil-Komunità u dan iġib vantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-bijodiżil impurtat mill-Istati Uniti.

- (154) Ta' min ifakkar li l-investigazzjoni trid tistabbilixxi jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping (f'termini ta' prezzijiet u volum) ikkawżawx ħsara materjali lill-industrija Komunitarja jew jekk tali ħsara materjali kinitx minħabba fatturi oħrajn. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku jiddikjara li jeħtieġ li jintwera li l-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jikkawża ħsara. Għalhekk sempliċement jirreferi għal differenza bejn il-livelli tal-prezzijiet, u b'hekk ma hemm l-ebda rekwiżit li jiġu analizzati l-fatturi li jolqtu l-livell ta' dawn il-prezzijiet.

- (155) Fil-prattika, l-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet tal-industrija Komunitarja essenzjalment jiġi eżaminat billi jiġi stabbilit it-traħħis tal-prezzijiet taħt il-prezz normali, id-depressjoni tal-prezzijiet u s-soppressjoni tal-prezzijiet. Għal dan l-għan, jitqabblu l-prezzijiet ta' esportazzjoni oġġett ta' dumping u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija Komunitarja, u l-prezzijiet ta' esportazzjoni użati għall-kalkoli tal-ħsara f'ċerti każijiet jista' jeħtieġu li jiġu aġġustati biex ikun hemm bażi ta' tqabbil. Konsegwentement, l-użu ta' aġġustamenti f'dan il-kuntest jiżgura biss li d-differenza fil-prezzijiet tiġi stabbilita fuq bażi ta' tqabbil. Minn dan, jidher ovvju li l-prezzijiet tal-materja prima fil-pajjiż ta' esportazzjoni ma jistgħux bħala prinċipju jitqiesu bħala fattur ta' ħsara.

(156) Dan ta' hawn fuq huwa wkoll ikkonfermat mill-kliem tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, li jirreferi għal fatturi magħrufa għajr importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Il-lista tal-fatturi l-oħra magħrufa f'dan l-Artikolu ma tagħmel referenza għall-ebda fattur li jolqot il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Fi ftit kliem, jekk l-importazzjonijiet huma oġġett ta' dumping, u anki jekk ibbenefikaw minn żvilupp favorevoli fil-prezzijiet tal-materja prima, ma jitqiesx li dan l-iżvilupp jista' jkun fattur ieħor li jikkawża ħsara.

(157) B'hekk, l-analiżi tal-fatturi li jolqtu l-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, bħall-vantaġġ kompetittiv allegat minħabba prezzijiet iktar baxxi tal-materja prima, ma tistax tkun konklużiva u tali analiżi tmur lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament bażiku.

(158) Fi kwalunkwe każ, u mingħajr ħsara għal dan ta' hawn fuq, ta' min ifakkar li żieda ġenerali fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli mad-dinja kollha seħħet matul il-PI u li ż-żieda fiż-żejt tas-soja (il-materja bażika ewlenija użata mill-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat) kienet ikbar miż-żieda taż-żejt tal-kolza matul l-istess perjodu. Madankollu, dawn iż-żidiet fl-ispejjeż fl-Istati Uniti ma ġewx riflessi fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fis-suq Komunitarju li waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja.

(159) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-talba magħmula minn dawn il-partijiet ma setgħetx tintlaqa.

(160) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra rigward iż-żieda fid-domanda għall-materja bażika u prezzijiet li jiżdiedu, il-premessi (129) sa (136) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.2.6. Żvilupp fil-prezz tad-diżil minerali

(161) Parti interessata tenniet l-istqarrija tagħha (ara l-premessa 134 tar-Regolament provviżorju) u ressqet argument ieħor li l-prezzijiet tad-diżil minerali jiffissaw limitu li lil hinn minnu l-produtturi tal-bijodiżil ma jkunux jistgħu jgħollu l-prezzijiet tagħhom bi qbil maż-żidiet fil-materja bażika.

(162) F'dan ir-rigward ta' min jinnotta li l-produtturi kollha tal-Komunità kienu qed ifornixxu swieq fejn jeżistu miri ta' taħliet obbligatorji. Barra minn hekk, il-bijodiżil kien suġġett għal tneħħija tat-taxxa fil-biċċa 'l kbira tal-Istati Membri u dan ifisser li prezzu huwa komparabbli mal-prezz tad-diżil minerali miżjud b'fattur biex jittieħed kont tat-taxxa fuq l-enerġija li għaliha dan tal-aħħar huwa

suġġett. Dan ifisser li filwaqt li wieħed jista' jaċċetta ċerta rabta mal-prezzijiet taż-żejt, l-investigazzjoni stabiliet li għar-raġunijiet ta' hawn fuq il-bijodiżil jista' tabilħaqq jinbiegħ bi prezzijiet ogħla mid-diżil minerali. Madankollu, din il-parti ma bagħtet ebda xhieda konvinċenti li turi li l-prezzijiet tad-diżil minerali li kienu flivelli għolja ħafna fit-tieni nofs tal-PI wettqu pressjoni fuq il-prezzijiet tal-bijodiżil tal-produtturi tal-Komunità matul il-PI.

(163) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar l-iżvilupp tal-prezz tad-diżil minerali l-konklużjoni hija li dan il-fattur ma kkawżax ħsara lill-industrija tal-Komunità.

6.2.7. L-importazzjoni tal-lokazzjoni tal-impjanti tal-bijodiżil fil-Komunità

(164) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar il-lokazzjoni tal-impjanti tal-bijodiżil fil-Komunità, il-premessi (137) sa (139) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.2.8. Produtturi relatati mal-esportaturi tal-Istati Uniti

(165) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika mill-produtturi Komunitarji relatati mal-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti, il-premessa (140) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

6.2.9. Il-konklużjoni dwar il-kawżalità

(166) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, il-premessi (141) sa (143) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7. INTERESS KOMUNITARJU

7.1. Industrija Komunitarja

(167) Wara l-iżvelar provviżorju l-produtturi tal-industrija tal-Komunità approvaw is-sejbiet tal-Kummissjoni u kkonfermaw li l-miżuri jkunu fl-interess tagħhom.

(168) Waħda mill-partijiet stqarret li l-miżuri ma kinux se jkunu fl-interess tal-industrija tal-Komunità billi l-miżuri jwasslu biex ikun hemm ċaqliq ta' flussi fil-kummerċ, jiġifieri bidla għall-importazzjonijiet minn pajjiżi mhux koperti mill-miżuri, għaliex i) l-operaturi tas-suq tal-Komunità kienu se jkomplu jeħtieġu bijodiżil irħas ibbażat fuq iż-żejt tas-soja u żejt tal-palm biex jikkomplementawh bil-bijodiżil ogħla taż-żejt tal-kolza prodott mill-industrija tal-Komunità u ii) għaliex il-bijodiżil miż-żejt tal-kolza mhux se jkun biżżejjed biex ikopri t-talba.

- (169) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li filwaqt li l-materja bażika ewlenija użata mill-produtturi tal-industrija tal-Komunità huwa ż-żejt tal-kolza, l-istess produtturi ma kinux iserħu fuq din il-materja bażika biss għall-produzzjoni tagħhom ta' bijodiżil iżda jużaw ukoll materja bażika bħaż-żejt tas-soja u ż-żejt tal-palm. Iżda, minħabba l-fatt li ta' sikwiet il-prezz tal-materja bażika l-oħra kien ogħla mill-prezz tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-bijodiżil ibbażat fuq din il-materja bażika, il-produtturi tal-industrija tal-Komunità kienu miċħuda mill-possibilità li jużaw iż-żejt tas-soja u ż-żejt tal-palm fuq skala akbar. Huwa għalhekk mistenni li l-impożizzjoni tal-miżuri ġġib lura kundizzjonijiet normali tas-suq f'dan ir-rigward biex b'hekk il-produtturi tal-industrija tal-Komunità jkunu jistgħu jadattaw b'mod aktar effiċjenti l-produzzjoni tagħhom għat-tipi differenti ta' bijodiżil meħtieġa fis-suq tal-Komunità. Abbażi ta' dan it-talba ma ntlagħgetx.
- (170) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar l-interess tal-industrija tal-Komunità, il-premessi (145) sa (147) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7.2. Importaturi/kummerċjanti indipendenti fil-Komunità

- (171) Fin-nuqqas ta' xi reazzjoni mill-importaturi wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji l-konklużjoni hija li l-effett tal-miżuri x'aktarx mhux se jkollu impatt materjali fuq l-importaturi/kummerċjanti.

7.3. Utenti fil-Komunità

- (172) Fin-nuqqas ta' xi reazzjoni mill-utenti wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, il-konklużjoni hija li d-dazji tal-antidumping x'aktarx mhux se jkollhom impatt materjali fuq l-utenti.

7.4. Fornituri ta' materja prima fil-Komunità

- (173) Fin-nuqqas ta' xi reazzjoni mill-fornituri wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, il-premessi (154) sa (156) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7.5. Interessi oħrajn

- (174) Wara l-iżvelar provviżorju waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-produtturi tal-karozzi li investew fil-produzzjoni ta' vetturi adattati biex jużaw il-bijodiżil jistgħu ma jirnexxilhomx jaslu sal-ħsad tal-investimenti tagħhom mill-bejgħ ta' dawn il-vetturi f'każ li l-prezzijiet tal-bijodiżil fil-Komunità jidiedu minħabba l-miżuri sa livelli li mhumiex kompetittivi ma' dawk tad-diżil minerali.
- (175) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-possibilità allegata minn din il-parti setgħet isseħħ ukoll fl-assenza tal-miżuri, jiġifieri l-prezzijiet tad-diżil minerali (li jiddependu fuq il-prezzijiet taż-żejt) jaqgħu għal livelli li jġibuhom aktar kompetittivi mill-bijodiżil. Għalhekk, ma jagħmilx sens li tagħti x'tifhem li l-industrija tal-

karozzi għamlet investimenti mingħajr ma qieset dan il-parametru. Għalhekk, din it-talba ma ntlagħgetx.

- (176) Wara l-iżvelar provviżorju, għaqda ta' bdiewa tal-Komunità esprimiet l-appoġġ tagħha u wriet li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil tal-Istati Uniti ċaħdu lill-produtturi taż-żejt taż-żerriegħa tal-Komunità minn bejgħ ta' madwar 6 miljun tonnallata ta' żerriegħa taż-żejt, jew madwar 11 % tal-produzzjoni taż-żejt taż-żerriegħa fl-2007 u l-2008, u wasslu għal tnaqqis ta' 90 Euro fit-tonnellata fil-valur potenzjali taż-żerriegħa tal-kolza użata għal għanijiet mhux tal-ikel. Dawn il-kummenti, li waslu tard, ma setgħux iżda jiġu vverifikati.

7.6. Effetti li jfixklu l-kompetizzjoni u l-kummerċ

- (177) Parti interessata tenniet il-kummenti tagħha dwar l-inkoerenza tal-miżuri ta' antidumping mal-politika tal-Unjoni Ewropea biex jingib 'il quddiem l-użu tal-bijofjuwils. Hija żiedet li l-Unjoni Ewropea ma tistax tiddependi biss minn bijodiżil ibbażat fuq iż-żejt tal-kolza prodott fil-Komunità biex tiżviluppa s-suq tagħha tal-bijodiżil.

- (178) Filwaqt li dan il-kument ġie indirizzat fit-taqsimha 7.6 tar-Regolament provviżorju, għall-kwistjoni tal-bijodiżil miż-żejt tal-kolza msemmi minn din il-parti hemm referenza wkoll fil-premessa (169) hawn fuq.

- (179) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar il-kompetizzjoni u l-effetti tat-tfixkil tal-kummerċ, il-premessi (157) sa (159) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7.7. Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità

- (180) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni hija li ma hemm l-ebda raġuni ta' interess kontra l-impożizzjoni ta' miżuri ta' anti-dumping fil-każ preżenti.

8. MIŻURI DEFINITTIVI KONTRA D-DUMPING

8.1. Livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara

- (181) Għadd ta' partijiet interessati u l-GSU kkuntestaw id-determinazzjoni provviżorja li profitt ta' 15 % ikun il-marġini ta' profitt li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.
- (182) Waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-marġini ta' profitt għall-industrija tal-Komunità użat għad-determinazzjoni tal-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara għandu jiġi stabbilit fuq il-livell ta' profitt magħmul mill-industrija tal-Komunità matul il-PI, jiġifieri 5,7 %, għaliex dan il-marġini ta' profitt ikun fil-medda ta' profitti magħmula għal prodotti ta' konsum bħall-bijodiżil. Biex tinfed din l-istqarrija hija għamlet referenza għall-profitti magħmula mill-produtturi tal-Istati Uniti għall-etanol u ż-żjut mill-ħxejjex u mir-raffineriji taż-żejt.

- (183) Ta' min jinnota li l-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara għandu jkun bbażat fuq valutazzjoni tal-profit li l-industrija tista' tistenna li tikseb b'mod raġonevoli fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq il-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Komunità. Għal investigazzjoni partikolari, il-profit magħmul fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat jista' jiġi kkunsidrat b'mod raġonevoli bħala l-profit magħmul fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Tabilħaqq, f'dan il-każ speċifiku fis-snin bikrija tal-perjodu kkunsidrat (2004 sa 2006) l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti qatt ma qabżu sehem tas-suq ta' 1 % u għalhekk jista' b'mod raġonevoli jiġi konkluż li dawn il-perjodi kienu kkaratterizzati min-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Għalhekk, il-profit medju magħmul f'dawn il-perjodi mill-industrija tal-Komunità tqies bħala bażi raġonevoli għad-determinazzjoni tal-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara filwaqt li ttieħed kont tal-ħtiġijiet li jiġi ggarantit l-investment tal-produzzjoni ta' din l-industrija stabbilita milhux. Barra minn hekk, u b'raba mal-istqarrija magħmula mill-parti interessata, l-investigazzjoni wriet li l-profitti magħmula mill-produtturi esportaturi ewlenin tal-Istati Uniti tal-Amerika għall-operazzjonijiet domestiċi tagħhom tal-bijodiżil kienu sew akbar mill-profit użat għad-determinazzjoni tal-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq it-talba ma setgħetx tintlaqa.
- (184) Ċerti stqarrijiet minn kumpaniji tal-Istati Uniti dwar il-qlib tad-dazji *ad valorem* f'dazji ta' ammont fiss, deskritti fil-premessa (193) hawn taħt, żvelaw li l-ammont ta' bejgħ taħt il-prezz *ad valorem* kien ikkalkolat bħala l-proporzjon bejn il-bejgħ totali taħt il-prezz u l-prezz CIF aġġustat (ara l-aġġustament imsemmi fil-premessa (117)), filwaqt li kellu jintuża l-prezz CIF mhux aġġustat kif sar biex jiġi kkalkolat il-marġini ta' dumping *ad valorem*. Għalhekk il-livelli ta' eliminazzjoni ta' ħsara kollha *ad valorem* ġew ikkalkolati mill-ġdid għall-kumpaniji kollha tal-Istati Uniti fil-kampjun.
- (185) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra wara l-iżvelar provviżorju, l-istess metodoloġija kif imsemmija fil-premessa (164) u (165) tar-Regolament provviżorju intużat biex jinkisbu l-prezzijiet li ma kkawżawx ħsara. Il-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara ġie kkalkolat bħala perċentwali tal-valur ta' importazzjoni CIF totali mhux aġġustat.
- 8.2. Forma u livell tad-dazji**
- (186) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju definittiv kontra d-dumping flivell għoli biżżejjed biex titneħħa l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mingħajr ma jinqabeż il-marġini ta' dumping misjub.
- (187) Fid-dawl tal-kummenti li waslu minn ċerti partijiet interessati wara l-iżvelar provviżorju u fid-dawl tar-reviżjoni jiet deskritti f'dan ir-Regolament, ċerti marġini ġew emendati.
- (188) Madankollu, fil-proċediment parallel tal-AS, dazji ta' kontroblanċ fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti huma imposti wkoll. Is-sussidji misjuba f'dan il-proċediment parallel mhumiex sussidji għall-esportazzjoni u huma għalhekk ikkunsidrati bħala li m'għandhomx effett fuq il-prezz għall-esportazzjoni u fuq il-marġni korrispondenti ta' dumping. Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li l-importazzjonijiet eżaminati inġenerali huma komuni għaż-żewġ proċedimenti, id-dazji anti-dumping jistgħu jiġu imposti flimkien mad-dazji ta' kontroblanċ sakemm dawn iż-żewġ dazji flimkien ma jaqbx il-marġni tat-tneħħija ta' ħsara (regola tal-inqas dazju).
- (189) Waħda mill-partijiet stqarret li l-Istituzzjonijiet għandhom jużaw id-diskrezzjoni tagħhom biex ma japplikawx ir-regola tal-inqas dazju f'dan il-każ billi din mhix ġustifikata għar-raġunijiet li ġejjin:
- (a) hemm medda wiesgħa ta' sitwazzjonijiet kritiċi li għandhom quddiemhom il-produtturi tal-bijodiżil fil-Komunità, mhux inklużi fil-kampjun, li ma jistgħux jiġu riflessi fil-kalkoli tal-marġini ta' ħsara;
- (b) jinħtieġ li jiġu riflessi fid-determinazzjoni tal-miżuri l-aktar xierqa li jridu jiġu imposti l-interessi tal-industrija tal-Komunità inġenerali inklużi l-interessi tal-produtturi l-aktar dgħajfa li ġew esposti bis-sħiħ għall-kompetizzjoni mhux ġusta u ma thellewx jilhqqu d-daqs kritiku tal-operazzjonijiet u dan kien jiġġustifika l-inklużjoni tagħhom fil-kampjun;
- (c) l-investigazzjoni stabbilit il-grad għoli tal-prassi ta' dumping u sussidju li huma l-kawża ewlenija tal-qagħda kritika tal-produtturi tal-bijodiżil, inklużi dawk li ma setgħux jiġu inklużi fil-kampjun.
- (190) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-marġini ta' ħsara stabbilit f'din l-investigazzjoni jitqies xieraq biex titneħħa l-ħsara lill-produtturi tal-industrija tal-Komunità investigati. Billi l-investigazzjoni kkonċentrat fuq il-qagħda ta' dawn il-produtturi mhux possibbli li ssir xi determinazzjoni preċiża għall-produtturi tal-Komunità inġenerali kif issuġerit din il-parti. Għalhekk, dawn il-konsiderazzjonijiet usa ma jippermettux lill-Istituzzjonijiet jiddevjaw mir-rekwiżit legali tal-applikazzjoni tar-regola tal-inqas dazju.
- (191) Fuq il-bażi ta' dak ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazji anti-dumping ġew stabbiliti permezz tat-tqabbil tal-marġni tat-tneħħija tal-ħsara, il-marġni tad-dumping u r-rati ta' dazju ta' kontroblanċ. Għaldaqstant, id-dazji provviżorji ta' anti-dumping huma kif ġej:

Kumpanija	Marġini ta' ħsara	Marġini ta' dumping	Rata tad-dazju ta' kontrobilanċ	Rata tad-dazju anti-dumping
Archer Daniels Midland Company	54,5 %	10,1 %	35,1 %	10,1 %
Cargill Inc.	—	<i>de minimis</i>	34,5 %	0 %
Green Earth Fuels of Houston LLC	51,3 %	88,4 %	39,0 %	12,3 %
Imperium Renewables Inc.	41,6 %	29,5 %	29,1 %	12,5 %
Peter Cremer North America LP	77,2 %	39,2 %	41,0 %	36,2 %
World Energy Alternatives LLC	46,1 %	52,3 %	37,6 %	8,5 %
Kumpaniji li kkooperaw li ma ħadux sehem fil-kampjun	55,3 %	33,5 %	36,0 %	19,3 %

- (192) Fid-dawl tal-fatt li d-dazji anti-dumping se japplikaw għal taħlitiet li fihom aktar minn 20 % ta' bijodiżil fil-piż, bħala proporzjon tal-kontenut tal-bijodiżil tagħhom, jitqies xieraq għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li jiġu ddeterminati d-dazji bħala ammonti fissi fuq il-bażi tal-kontenut tal-bijodiżil.
- (193) Ċerti partijiet ikkontestaw il-metodoloġija użata biex jinqalbu r-rati ta' dazju *ad valorem* f'dazji taħt forma ta' ammonti fissi. Huma stqarru li l-valuri CIF li kellhom jintużaw għall-qlib ta' dazju *ad valorem* f'ammont fiss kellhom ikunu l-valuri CIF proprja u mhux daww aġġustati biex jitqiesu d-differenzi fil-materja bażika deskritt fil-premessi (83) u (84) tar-Regolament provviżorju.
- (194) Din l-istqarrija ġiet eżaminata u tabilħaqq instab li intużaw il-valuri CIF aġġustati biex jiġu maqluba d-dazji *ad valorem* f'dazji ta' ammont fiss. Iżda, instab ukoll li l-istess valuri intużaw bħala bażi biex jiġi espress l-ammont ta' bejgħ taħt il-prezz bħala dazju *ad valorem*. Għalhekk, kellha l-ewwel issir korrezzjoni fl-ammont tal-bejgħ taħt il-prezz bħala perċentwali tat-total proprja tal-valur CIF ta' importazzjoni. Abbażi ta' dan il-marġini ta' ħsara ġew riveduti kif meħtieġ. Il-kalkolu sussegwenti tar-rati ta' dazju b'ammont fiss, iżda, ma wera ebda differenza mir-rati ta' dazju li jidhru fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament provviżorju billi d-dazju l-għoli *ad valorem* tpatta eżattament mit-tnaqqis tal-prezzijiet CIF (mill-aġġustati għal daww proprja) użati biex jinqalbu d-dazji *ad valorem* f'dazji fissi.
- (195) Ir-rati ta' dazju kontra d-dumping ta' kumpaniji individwali li ġew speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet waqt l-investigazzjoni rigward dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju nazzjonali applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") huma għalhekk eskklusivament applikabbli għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturati mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati mmanifatturati minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi entitajiet relatati ma' daww imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".
- (196) Kwalunkwe talba għall-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' dazju ta' anti-dumping għal kumpaniji individwali (eż. wara bdil fl-isem tal-entità jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni ⁽¹⁾ bit-tagħrif kollu rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ma' dak tal-esportazzjoni u li jkunu assoċjati, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew ma' dik il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi mbagħad emendat kif meħtieġ billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jgawdu minn rati ta' dazju individwali.
- (197) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzzjali li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kienet biħsiebha tirrakkomanda l-impożizzjoni tad-dazji definittivi kontra d-dumping. Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu appelli wara dan l-iżvelar. Il-kummenti mressqa mill-partijiet tqiesu sewwa, u, fejn xieraq, is-sejbiet ġew miqdula kif meħtieġ.
- (198) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali bejn kull produttur esportatur ġdid u l-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandha ssir dispożizzjoni għall-medja differenzjata ta' dazju impost fuq dawn tal-aħħar li għandha tiġi applikata għal kull esportatur ġdid li ma kienx ikun intitolat għal revizzjoni skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, billi l-Artikolu 11(4) ma japplikax fejn jintuża teħid ta' kampjuni.

⁽¹⁾ Kummissjoni Ewropea, Direttorat-Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat H, Uffiċċju N105 04/092, 1049 Brussell, il-Belġju

8.3. Impenji

- (199) Ċerti produttori esportaturi tal-Istati Uniti offrew imprenji fil-prezz skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. Hu osservat li fid-dawl tal-varjazzjonijiet sinifikanti fil-prezz tal-materja prima, il-prodott ma jitqiesx xieraq għal impenn fil-prezz fiss. F'dan il-kuntest, il-kumpaniji pproponew li l-prezzijiet għall-importazzjonijiet minimi (PIMs) kienu jingħataw indiċi regolament b'rigward għaċ-ċaqliq fil-prezzijiet taż-żejt tal-kolza. Barra minn hekk, huma offrew PIMs għal tliet tipi biex iqisu l-vaqretà tal-prodott mal-importazzjoni (il-bijodiżil miksub mis-sojja, il-palma jew żejt tal-kanola) fuq il-bażi tal-koeffiċjenti tal-materja bażika stabbiliti tul il-PI.
- (200) B'rigward għall-offerti lill-produttori esportaturi li kkooperaw, hu osservat li l-bażi biex jiġi stabbilit PIM bl-indiċi kien fuq medja bejn 7-8 % aktar baxx mill-prezz li ma jagħmilx ħsara stabbilit tul il-PI. Barra minn hekk, il-koeffiċjenti proposti biex wieħed jasal għal PIMs aġġustati għat-tipi msemmija hawn fuq ma kinux xierqa peress li kienu jikkonċernaw il-PI. Tabilħaqq, fid-dawl tal-fatt li dawn il-koeffiċjenti, li jiddependu fuq id-differenza fil-prezz bejn il-materja bażika, dejjem jiċċaqlqu, dawn il-koeffiċjenti setgħu inbidlu b'mod konsiderevoli b'rigward għall-qagħda osservata tul il-PI. Għalhekk, l-għoti ta' indiċi propost tal-PIMs bħall-bijodiżil tas-sojja jew bijodiżil taż-żejt tal-palm fuq il-bażi taċ-ċaqliq fil-prezz taż-żejt tal-kolza tqies li ma kienx xieraq peress li kien se jissejjes fuq l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima li kienu differenti minn dawn użati għall-produzzjoni tal-prodott esportat ikkonċernat.
- (201) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, u mingħajr referenza għal kwalunkwe kwistjonijiet prattiċi oħra speċifiċi għal kumpanija rigward l-approvazzjoni tagħhom, tqies li l-impriżi, kellhom jiġu miċħuda peress li l-metodu biex jiġu ddeterminati l-PIMs ma kinux xierqa u li l-PIMs offeriti ma kinux fuq livelli li jeqirdu d-dumping dannuż.

8.4. Ġbir definittiv ta' dazji provviżorji u s-sorveljanza speċjali

- (202) Wara l-iżvelar tas-sejbiet finali, l-ilmentatur talab miżuri speċjali biex ma jsirx evitaw possibbli tal-miżuri fid-dawl tal-fatt li s-suq ikkonċernat hu suq tal-prodotti globali

b'prodott funġibbli mqiegħed fis-suq permezz ta' kanali tal-bejgħ varji.

- (203) B'kunsiderazzjoni għal dak li ntqal hawn fuq, hu tassew meqjus xieraq li jiġu sorveljati mill-qrib l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mid-destinazzjonijiet kollha sabiex titthaffef azzjoni xierqa mgħaġġla jekk il-qagħda teħtieġ dan.
- (204) Minħabba l-grad tal-marġini ta' dumping li nstab u fid-dawl tal-livell ta' ħsara kkaġunata lill-industrija tal-Komunità, jitqies meħtieġ li l-ammonti li nġabru permezz tad-dazju provviżorju kontra d-dumping, impost bir-Regolament provviżorju, għandhom jinġabru b'mod definittiv sal-punt li jinġabar l-ammont tad-dazji definittivi imposti. Fejn id-dazji definittivi jkunu aktar baxxi mid-dazji provviżorji, l-ammonti miġbura b'mod provviżorju li jkunu ogħla mir-rata definittiva ta' dazji kontra d-dumping għandhom jinħelsu. Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, l-ammonti assigurati fil-livell ta' dazji provviżorji biss għandhom jinġabru b'mod definittiv.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan qed jiġi impost dazju definittiv ta' anti-dumping fuq importazzjoniet ta' esteri monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħrufa b'mod komuni bħala 'bijodiżil', f'forma pura jew f'taħlita li jkun fih bil-piż aktar minn 20 % ta' esteri monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 20), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 20), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 20), ex 2710 19 41 (kodiċi TARIC 2710 19 41 20), 3824 90 91, ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 3824 90 97 87), u li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika.

2. Ir-rata ta' dazju definittiv ta' anti-dumping applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji hawn taħt għandha tkun:

Kumpanija	Rata ta' dazju AD EUR kull tunnellata netta	Kodiċi addizzjonali TARIC
Archer Daniels Midland Company, Decatur	68,6	A933
Cargill Inc., Wayzata	0	A934
Green Earth Fuels of Houston LLC, Houston	70,6	A935
Imperium Renewables Inc., Seattle	76,5	A936
Peter Cremer North America LP, Cincinnati	198,0	A937
World Energy Alternatives LLC, Boston	82,7	A939
Kumpaniji elenkati fl-Anness	115,6	ara l-Anness
Il-kumpaniji l-oħra kollha	172,2	A999

Id-dazju anti-dumping fuq it-taħlitiet għandu jkun applikabbli b'proporzjon fit-taħlita, skont il-piż, tal-kontenut totali tal-esteri monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija u nafta paraffinika minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili (kontenut ta' bijodiżil).

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

L-ammonti miġbura permezz ta' dazji provviżorji ta' anti-dumping skont ir-Regolament (KE) Nru 193/2009 li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 20), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 20), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 20), ex 2710 19 41 (kodiċi TARIC 2710 19 41 20), 3824 90 91, ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 3824 90 97 87), u li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti miġbura 'l fuq mill-ammont tad-dazji definittivi ta' anti-dumping għandhom jinħelsu. Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-

dazji provviżorji, l-ammonti miġbura fil-livell ta' dazji provviżorji biss għandhom jinġabru b'mod definittiv.

Artikolu 3

Fejn xi parti mill-Istati Uniti tal-Amerika tipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li ma esportax il-merkanzija deskritta fl-Artikolu 1(1) li toriġina fl-Istati Uniti tal-Amerika matul il-perjodu tal-investigazzjoni (l-1 ta' April 2007- l-31 ta' Marzu 2008) li mhijiex relatata ma' esportatur jew produttur suġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u li hija attwalment esportat il-merkanzija kkonċernata, jew li daħlet f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex tesporta kwantità sinifikanti lill-Komunità wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi fuq proposta tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, jista' jemenda l-Artikolu 1(2) biex jattribwixxi lil dik il-parti d-dazju applikabbli għall-produtturi li jikkooperaw u li mhumiex parti mill-kampjun, jiġifieri EUR 115,6 għal kull tunnellata.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BORG

ANNEX

Produtturi esportaturi tal-Istati Uniti li kkooperaw li mhumiex fil-kampjun

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi Addizzjonali TARIC
American Made Fuels, Inc.	Canton	A940
AG Processing Inc.	Omaha	A942
Alabama Clean Fuels Coalition Inc.	Birmingham	A940
Arkansas SoyEnergy Group	DeWitt	A940
Arlington Energy, LLC	Mansfield	A940
Athens Biodiesel, LLC	Athens	A940
Beacon Energy	Cleburne	A940
Biodiesel of Texas, Inc.	Denton	A940
BioDiesel One Ltd	Southington	A940
Buffalo Biodiesel, Inc	Tonawanda	A940
BullDog BioDiesel	Ellenwood	A940
Carbon Neutral Solutions, LLC	Mauldin	A940
Central Iowa Energy, LLC	Newton	A940
Chesapeake Custom Chemical Corp.	Ridgeway	A940
Community Fuels	Stockton	A940
Delta BioFuels, Inc.	Natchez	A940
Diamond Biofuels	Mazon	A940
Direct Fuels	Euless	A940
Eagle Creek Fuel Services, LLC	Baltimore	A940
Earl Fisher Bio Fuels	Chester	A940
East Fork Biodiesel, LLC	Algona	A940
ECO Solutions, LLC	Chatsworth	A940
Ecogy Biofuels, LLC	Tulsa	A940
ED & F Man Biofuels Inc.	New Orleans	A940
Freedom Biofuels, Inc.	Madison	A940
Fuel & Lube, LLC	Richmond	A940
Fuel Bio	Elizabeth	A940
FUMPA Bio Fuels	Redwood Falls	A940
Galveston Bay Biodiesel, LP (BioSelect Fuels)	Houston	A940
Geo Green Fuels, LLC	Houston	A940
Georgia Biofuels Corp.	Loganville	A940
Green River Biodiesel, Inc.	Moundville	A940
Griffin Industries, Inc.	Cold Spring	A940
High Plains Bioenergy	Guymon	A940
Huish Detergents, Inc.	Salt Lake City	A940
Incobrasa Industries, Ltd.	Gilman	A940
Independence Renewable Energy Corp.	Perdue Hill	A940

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Indiana Flex Fuels	LaPorte	A940
Innovation Fuels, Inc.	Newark	A940
Iowa Renewable Energy, LLC	Washington	A940
Johann Haltermann Ltd.	Houston	A940
Lake Erie Biofuels, LLC	Erie	A940
Leland Organic Corporation	Leland	A940
Louis Dreyfus Agricultural Industries, LLC	Wilton	A940
Louis Dreyfus Claypool Holdings LLC	Claypool	A940
Memphis Biofuels, LLC	Memphis	A942
Middle Georgia Biofuels	East Dublin	A940
Middletown Biofuels, LLC	Blairsville	A940
Musket Corporation	Oklahoma City	A940
New Fuel Company	Dallas	A940
North Mississippi Biodiesel	New Albany	A940
Northern Biodiesel, Inc.	Ontario	A940
Northwest Missouri Biofuels, LLC	St. Joseph	A940
Nova Biofuels Clinton County, LLC	Clinton	A940
Nova Biosource	Senaca	A940
Organic Fuels, Ltd	Houston	A940
Owensboro Grain Company LLC	Owensboro	A940
Paseo Cargill Energy, LLC	Kansas City	A940
Peach State Labs, Inc.	Rome	A940
Perihelion Global, Inc.	Opp	A940
Philadelphia Fry-O-Diesel Inc.	Philadelphia	A940
Pinnacle Biofuels, Inc.	Crossett	A940
PK Biodiesel	Woodstock	A940
Pleasant Valley Biofuels, LLC	American Falls	A940
RBF Port Neches LLC	Houston	A940
Red Birch Energy, Inc.	Bassett	A940
Red River Biodiesel Ltd.	New Boston	A940
REG Ralston, LLC	Ralston	A940
Renewable Energy Products, LLC	Santa Fe Springs	A940
Riksch BioFuels LLC	Crawfordsville	A940
Safe Renewable Corp.	Conroe	A940
Sanimax Energy Inc.	DeForest	A940
Scott Petroleum	Itta Bena	A942
Seminole Biodiesel	Bainbridge	A940
Soy Solutions	Milford	A940
SoyMor Biodiesel, LLC	Albert Lea	A940
Sunshine BioFuels, LLC	Camilla	A940
TPA Inc.	Warren	A940

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Trafigura AG	Stamford	A940
U.S. Biofuels, Inc.	Rome	A940
United Oil Company	Pittsburgh	A940
Valco Bioenergy	Harlingen	A940
Vanguard Synfuels, LLC	Pollock	A940
Vinmar Overseas, Ltd	Houston	A938
Vitol Inc.	Houston	A940
Walsh Bio Diesel, LLC	Mauston	A940
Western Dubque Biodiesel, LLC	Farley	A940
Western Iowa Energy, LLC	Wall Lake	A940
Western Petroleum Company	Eden Prairie	A940

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 600/2009**tad-9 ta' Lulju 2009****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	42,6
	TR	44,0
	ZZ	43,3
0707 00 05	TR	112,2
	ZZ	112,2
0709 90 70	TR	104,4
	ZZ	104,4
0805 50 10	AR	60,1
	MK	25,1
	TR	41,9
	ZA	62,6
	ZZ	47,4
0808 10 80	AR	84,1
	BR	74,3
	CL	83,8
	CN	91,1
	NZ	99,8
	US	105,0
	UY	116,5
	ZA	85,3
	ZZ	92,5
	0808 20 50	AR
CL		77,4
NZ		161,4
ZA		108,5
ZZ		106,4
0809 10 00	TR	201,5
	XS	116,3
	ZZ	158,9
0809 20 95	TR	350,9
	ZZ	350,9
0809 30	TR	135,9
	ZZ	135,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 601/2009

tad-9 ta' Lulju 2009

li jemenda għall-109 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan⁽¹⁾, u b' mod partikolari fl-ewwel inċiż tiegħu tal-Artikolu 7(1),

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fid-29 ta' Ġunju 2009, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni naturali u legali, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi billi jiżdiedu erba' persuni mal-lista fid-dawl tal-informazzjoni dwar ir-rabta tagħhom mal-Al-Qaida. Il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ipprova d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tad-deċiżjoni tal-ejenkar.
- (3) L-Anness I għandu jiġi emendat kif jixraq.

- (4) Sabiex jiġi garantit li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament.

- (5) Il-Kummissjoni se tikkomunika lill-individwi kkonċernati l-bażi li fuqha hu msawwar dan ir-Regolament, u se tagħtihom l-opportunità li jikkumentaw dwar din il-bażi u jirvedu dan ir-Regolament fid-dawl tal-kummenti u l-informazzjoni addizzjoni li jista' jkun hemm. Peress li l-lista tan-NU ma tippovdix f'dan il-każ l-indirizzi attwali tal-persuni naturali kkonċernati, għandu jiġi ppublikat avviż fil-Ġurnal Uffiċjali sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni u sabiex il-Kummissjoni tkun tista' sussegwentement tikkomunika r-raġunijiet li fuqhom dan ir-Regolament huwa bbażat lill-persuna naturali kkonċernata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni
Eneko LANDÁBURU
Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu miżjuda taħt l-intestatura "Persuni naturali":

- (1) Arif **Qasmani** (*magħruf bħala* (a) Muhammad Arif **Qasmani**, (b) Muhammad 'Arif Qasmani, (c) Mohammad Arif Qasmani, (d) Arif Umer, (e) Qasmani Baba, (f) Memon Baba, (g) Baba Ji). Indirizz: Numru tad-dar 136, KDA Skema Nru. 1, Triq Tipu Sultan, Karachi, Pakistan. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1944. Post tat-twelid: Pakistan. Ċittadinanza: Pakistana. Tagħrif ieħor: F'detenzjoni sa minn Ġunju 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4)(b): 29.6.2009.
 - (2) Mohammed Yahya **Mujahid** (*magħruf bħala* Mohammad Yahya Aziz). Data tat-twelid: it-12 ta' Marzu 1961. Post tat-twelid: Lahore, Punjab Province, Pakistan. Ċittadinanza: Pakistana. Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 35404-1577309-9 (numru ta' identifikazzjoni nazzjonali Pakistani). Tagħrif ieħor: F'detenzjoni sa minn Ġunju 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4)(b): 29.6.2009.
 - (3) Fazeel-A-Tul Shaykh Abu Mohammed Ameen **Al-Peshawari** (*magħruf bħala* (a) Shaykh Aminullah, (b) Sheik Aminullah, (c) Abu Mohammad Aminullah **Peshawari**, (d) Abu Mohammad Amin Bishawri, (e) Abu Mohammad Shaykh Aminullah **Al-Bishauri**, (f) Shaykh Abu Mohammed Ameen **al-Peshawari**, (g) Shaykh Aminullah **Al-Peshawari**). Indirizz: Ganj District, Peshawar, Pakistan. Data tat-twelid: (a) Bejn wieħed u ieħor fl-1967, (b) Bejn wieħed u ieħor fl-1961, (c) Bejn wieħed u ieħor fl-1973. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Konar, fl-Afganistan. Tagħrif ieħor: F'detenzjoni sa minn Ġunju 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.6.2009.
-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 602/2009**tad-9 ta' Lulju 2009****li jiffissa l-prezz massimu għax-xiri tal-butir għas-8 stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 186/2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

offerti, skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 105/2008.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

(3) Fid-dawl tal-offerti li saru b'risposta għas-8 stedina individwali għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

Billi:

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2009 ⁽²⁾ fetax ix-xiri ta' butir bi proċedura ta' sejħiet għall-offerti għal perijodu li jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2009, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 105/2008 tal-5 ta' Frar 2008 li jstipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 li jirrigwarda l-intervent fis-suq tal-butir ⁽³⁾.

Artikolu 1

Għas-8 stedina individwali għall-offerti għax-xiri ta' butir fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 186/2009, li għaliha ż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fis-7 ta' Lulju 2009, il-prezz massimu tax-xiri għandu jkun ta' EUR 220,00/100 kg.

(2) Skont l-offerti li saru b'risposta għal stedinet individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri jew inkella jiġi deċiż li ma tintlaqa' l-ebda waħda mill-

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 64, 10.3.2009, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 32, 6.2.2008, p. 3.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 603/2009

tad-9 ta' Lulju 2009

li jiffissa l-prezz massimu tax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għall-6 stedina individwali għall-offerti fi
ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 310/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 310/2009 ⁽²⁾ fetax ix-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tas-sejħiet għall-offerti għall-perijodu li jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2009, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 li jstipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 li jirrigwarda l-intervent fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat ⁽³⁾.
- (2) Skont l-offerti li saru b'risposta għal stedinet individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri

jew inkella jiġi deċiż li ma tintlaqa' l-ebda waħda mill-offerti, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 214/2001.

- (3) Fid-dawl tal-offerti li saru b'risposta għall-6 stedina individwali għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Gestiġni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-6 stedina individwali għall-offerti għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 310/2009 li għaliha ż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fis-7 ta' Lulju 2009, il-prezz massimu tax-xiri għandu jkun ta' EUR 167,90/100 kg.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 97, 16.4.2009, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 37, 7.2.2001, p. 100.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 604/2009**tad-9 ta' Lulju 2009****li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni tal-esportazzjoni tal-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jftah sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni tal-esportazzjoni li tikkonċerna ċerti prodotti tal-ħalib ⁽²⁾ jipprovdi stedina permanenti għall-offerti.
- (2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jstipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti

prodotti agrikoli ⁽³⁾ u wara stħarriġ tal-offerti mressqa b'reazzjoni għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu ta' rifużjoni tal-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-7 ta' Lulju 2009.

- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-7 ta' Lulju 2009, l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-prodotti u destinazzjoniet imsemmija fl-Artikolu 1(a) u (b) u fl-Artikolu 2 rispettivament tar-Regolament imsemmi huma stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.⁽³⁾ ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

ANNEX

(EUR/100 kg)

Prodott	Kodiċi tan-nomenklatura għar-rifużjoni għall-esportazzjoni	L-ammont massimu ta' refużjoni tal-esportazzjoni għall-esportazzjoni fid-destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 619/2008
Butir	ex 0405 10 19 9700	70,00
Żejt tal-butir (<i>butteroil</i>)	ex 0405 90 10 9000	84,50

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 605/2009**tad-9 ta' Lulju 2009****li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni tal-esportazzjoni li tikkonċerna ċerti prodotti tal-ħalib ⁽²⁾ jipprovdi stedina permanenti għall-offerti.
- (2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta

għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli ⁽³⁾ u wara sħarriġ tal-offerti mressqa b'reazzjoni għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffixsat ammont massimu ta' rifużjoni tal-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-7 ta' Lulju 2009.

- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-7 ta' Lulju 2009, l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(c) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi hu ffixsat EUR 25,80/100 kg.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.⁽³⁾ ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL IMLAQQA' FIL-KOMPOŻIZZJONI TA' KAPIJIET TA' STAT JEW GVERN

tad-9 ta' Lulju 2009

li jinnomina l-persuna li biħsiebu jaħtar bħala President tal-Kummissjoni għall-perijodu 2009-2014

(2009/532/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA, IMLAQQA' FIL-KOMPOŻIZZJONI TA' KAPIJIET TA' STAT JEW GVERN,

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 213(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi, u l-Artikolu 214(2), l-ewwel subparagrafu tiegħu, kif ukoll il-Protokoll dwar it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Artikolu 1

Is-Sur José Manuel DURÃO BARROSO huwa b'dan innominat bħala l-persuna li l-Kunsill biħsiebu jaħtar bħala President tal-Kummissjoni għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2009 sal-31 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

F. REINFELDT

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Lulju 2009

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/22/KE li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eleġibbiltà tan-nefqa fuq il-proġetti kofinanzjati mill-Fond

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5251)

(It-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(2009/533/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

(4) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda hija marbuta bl-att bażiku u, konsegwentement, b'din id-Deċiżjoni.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 23 u 35(4) tagħha,

(5) Skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta b'din id-Deċiżjoni u lanqas mhija suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

Billi:

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Fond,

(1) Fid-dawl tal-esperjenzi b'segwitu għat-tnedija tal-Fond, hu xieraq li jiġi estiż il-perjodu ta' eleġibbiltà tal-programmi annwali sabiex jgħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Fond b'mod effettiv u li tiġi adottata l-iskeda taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/22/KE ⁽²⁾ hija emendata skont li ġej:

(2) Huwa wkoll xieraq li tiġi adattata l-proċedura għas-sottomissjoni tal-programmi annwali riveduti mill-Istati Membri.

1. L-Artikolu 23(1) qed jinbidel b'dan li ġej:

(3) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit huwa marbut bl-att bażiku u, konsegwentement, b'din id-Deċiżjoni.

"1. Sabiex jiġi rivedut il-programm annwali approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20(5) tal-att bażiku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jressaq abbozz tal-programm annwali rivedut lill-Kummissjoni mill-inqas tliet xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' eleġibbiltà. Il-Kummissjoni għandha teżamina u, mill-aktar fis possibbli, tapprova l-programm rivedut skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(5) tal-att bażiku."

⁽¹⁾ ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 7, 10.1.2008, p. 1.

2. Fil-Punt 4.1 tal-Anness 5, il-Parti 5 A, il-kliem "Lista tal-irkupru kollu pendenti fit-30 ta' Ġunju tas-sena N + 2 (N = sena ta' dan il-programm annwali)" jiġu mibdula mill-kliem "Lista tal-irkupri pendenti kollha sitt xhur wara l-iskadenzi ta' eleggibilità għan-nefqa".

3. Fl-Anness 11, il-Punt I.4.1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. L-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati u l-ħlasijiet rispettivi (ħlief għad-deprezzament) li saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programm annwali tal-Istati Membri. Il-perjodu tal-eleggibilità huwa sat-30 ta' Ġunju tas-sena N + 2 (*), jiġifieri li l-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati qabel din id-data.

(*) Fejn 'N' hija s-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programm annwali tal-Istati Membri."

4. Fl-Anness 11, il-Punt V.3. jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-attivitajiet marbuta mal-assistenza teknika għandhom jitwettqu u l-ħlasijiet korrispondenti li jkunu saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament li approvat il-programm annwali tal-Istati

Membri. Il-perjodu ta' eleggibilità jidur mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-programmi multiannwali li għalihom ma sarx il-pagament tal-bilanċ fid-data tal-adozzjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lill-Irlanda, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika tal-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju tal-Olanda, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju tal-Iżvezja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jacques BARROT

Viċi President

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Lulju 2009

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/457/KE li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għall-perjodu 2007 sa 2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5257)

(It-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(2009/534/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji" ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 33(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-dawl tal-esperjenzi b'segwitu għat-tnedija tal-Fond, hu xieraq li jiġi estiż il-perjodu ta' eleġibilità tal-programmi annwali sabiex jgħin lill-Istati Membri biex jimplementaw il-Fond b'mod effettiv u li tiġi adottata l-iskeda taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.
- (2) Huwa wkoll xieraq li tiġi adattata l-proċedura għas-sottomissjoni tal-programmi annwali riveduti mill-Istati Membri.
- (3) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit huwa marbut bl-att bażiku u, konsegwentement, b'din id-Deċiżjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda hija marbuta bl-att bażiku u, konsegwentement, b'din id-Deċiżjoni.

(5) Skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta b'din id-Deċiżjoni u lanqas mhija suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat komuni għall-"Fond ta' solidarjetà u ġestjoni tal-Flussi Migratorji",

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/457/KE ⁽²⁾ hija emendata skont li ġej:

1. L-Artikolu 23(1) qed jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sabiex jiġi rivedut il-programm annwali approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(4) tal-att bażiku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jressaq abbozz tal-programm annwali rivedut lill-Kummissjoni għall-inqas tliet xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' eleġibilità. Il-Kummissjoni għandha teżamina u, mill-aktar fis possibbli, tapprova l-programm rivedut skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19(4) tal-att bażiku."

2. Fil-Punt 4.1 tal-Anness V, il-Parti A l-kliem "Lista tal-irkupri pendenti kollha fit-30 ta' Ġunju tas-sena N + 2 (N = sena ta' dan il-programm annwali)" jiġu mibdula mill-kliem "Lista tal-irkupri pendenti kollha sitt xhur wara l-iskadenzi ta' eleġibilità għan-nefqa".

⁽¹⁾ ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 167, 27.6.2008, p. 69.

3. Fl-Anness XI, il-Punt I.4.1 huwa mibdul b'dan li ġej:

“1. L-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati u l-ħlasijiet rispettivi (ħlief għad-deprezzament) li saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programmi annwali tal-Istati Membri. Il-perjodu tal-eliġibilità huwa sat-30 ta' Ġunju tas-sena N (*) + 2, jiġifieri li l-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati qabel din id-data.

(*) Fejn 'N' hija s-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programmi annwali tal-Istati Membri.”

4. Fl-Anness XI, il-Punt V.3. huwa mibdul b'dan li ġej:

“3. L-attivajiet marbuta mal-assistenza teknika għandhom jitwettqu u l-ħlasijiet korrispondenti li jkunu saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament li approvat il-programmi annwali tal-Istati Membri. Il-perjodu ta' eleġibilità jdum mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-programmi multiannwali li għalihom ma sarx il-pagament tal-bilanċ fid-data tal-adozzjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lill-Irlanda, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika tal-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju tal-Olanda, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju tal-Iżvezja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jacques BARROT

Vċi President

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Lulju 2009

li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tal-fajl li tressaq għal investigazzjoni dettaljata bil-ħsieb tal-inklużjoni possibbli tal-BAS 650 F fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5369)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/535/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(3) tagħha,

(5) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tkun ta' ħsara għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant li jressaq dejta jew informazzjoni ulterjuri biex jiċċara ċerti punti fil-fajl.

Billi:

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprevedi l-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(2) Dokument għas-sustanza attiva BAS 650 F intbagħat minn BASF SE lill-awtoritajiet tal-Olanda fis-26 ta' Settembru 2008 b'applikazzjoni biex tikseb l-inklużjoni tagħha fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 1

Bla ħsara għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, il-fajl li jikkonċerna s-sustanza attiva identifikata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, li tressaq lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-għan li tinkiseb l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness I għal dik id-Direttiva, jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stipulati fl-Anness II għal dik id-Direttiva.

(3) L-awtoritajiet Olandiżi indikaw lill-Kummissjoni li, fuq investigazzjoni preliminari, il-fajl għas-sustanza attiva kkonċernata jidher li jissodisfa r-rekwiżiti tad-dejta u l-informazzjoni stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Il-fajl li tressaq jidher ukoll li jissodisfa r-rekwiżiti tad-dejta u l-informazzjoni stipulati fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata. Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, il-fajl sussegwentement intbagħat mill-applikant rispettiv lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra, u tressaq quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali.

Il-fajl jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stabiliti fl-Anness III għal dik id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, filwaqt li jqis l-użi proposti.

Artikolu 2

(4) Permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi kkonfermat b'mod formali fil-livell Komunitarju li l-fajl meqjus li jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stipulati fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed

L-Istat Membru relatur għandu jwettaq investigazzjoni ddettaljata għall-fajl imsemmi fl-Artikolu 1 u għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni tiegħu flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew in-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanza attiva msemmija fl-Artikolu 1 u kwalunkwe kundizzjoni għal dik l-inklużjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

SUSTANZA ATTIVA KKONĊERNATA MINN DIN ID-DEĊIŻJONI

Isem Komuni, Numru tal-Identifikazzjoni CIPAC	Applikant	Data tal-applikazzjoni	Stat Membru Relatur
Kodiċi tal-iżvilupp: BAS 650 F Nru-CIPAC: għadu ma ngħatax Isem komuni tal-ISO: għadu ma ngħatax	BASF SE	fis-26 ta' Settembru 2008	NL

2009/535/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2009 li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tal-fajl li tressaq għal investigazzjoni dettaljata bil-ħsieb tal-inklużjoni possibbli tal-BAS 650 F fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5369) ⁽¹⁾** 66



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jroġġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeftiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>